# L-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Jannar 2012 | * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 67 SENA * | Nru. 934


# Żvilupp u Ambjent




GOZO CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
donated by A.F.
on 2/12
GAD 187315





# TERRY'S FABRICS

## The one-stop shop for ALL your fabric and crafting needs!

We cater in fabrics for all occassions, be it Carnival, Easter, Christmas, etc.
Find a wide selection of *crafts for kids*, *scrapbooking*, *haberdashery*, *card making accessories and embellishments*, *quilting*, *bucilla*, *ganutell*, *jewellery making* and lots more!
We also manufacture and sell uniforms and embroidered badges.

Sole agents and distributors for
**Darice**, **Cranston**, and **DCWW** craft products.

*Visit us at:*
**Tiġrija Palazz, Level 2 Republic Street, Victoria, Gozo**

*Opening hours:*
Mon-Fri from 08:30 - 12:00 and 16:30- 19:00
Saturdays mornings only
Closed on Sundays and Public Holidays

Tel: **21559329** Fax: **21561498** email: **ddts1279@gmail.com**
**www.terryfabricscoltd.com**



# IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 934*
*Jannar 2012*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni*:
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail*: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 8
X'għadda minn għalina • 10
Riflessi • 15
Mill-Parlament • 16
Kummentarju (2) • 17
Kummentarju (3) • 19
Kummentarju (4) • 22
Kummentarju (5) • 24
Kotba minn Għawdex • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Kif Niftakar lill-Isqof Cauchi • 28
Snajja Qodma (46) • 30
Ftit Fatti u Kummenti • 32
Esperjenza • 34
Rapport • 36
Passiġġata Biblika (69) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (41) • 40
Għawdex 400 sena ilu (199) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (35) • 43
Irqaqat mill-Imgħoddi • 44
Tieqa fuq l-Ambjent (34) • 46
Picture Story • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
Inħawi fir-Rabat (1) • 50



**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Charles Spiteri, Joseph Zammit, Richard Grech, Ted Attard, Alvin Scicluna, Kurja ta' l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Qoxra:** *Dehra ta' ambjent Għawdxi. Ħajr lil Joe Attard.*





## *Awgurju Sabiħ għas-Sena l-Ġdida*

***Jum ir-Repubblika – waħda mill-festi nazzjonali –tiġi u tmur kull sena fit-13 ta' Diċembru. Kull poplu, denn li jissejjaħ ċivilizzat, iżomm jum partikolari sabiex fih iċ-ċittadini jiftakru li huma lkoll flimkien jifformaw nazzjon wieħed, iħossuhom kburin b'pajjiżhom u b'hekk titkattar fosthom l-għaqda u s-solidarjetà.***

*Aħna l-Maltin u l-Għawdxin ukoll naspiraw sabiex fostna jkun hawn l-għaqda, u għal jum nazzjonali wieħed, għandna ħamsa. B' differenza ta' popli oħra, almenu tlieta minn dawn il-jiem nazzjonali jkattru mhux l-għaqda iżda jsostnu il-fakra u t-tifkira tal-firdiet tal-imgħoddi bejn l-aħmar u l-blu. Għaddew u tgerrbu s-snin u bqajna bil-fatt imkebbes bl-istint li jekk Jum Nazzjonali naħa waħda tonorah, in-naħa l-oħra tinjorah, jekk mhux ukoll tinsulentah. Nuqqas ta' maturità b'rikorrenza kull sena.*

***F'dan ix-xenarju ta' qsim u firdiet, Jum ir-Repubblika 2011, għalina l-Għawdxin spikka b'differenza. Kien tabilħaqq mument f'waqtu biex il-ġurnali tat-13 ta' Diċembru jagħtu l-aħbar li "il-Ministru għal Għawdex tissekonda mozzjoni tal-Oppożizzjoni."*** **Private Member's Bill** ***mressaq minn Dr. Justyne Caruana biex Għawdex ikollu Qorti Superjuri u għaldaqstant jitqiegħed fil-livell tal-Qrati f'Malta, kien mill-ewwel sekondat mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.***

***Din hi kwalità ta' politika matura li taħrab minn dik li drajna fiha, fejn il-partiti jfittxu x-xagħra fl-għaġina biex jikkritikaw u ma jaqblux ma' xulxin. Hi politika li tirrispetta l-intelliġenza tan-nies u li teduka f'dak li jgħaqqadna. Hi politika li ma titnissilx fil-preġudizzju li kulma naħa tipproponi, in-naħa l-oħra topponih bħallikieku mniġġes b'xi dnub oriġinal. Politika bħal din titwarrab mir-rutina tar-ripetizzjoni bl-amment ta'*** **its master's voice** ***u mis-suġġerimenti pikużi ta' xi*** **grande fratello.** ***Hi politika li togħġob lil dawk l-Għawdxin li xebgħu bl-istrateġiji ta' konfrontazzjoni u jixtiequ jassistu għal metodi ġodda ta' koperazzjoni u konverġenza. Hi politika li tagħti eżempju għax turi li Għawdex u l-Għawdxin għandhom u jistgħu jiġu qabel l-ilwien partiġjani.***

*Dwar din il-konverġenza taż-żewġ linji paralleli li regolarment jipprattikaw il-partiti politiċi, tkellem f'Għawdex, l-E.T. il-President ta' Malta, George Abela, dakinhar ta' Jum ir-Repubblika 2011. Hu saħaq fuq il-ħtieġa ta' konverġenza li l-partiti politiċi tagħna jeħtieġ isibu sabiex jagħtu servizz aħjar lill-pajjiż.*

*Fil-ktieb tiegħu* A Cosa Serve La Politica?, *Piero Angela jgħid li "l-politika ma tipproduċix il-ġid direttament, iżda tokkupa ruħha mit-tqassim tiegħu." M'hemmx dubju li l-politika Maltija qed taħdem biex jitkattar il-ġid u tehda fit-tqassim tiegħu. Imma l-istrateġija ta' konfrontazzjoni eżaġerata, li saħansitra tinqeda bil-fakriet tas-snin tmenin u sittin, tkun pjuttost tkattar u tqassam l-għadab u l-firda mill-ġdid.*

*Għaldaqstant, f'dan il-kuntest tissaħħaħ ukoll il-konverġenza jekk ma jibqax jintafa' melħ fil-feriti ta' xulxin. U bir-raġun, aħna nħeġġu u ninkuraġġixxu l-qbil mingħajr tlaqliq bejn ir-rappreżentanti Għawdxin, tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni, fejn jidħol il-ġid ta' Għawdex. Dan huwa ukoll konverġenza.*

***Naturalment, bħalma jħobbu jgħidu t-Taljani,*** **"Una rondine non fa primavera"** ***– ħuttafa waħda ma tagħmilx rebbiegħa. Qbil bħal dak li sar dwar il-Qorti f'Għawdex m'għandux ikun okkażjoni ta' darba. Nawguraw li matul is-sena 2012, issa li qed toqrob l-elezzjoni, ikollna aktar xhieda fejjieda ta' din ix-xorta.***


**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*




***Tliet saċerdoti Għawdxin maħtura Monsinjuri tal-Papa***

Waqt ċerimonja li saret fil-Kurja tal-Isqof nhar il-Ħamis 4 ta' Awwissu 2011, Mons Isqof Mario Grech ippreżenta d-digriet tal-ħatra ta' Monsinjuri tal-Q.T. il-Papa lis-saċerdoti Dun Renato Borg mill-parroċċa ta' Sannat, Dun Ġorġ Farrrugia mill-parroċċa tax-Xagħra u Dun Mikiel Mintoff mill-parroċċa tal-Għasri.

***Mons. Renato Borg***

Dun Renato Borg twieled Ta' Sannat, iben Lorenzo u Agnes Borg. Fl-1976 beda l-istudji filosofiċi-teoloġiċi tiegħu fis-Seminarju maġġuri t'Għawdex.

Ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Ġunju, 1985. Wara kompla bl-istudji tiegħu fl-Istitut Giovanni Paolo II għall-familja fejn kiseb il-grad ta' liċenzja fit-teoloġija. Fi żmien li dam Ruma huwa ta s-sehem tiegħu f'ħidma pastorali fil-Parroċċa ta' Santa Luċija, f'Piazzale Clodio u kien jieħu ħsieb il-pastorali mal-i*scouts*.

Ġie imsejjaħ lura fid-djoċesi fl-1989 bħala assistent direttur fid-Dar ta' San Ġużepp f'Għajnsielem. Iktar tard ġie msejjaħ bħala segretarju pastorali tal-Isqof Nikol G. Cauchi. Dam f'din il-kariga sal-mewt tal-istess Mons. Cauchi. F'dan iż-żmien hu ta u għadu jagħti s-sehem tiegħu f'ħidma pastorali fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb, Victoria.

F'din iż-żona huwa jieħu ħsieb il-kura tal-morda u l-anzjani. Reċentement Dun Renato kiseb l-MA fi studji ta' Bio-Etika mill-Università ta' Malta.

Bħala lekċerer fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, Fr. Renato jagħti korsijiet lis-seminaristi dwar il-familja. Huwa għamel xi żmien bħala għalliem fis-Seminarju Minuri. Fr. Renato jagħti diversi lezzjonijiet lil gruppi ta' għarajjes li jattendu għall-formazzjoni ta' qabel iż-żwieġ organizzati mill-Moviment ta' Kana. Dan l-aħħar l-Isqof ħatru bħala "awditur" fit-Tribunal Ekkleżjastiku tad-Djoċesi. Huwa awtur ta' diversi artikli ta' natura teoloġika u pastorali.

***Mons. Ġorġ Farrugia***

Dun Ġorġ Farrugia twieled ix-Xagħra nhar id-9 ta' Settembru 1946 u ġie ordnat saċerdot fl-24 ta' Ġunju, 1962. Wara l-ordinazzjoni mar Ruma u bejn is-snin 1972-74 kien vigarju parrokkjali fil-parroċċa ta' San Martin Papa. Ġie lura fid-djoċesi fl-1974 u ġie mogħti l-inkarigu ta' viċi-direttur fid-Dar ta' San Ġużepp, Għajnsielem.

Fl-1978 Dun Ġorġ ġie msejjaħ fuq ħidma pastorali bħala kappillan fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex fejn kien jikkonforta lill-morda u anzjani ukoll, billi jamministra l-aħħar sagramenti. Dam f'din il-kariga sal-età pensjonabbli. Għal dawn l-aħħar snin ta l-kontribut tiegħu fix-xogħol tal-amministrazzjoni tas-Seminarju Maġġuri.

Għal kważi 30 sena, Dun Ġorġ ilu jservi bħala kanonku tal-Kapitlu Kolleġġjali tal-Bażilika tax-Xagħra. Huwa presbiteru tal-Ewwel Komunità Ewkaristika fix-Xagħra u jgħin fit-tiġdid spiritwali ta' diversi komunitajiet kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta. Dun Ġorġ għandu programm regulari ta' kull ġimgħa fuq ir-radju tal-komunità tax-Xagħra.

***Mons. Mikiel Mintoff***

Dun Mikiel Mintoff twieled l-Għasri fid-19 ta' Frar 1949. Ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Ġunju 1974. Wara l-ordinazzjoni tiegħu ġie mibgħut Ruma u qeda l-uffiċċju



ta' vigarju parrokkjali fil-parroċċa ta' San Polikarpu. Waqt din il-ħidma għamel ukoll kors fit-teoloġija pastorali f'Istitut Pastorali tal-Università Lateranensi fejn kiseb il-grad ta' liċenjza fit-teoloġija.

Ġie msejjaħ lura fid-djoċesi fl-1979 u ġie afdat bil-kariga ta' Viċi-Rettur u Prefett tas-Seminaristi Maġġuri. Għal 18-il sena sħaħ kien għas-seminaristi ħabib u missier. Attwalment huwa membru tal-Bord tas-Seminarju li jgħin lill-Isqof u lir-Rettur fil-formazzjoni tal-kandidati għas saċerdozju. Hu membru tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Bażilika tal-Għarb.

Iktar tard Dun Mikiel Mintoff ġie msejjaħ bħala Prokuratur tal-Konservatorju tal-Isqof fejn ħa ħsieb l-estensjoni tal-iskejjel tal-primarja u s-sekondarja.

Sussegwentament ġie msejjaħ biex jaqdi l-ministeru pastorali fost il-morda u l-anzjani rikoverati fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Huwa jagħti wkoll l-għajnuna tiegħu f'ħidma parrokkjali fil-parroċċa tal-Għasri u jikkontribwixxi fil-pastorali skolastika.

### *Erba' lajċi mogħtija ir-rikonoxximent 'Pro Ecclesia et Pontefice'*

Mons Isqof Mario Grech ippreżenta ukoll ir-rikonoxximent '*Pro Ecclesia et Pontefice*' lil diversi lajċi li matul is-snin wettqu ħidma kontinwa favur il-Knisja fl-appostolat tagħha u favur il-Papa. Il-lajċi li rċivew dan ir-rikonoxximent huma: is-Sur Vincent Refalo, is-Sur Ġużeppi Refalo, is-Sinjura Antoinette Frendo u Ms. Lucy Camilleri.

### *Awguri tal-Milied u Onorifiċenzi tal-Isqof Mario Grech*

Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Diċembru Mons Isqof Mario Grech stieden lil diversi kollaboraturi tiegħu membri fid-diversi kummissjonijiet li għandu fil-Kurja biex jagħtihom l-awguri għall-Milied u l-Ewwel tas-Sena. F'din l-okkażjoni hu ta l-onorifiċenzi lil 4 saċerdoti Għawdxin. Tlieta ġew maħtura Monsinjuri Onorarji tal-Kapitlu tal-Katidral t'Għawdex filwaqt li wieħed ġie maħtur Kanoniku Onorarju tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tax-Xagħra. Wara ċ-ċerimonja kulħadd kien mistieden għal *drinks* tal-Milied.

### *Mons. Ġużepp Zammit*

Mons. Ġużeppi Zammit twieled l-Għasri u wara l-formazzjoni tiegħu fis-Seminarju t'Għawdex ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Ġużeppi Pace fit-2 t'April tal-1960. Pastoralment ta s-servizz tiegħu fil-parroċċa tal-Għasri, kif ukoll bħala Kappillan tal-Isptar Mentali t'Għawdex. Fil-qasam soċjali huwa kien għal darbtejn Viċi President tal-Kunsill Ċiviku t'Għawdex kif ukoll darbtejn President tal-istess Kunsill. Attwalment jieħu ħsieb il-knisja Bażilika tal-Patroċinju fil-parroċċa tal-Għasri.



### *Mons. Ġużepp Gauci*

Mons. Ġużeppi Gauci twieled ir-Rabat Għawdex u ġie ordnat saċerdot fil-25 ta' Mejju tal-1965. Ħadem bħala vigarju parrokkjali fil-parroċċa ta' San Ġorġ u kien wieħed mill-fundaturi tal-*Chorus Urbanus* fi ħdan l-istess parroċċa. Kien ukoll assistent taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Għal diversi snin sakemm ħareġ bil-pensjoni tal-età huwa kien prefett tad-dixxiplina fis-Seminarju Minuri t'Għawdex. Irriċerka ukoll il-ħajja ta' Madre Margerita Debrincat, fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù u ħareġ diversi kitbiet dwarha.

### *Mons. Anton Sultana*

Mons. Anton Sultana twieled il-Qala Għawdex. Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Nikol Cauchi fit-30 ta' Mejju tal-1970. Fi ħdan l-istess parroċċa tal-Qala huwa kien għal diversi snin Vigarju parrokkjali flimkien mal-Arċipriet Mons. Ġużeppi Borg Attard u iktar tard, wara esperjenzi pastorali fl-Amerika, huwa ġie maħtur Arċipriet tal-istess parroċċa. Fi tmiem il-parrokat tiegħu huwa kompla b'esperjenzi pastorali fl-Italja u iktar tard lura f'Għawdex ġie maħtur Assistent Direttur tal-*Lumen Christi Media Centre*. Fi ħdan din l-organizzazzjoni huwa ta sehmu fit-twaqqif tal-*Bookshop*, fir-riforma tar-Rivista "Il-Ħajja f'Għawdex", kif ukoll f'dik tal-*Lumen Christi Publications*. Mons. Sultana huwa awtur ta' diversi kotba u artikli ta' xeħta spiritwali.

### *Kanoniku Onor. Emmanuel Bonello*

Il-Kan. Onorarju Dun Manwel Bonello twieled ix-Xagħra Għawdex u ġie ordnat saċerdot fil-25 ta' Ġunju tal-1983 mill-Isqof Nikol Cauchi. Wara l-ordinazzjoni tiegħu beda l-ħidma pastorali tiegħu ġewwa l-Arċidjoċesi ta' Melbourne fl-Awstralja. Ħadem f'diversi parroċċi bħala vigarju parrokkjali sakemm inħatar Kappillan tal-parroċċa ta' *St. Thomas More* f'Gadfield fil-27 ta' Lulju tal-1994 fejn għamel 13-il sena. Minn hemm imbagħad fl-4 ta' Lulju 2007 għadda għal tmexxija ta' parroċċa oħra ta' *St. Joseph the Worker* f'North Reservoir fejn għadu attwalment. Il-Kanoniku Onor. Bonello dejjem ħadem f'parroċċi bi preżenza ta' Maltin u Taljani.

*X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# "Żvilupp Uman Sostenibbli"

***Konferenza Nazzjonali "Biżżejjed għal Kulħadd" organizzata mill-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent - is-Sibt 17 ta'Diċembru 2011***



"Minkejja li fl-aħħar kwart ta' seklu rajna reviżjoni importanti dwar x'nifhmu bi żvilupp, nibża' li fostna fadal min għadu bil-kunċett ta' "żvilupp produttivista", fis-sens li f'ċerti mħuħ għadu jipprevali l-mudell li jiffavorixxi l-aspett ekonomiku, il-kwantità tal-produzzjoni u tal-konsum b'detriment għall-aspetti soċjali, kulturali u ambjentali! Fis-soċjetà tagħna teżisti l-kultura li żvilupp ifisser li tirreġistra l-profitti biex hekk jitkattar il-ġid ekonomiku, imma, kif josserva l-Papa Beneditttu XVI fl-aħħar enċiklika tiegħu *Caritas in veritate, "profit is useful if it serves as a means towards an end that provides a sense both of how to produce it and how to make good use of it. Once profit becomes the exclusive goal, if it is produced by improper means and without the common good as its ultimate end, it risks destroying wealth and creating poverty".*

F'dan il-kuntest, napprezza l-inizjattiva tal-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent li qed torganizza din il-Konferenza Nazzjonali li, fost ħwejjeġ oħra, qed tiddiskuti l-kunċett ta' żvilupp li għandu jitħaddem mill-bniedem illum.

Illum nitkellmu minn "żvilupp sostenibbli" u definizjoni li hija aċċettata minn ħafna hija dik mogħtija fl-1987 mill-



Kummissjoni Dinjija għall-Ambjent u l-Iżvilupp fi ħdan il-Ġnus Magħquda li ddefeniet **l-iżvilupp sostenibbli bħala dak l-iżvilupp li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-preżent mingħajr ma jikkompromettti l-kapaċità tal-ġenerazzjonijiet futuri li jkunu jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom. Skont din id-definizzjoni l-għan aħħari ta' kull żvilupp huwa l-bniedem, fis-sens li l-iżvilupp sostenibbli huwa sostenibbli jekk ikun maħsub biex iġib 'il quddiem il-ħtiġijiet/drittijiet tal-bniedem, kemm bejn il-bnedmin tal-lum kif ukoll in vista tal-ġenerazzjonijiet futuri.** Huwa fatt li t-tħassib dwar il-ġenerazzjoni ta' għada jimplika li qegħdin nammettu li n-natura ta' madwarna hija sistema limitata u għaldaqstant huwa dmir tagħna llum li niffissaw miri politiċi u ekonomiċi li jħarsu l-patrimonju ambjentali. Kif jafferma l-Papa Beneditttu XVI, illum is-soċjetà teħtieġ *"a serious review of its life-style, which, in many parts of the world, is prone to hedonism and consumerism, regardless of their harmful consequences. What is needed is an effective shift in mentality which can lead to the adoption of new life-styles in which the quest for truth, beauty, goodness and communion with others for the sake of common growth are the factors which determine consumer choices, savings and investment"* (CV 51).

Għaliex, għalkemm huwa minnu li r-riżorsi naturali huma meħtieġa biex ikun hemm progress ekonomiku, il-kwalità tal-ħajja umana ma tiddependix biss mill-ġid finanzjarju imma minn ħafna fatturi oħra preżenti fil-ħajja familjari u soċjali – dik li tissejjaħ "ekoloġija umana". **Mhux biss hemm rabta bejn ir-rispett lejn l-ekoloġija naturali u l-ekoloġija umana, imma hemm min itenni li s-soluzzjoni għall-problemi tal-ekoloġija ambjentali tinsab fl-ekoloġija umana! Jekk il-bniedem ifieri lilu nnifsu, jolqot ukoll l-ambjent ta' madwaru**; jekk il-bniedem jogħdos fin-Nikiliżmu, dan ma jistax ma jkollux effett fuq in-natura! Il-Papa Beneditttu XVI, fl-enċiklika fuq imsemmija, jikteb illi *"the deterioration of nature is in fact closely connected to the culture that shapes human coexistence: when 'human ecology' is respected within society, environmental ecology also benefits. Just as human virtues are interrelated, such that the weakening of one places others at risk, so the ecological system is based on respect for a plan that affects both the health of society and its good relationship with nature"* (n. 51).

Għalhekk ikun aktar f'postu jekk l-"iżvilupp sostenibbli" nikkwalifikawh bħala "żvilupp uman sostenibbli", liema kunċett għandu tliet dimensjonijiet:



1. Is-sotenibbiltà ambjentali, fis-sens li wieħed jirrispetta dak li toffri l-ekosistema u juri attenzjoni biex ma jħarbatx l-ekwilibriju ekoloġiku. F'dan l-ambitu hemm żewġ estremi li sew jiġu evitati: *(1) "to view nature as something more important than the human person"; (2) "it is also necessary to reject the opposite position, which aims at total technical dominion over nature, because the natural environment is more than raw material to be manipulated at our pleasure; it is a wondrous work of the Creator containing a 'grammar' which sets forth ends and criteria for its wise use, not its reckless exploitation. Reducing nature merely to a collection of contingent data ends up doing violence to the environment and even encouraging activity that fails to respect human nature itself"* (CV 48).
2. **Is-sostenibbiltà ekonomika li timplika li s-somom ekonomiċi jsiru billi wieħed jieħu f'kunsiderazzjoni mhux biss il-kapital u x-xogħol involuti imma wkoll il-"kapital naturali", li jinkludi s-sistemi naturali (art, flora, fawna, baħar), il-prodotti tan-natura (agrikoltura, sajd, eċċ.) u l-patrimonju artistiku.** Skont dan il-kriterju għandha tingħata attenzjoni aktar lill-kwalità milli lill-kwantità tal-intervent. Meta d-dinja tan-"negozju" tagħlaq għajnejha għad-dinjità tal-bniedem u titfa' wara spallejha l-valur tal-liġi morali naturali, l-etika tas-suq tal-finanzi (*business ethics*) *"inevitably risks losing its distinctive nature and it falls prey to forms of exploitation; more specifically, it risks becoming subservient to existing economic and financial systems rather than correcting their dysfunctional aspects. Among other things, it risks being used to justify the financing of projects that are in reality unethical"* (CV 45).
3. Is-sostenibbiltà soċjali hija dik l-arti li biha tiggarantixxi li jingħataw l-istess possibbiltajiet lil kulħadd u li jkun hemm disponibbiltà tal-istess servizzi (sanitarji, edukattivi, soċjali, eċċ.) għal kulħadd.

Ħassejt li għandi nagħmel dawn il-ftit riflessjonijiet fil-bidu ta' din il-Konferenza mhux tant biex inkun esponejt xi prinċipji dwar l-iżvilupp sostenibbli, imma **għax inħoss li f'pajjiżna, anke f'dak li jirrigwarda lil Għawdex, is-soċjetà għadha ma niżżlitx għeruqha biżżejjed fil-fond ta' dan il-kunċett. Nistaqsi jekk fuq livell nazzjonali il-pjan ta' żvilupp għal pajjiżna jinkorporax ir-reġjun t'Għawdex bħala parti integrali mill-programm ta' żvilupp sostenibbli tan-nazzjon. Nistaqsi jekk min, mill-qasam tal-privat, qed jagħmel il-proposti dwar l-iżvilupp ta' din il-gżira għandux dan il-kunċett. Il-kritika hija għodda valida u tajba, imma nistaqsi jekk il-vuċijiet kritiċi dwar l-iżvilupp f'din il-ġżira humiex motivati minn dan il-kunċett ta' żvilupp uman sostenibbli jew jekk humiex ġenwini, fis-sens li huma osservazzjonijiet li jserrħu fuq data oġġettiva u huma ħielsa minn interessi finanzjarji, ta' politika partiġġjana u preġudizzji.**

**FATIMA**
**Mill-10 sal-15 ta' Mejju**
**FL-OKKAZJONI SPEĊJALI**
**TA' L-EWWEL DEHRA**
**Inzuru wkoll: LISBONA-BATALHA**
**ALCOBACHA U NAZARE**
**Hotel 3 Star Magemb is-Santwarju**
**Bi Breakfast, Pranzu u Cena kuljum**
**Programmi : JPE TRAVEL SERVICES**
**7 Pjazza Indipendenza-Victoria**
**Tel. 21 56 12 12 - 3**
**Tour Leader: PAUL M. CASSAR**
**Tel.21 55 10 04 - 79 02 10 33**
**Bookings qabel Frar jiehdu skont ta' €20**

**ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!**
*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*

**GREZZJU BONELLO**
*Iest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

*Kummentarju (1)*

# *Is-Sena tal-Anzjani Attivi... imżewqa bil-ħsieb tal-Isqof Cauchi*



*kitba ta'* **MONS. SALV GRIMA**

**Kien f'Settembru 2010 meta l-Kummissjoni Ewropea għamlet il-proposta biex l-2012 tkun "Is-Sena Ewropea tal-Anzjani Attivi". Dakinhar Mons. Isqof N. Cauchi kien għadu joffri s-servizzi tiegħu, u altru li kien anzjan attiv u ma kienx jaf jgħid "le" għall-enerġija u dedikazzjoni li kellu.**

L-għan ta' din is-sena hu prinċipalment li jinstabu opportunitajiet aħjar ta' xogħol b'dawk il-kondizzjonijiet għal numru dejjem jiżdied ta' anzjani fl-Ewropa. Fl-istess ħin ikunu mħajrin biex jibqgħu b'ħajja attiva fi ħdan is-soċjetà bla ma jitilfu l-kuraġġ li hemm bżonn f'dik l-età li trid tibqa' f'saħħitha. Din l-inizjattiva tista' tkompli toħloq qafas politiku fi ħdan il-pajjiżi Ewropej dwar il-problema marbuta maż-żieda tal-popolazzjoni li qed tikber fiż-żmien. Dan il-fattur qed ikollu wkoll impatt fuq is-servizzi pubbliċi u anki dawk finanzjarji. Milli jidher is-suġġett se jkun fuq l-aġenda ta' iktar diskussjoni fuq livelli varji fi ħdan il-komunità Ewropea.



**Il-ġejjieni qed juri ċar kemm l-Ewropa tinsab fi proċess mgħaġġel ta' xjuħija. Mil-lum hu magħruf li n-numru ta' ħaddiema se jibda jiċkien waqt li l-popolazzjoni 'l fuq minn 60 sena dejjem tkompli tiżdied b'madwar 2 miljuni fis-sena. Dan il-fenomenu hu kalkulat li se jkun fl-aqwa tiegħu matul il-perijodu 2015 u 2035 skont ir-rata tat-twelid li għaddejjin minnha ħafna pajjiżi.**

## *Fl-anzjani t-tama tal-ġejjieni*

Din is-sitwazzjoni qed tkun ta' sfida qabel xejn biex il-finanzi pubbliċi jkunu sostenibbli għaliex jinvolvu spejjeż għall-kura tas-saħħa u l-pensjonijiet, bil-konsegwenza li tiddgħajjef is-solidarjetà bejn ġenerazzjoni u oħra. Biex dan ikun evitat hu meħtieġ li ma jitwarrabx il-kontribut siewi li l-anzjani jistgħu joffru lis-soċjetà, u dan irid isir malajr kemm jista' jkun, anki mil-lat finanzjarju.

Li nirrikonoxxu li fl-età anzjana jista' jkun hemm potenzjal qawwi ta' ħidma huwa xi ħaġa li tagħmel unur lil dan is-settur tal-popolazzjoni. Min-naħa l-oħra hu fatt ukoll li f'dawn l-aħħar snin huma diversi l-pajjiżi li għażlu li jgħollu l-età tal-irtirar għall-ħaddiema, l-iktar minħabba l-problema tad-dejn jew falliment, deċiżjoni li setgħet ħolqot diżgwid fost iċ-ċittadini. Pajjiżi oħrajn bħall-Ġermanja jħossu l-istess ħtieġa minħabba n-nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati bil-konsegwenza li dawn ikollhom jistennew sa 67 sena qabel jaqbdu l-pensjoni tagħhom.

Għalhekk huwa suġġett propost mill-Unjoni Ewropea li għandu jqajjem iktar kuxjenza, speċjalment fost dawk li jistgħu jfasslu leġiżlazzjoni, ħalli tmexxi 'l quddiem anzjanità iktar attiva. Dan mhux biss bi skop ekonomiku u finanzjarju, iżda wkoll biex tibqa' magħrufa l-abbiltà tal-ħaddiem li tista' sservi ta' inċentiv għal oħrajn. Ċerta ħidma ttawwal is-saħħa tal-bniedem u anki tkun ta' kontribut għas-soċjetà bħalma jsir permezz tal-volontarjat. Il-proposta tas-Sena tal-Anzjani Attivi m'għandhiex tkun xi ħaġa limitata għal-leġiżlaturi fuq livell nazzjonali biss b'dak kollu li jkun meħtieġ għall-ġid tas-soċjetà inġenerali, iżda anki f'ambjenti oħrajn jew fost komunitajiet varji li jistgħu jibbenefikaw minn servizz bħal dan.

## *Is-sehem tal-Isqof Cauchi*

**F'Mons. Isqof Nikol Cauchi wieħed seta' jinnota kemm l-attività tiegħu f'età avanzata ma waqfet qatt. Mhux biss, imma kemm-il darba tul ħajtu ttratta s-suġġett f'għadd ta' ittri jew pjanijiet pastorali, f'riżoluzzjonijiet f'seminars, f'kungressi bis-sehem tal- lajċi mmexxija minnu stess u bil-kollaborazzjoni ta' membri ta' għaqdiet reliġjużi.** Dan għamlu billi indirizza wkoll lill-anzjani, u mhux mingħajr l-ideat u l-proposti tiegħu għal ħajja aħjar f'kull aspett li jsibu ruħhom fih. Fil-Pastorali għar-Randan 1980 dwar "Il-Knisja u n-Nies tax-Xogħol" huwa jitkellem fit-tul dwar il-problemi tax-xjuħija li "minħabba l-età ma jkunux jifilħu aktar għax-xogħol u jkollhom jirtiraw". Hawn huwa jsostni li "jeħtieġ li s-soċjetà, anki f'isem il-karità nisranija, tagħmel dak kollu li tista' biex l-anzjani ma jaqgħux fil-monotonija u fl-iżolament, iżda jkunu jistgħu jiltaqgħu flimkien u jwettqu xi attività li fiha jistgħu jehdew".

**Minn studji iktar reċenti sar magħruf li pajjiżna jista' jkun f'riskju kbir kif jgħaddi minn żieda kbira ta'**



**anzjani f'paragun mal-bqija tal-popolazzjoni u dan iġib miegħu konsegwenzi ta' natura finanzjarja. Anki jekk f'50 sena l-popolazzjoni Maltija hemm tendenza li tkun naqset, xorta waħda qed ikun kkalkulat li Malta jkollha 9 pensjonanti għal kull 10 li jkunu għadhom fil-ħajja tax-xogħol. Dan faċli jiġri wkoll minħabba li l-ħajja twalet ladarba l-mediċina u s-saħħa għaddew minn żviluppi kbar. Jekk illum fuq skala nazzjonali hawn 23% 'il fuq minn 60 sena, fil-każ ta' Għawdex iċ-ċifri jvarjaw.**

Dawn ir-realtajiet soċjali ma setgħux ma jkunux inklużi wkoll fil-Pjan Pastorali Kwinkwennali (1995-2000) għad-djoċesi kollha li kien jittratta dwar il-komunità Nisranija fi tħejjija għat-tielet millennju. Hawn l-anzjani ngħataw attenzjoni partikulari mhux biss għax jissemmew dawk li huma rtirati fi djarhom, oħrajn fi djar apposta, l-użu tad-*day centres*, il-varjetà ta' passatemp li jista' jkollhom, imma wkoll kif jistgħu jimlew aħjar il-ħin liberu li jkollhom.

L-istess punt reġa' tqajjem fil-Pjan Pastorali tal-5 snin ta' wara, iżda bi skop li jingħataw iktar inċentivi għall-attività tal-anzjani, anki fuq livell ta' volontarjat. Infatti naqraw li "kibret anki f'pajjiżna l-kategorija tal-anzjani.... li għad baqgħalhom ħafna riżorsi, kapaċi jagħtu sehemhom għall-ġid komuni..... Il-preżenza ta' ħafna anzjani fid-dinja tal-lum irridu nqisuha bħala don u bħala rikkezza umana u spiritwali fl-istess ħin. Jekk ngħarfuha bħala wieħed mis-sinjali taż-żminijiet, dil-preżenza dejjem tikber tal-anzjani tista' tgħinna nerġgħu nsibu s-sens veru tal-ħajja".

*Anzjani b'għana ta' kariżmi*

Fi kliem Mons. Cauchi ta' iktar minn 10 snin ilu, **"għandna dejjem niskopru kemm ix-xjuħija għandha l-kariżmi propji tagħha, li rridu nivvalorizzawhom iżjed u nibbenefikaw minnhom kemm jista' jkun".** Fost dawn il-kariżmi jissemmew il-gratuwità minħabba d-disponibbiltà flimkien mal-altruiżmu u l-ġid tal-oħrajn, l-esperjenza minħabba li l-anzjani għandhom x'joffru lill-ġenerazzjoni żagħżugħa, l-interdipendenza minħabba t-tfittxija tagħhom għall-kumpanija ladarba ħadd ma jista' jgħix għal rasu, kif ukoll **il-kariżma "tal-viżjoni iktar sħiħa tal-ħajja. Ix-xjuħija hija l-età tas-sempliċità u tal-kontemplazzjoni. Bil-ħajja tiegħu, l-anzjan jgħallimna l-importanza tal-valuri affettivi, morali u spiritwali".**

L-istess pjan djoċesan li għandu warajh il-ħsieb u l-impenn pastorali ta' Mons. Isqof Cauchi, ifiehem li **"l-anzjani m'għandhomx ikunu biss destinatarji passivi tal-kura pastorali, imma fuq kollox appostli ta' sħabhom għax ħadd daqshom ma jaf is-sensibbiltà, il-psikoloġija u l-problemi ta' din l-età".** Hawn jissemma' l-kontribut tagħhom fi ħdan il-parroċċa meta jibqgħu attivi fl-appostolat, bħala katekisti, fil-liturġija, bħala ministri straordinarji tat-tqarbin, fix-xandir, żjajjar lill-morda u anzjani oħra. **"L-anzjani għandhom jibqgħu jgawdu ċerta awtonomija u jkollhom il-possibbiltà li jokkupaw ħafna mill-ħin liberu tagħhom f'attivitajiet soċjali, kulturali u rikreattivi"** u xejn inqas **"b'dak li jgħidu u bix-xhieda ta' ħajjithom, huma jkunu evanġelizzaturi tal-valuri fondamentali, kemm dawk umani kif ukoll dawk Insara".**

Bħall-oħrajn ta' qabilha, dis-Sena Ewropea ddedikata għall-anzjani attivi tiġi u tmur. Għandha skop li twassal il-messaġġ tagħha, tant attwali u meħtieġ bit-tama li jintlaqa' għall-ġid tal-futur tal-Ewropa. Iżda żgur li m'għandhiex tkun sena li tagħmel għajb lill-ħsieb u proposti li Mons. Cauchi wera tul l-episkopat tiegħu. L-appell tiegħu jibqa' wieħed ċar. Infatti hekk jagħlaq l-aħħar pjan pastorali: **"Dawk li spiċċaw mix-xogħol u daħlu fis-snin tat-tielet età jibqgħalhom ħafna enerġija fiżika, mentali u spiritwali. Għalhekk tajjeb jimpenjaw b'ġenerożità l-ħin liberu tagħhom u jużaw it-talenti li għandhom fi programmi ta' volontarjat, anki b'risq l-anzjani sħabhom".**

**L-età ma tieqaf qatt. U bħalha lanqas m'għandha tieqaf il-ħidma għall-aħwa anzjani!**

A Whole New Look

Sharmain's
Styling Salon

Our Lady of Victory
Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija*
*minn Charles Spiteri*

## *Maria Pellicano maħtura bħala "Iż-Żagħżugħa tas-Sena 2011"*



*Fir-ritratt jidhru mix-xellug għal-lemin Dun Emmanuel Cordina, Sarah Attard, (Mellieħa) Maria Pellicano, (Siġġiewi) E.T. George Abela, Ryan Mercieca, (Victoria) Jacqueline Cefai (Qala) u Sarah Borg (Birkirkara, rebbieħa tal-Premju Żagħżugħ/a tas-Sena 2010)*

Is-Sibt 26 ta' Novembru saret id-dsatax u l-aħħar edizzjoni taċ-ċerimonja ta' Żagħżugħ/a tas-Sena 2011, ġewwa l-lukanda ta' Ċenċ, f'Sannat.

L-għan ta' din l-attività organizzata mill-Fondazzjoni OASI huwa wieħed ta' rikonoxximent pubbliku kif ukoll ta' inkoraġġiment liż-żgħażagħ li jwettqu ħidma ta' volontarjat fil-komunità. Rikonoxximent li jingħata liż-żgħażagħ kollha nominati li jkunu wrew inizjattiva u kreattività filantropika, soċjali jew kulturali u li jkunu qdew dmirijiethom ordinarji b'onestà, dedikazzjoni u effiċjenza.

Ta' min jgħid li dan l-avveniment huwa differenti minn premijiet simili, għaliex fih ma jintgħażilx rebbieħ jew rebbieħa, iżda dawk kollha nominati jiġu onorati u rikonoxxuti, għad li fl-aħħarnett jintgħażel minn fosthom xi ħadd biex ikun l-ambaxxatur jew ambaxxatriċi taż-żgħażagħ kollha quddiem is-soċjetà għal sena sħiħa.

L-E.T. il-President ta' Malta George Abela, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u Dun Manwel Cordina fid-diskors tagħhom enfasizzaw dwar id-dedikazzjoni li żgħażagħ li jagħmlu xogħol volontarju juru lejn l-oħrajn mingħajr ma jistennew xejn b'lura. Dun Manwel temm id-diskors tiegħu billi rringrazzja lill-E.T. l-President ta' Malta li ftit tax-xhur ilu għolla dan il-ġieħ tal-volontarjat fl-għola istituzzjoni ta' Malta, billi waqqaf fis-sede presidenzjali ta' Malta rikonoxximent nazzjonali fil-qasam tal-volontarjat. Dun Manwel ħabbar li b'rispett u b'koperazzjoni, il-Fondazzjoni OASI ser iċċedi dan ir-rikonoxximent bħala ġest gratwit lejn il-Premju tal-Volontarjat li ġie organizzat mill-E.T. il-President u għalhekk din hija l-aħħar sena li ser tiġi organizzata ċ-Ċerimonja ta' Żagħżugħ/a tas-Sena.

Fl-edizzjoni ta' din is-sena, fis-serata finali kien hemm erba' nominazzjonijiet minn diversi organizzazzjonijiet madwar Malta u Għawdex. Kif titlob it-tradizzjoni ta' din iċ-ċerimonja, Dun Manwel Cordina, Direttur Ġenerali tal-Fondazzjoni OASI, mgħejjun minn Sarah Borġ iż-Żagħżugħa tas-Sena tal-aħħar edizzjoni li għaddiet, ippreżenta lil kull nominat u nominata ċertifikat u trofew ta' rikonoxximent, apprezzament u tifkira.

L-aktar mument eċċitanti u kommoventi tas-serata kien meta n-Nutar Enzo Refalo, President tal-Kumitat ta' l-Għażla, qara r-rapport tal-istess Kumitat u ħabbar fost applaws kbir l-isem ta' Maria Pellicano bħala "Iż-Żagħżugħa tas-Sena 2011". Kif deher mill-istess rapport tal-għażla, il-membri tal-kumitat kellhom deċiżjoni verament diffiċli x'jieħdu għaliex l-inizjattivi u l-impenn socjali taż-żgħażagħ nominati kienu qawwija ħafna.

Maria Pellicano hija tfajla mis-Siġġiewi li ġiet innominata mill-grupp S.T.A.N.D (*Strive Towards Ability Not Disability*), għas-sapport li tagħti lill-membri u anke f'attivitajiet oħra. Infatti Maria, tagħmel xogħol volontarju mal-Aġenzija Appoġġ – tgħin lill-familji sabiex irawmu l-kapaċitajiet neċessarji sabiex imexxu u jgħixu l-familja; mas-Sorijiet ta' Madre Tereża – tgħin fl-organizzazzjoni u tmexxija ta' skola sajf u fid-*doposcuola* matul ix-xitwa; u fil-*Faith Alive* – tgħin żgħażagħ li għandhom 'l fuq minn tlettax-il sena fil-formazzjoni spiritwali.

Maria Pellicano ngħatat personalment is-*shield* ta' "Iż-Żagħżugħ/a tas-Sena 2011" minn idejn l-E.T. il-President ta' Malta, Dr. George Abela. Is-sinjorina Pellicano ser iżżomm din it-targa għal sena sħiħa.

## *Konferenza Nazzjonali: Biżżejjed għal Kulħadd*



Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent organizzat Konferenza Nazzjonali fuq tliet aspetti kruċjali fl-iżvilupp tal-gżejjer Maltin: il-bini, l-ilma u l-insularità ta' Għawdex.

Il-Konferenza li bdiet fid-9 ta' Diċembru ttellgħet b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni Maltija dwar l-Ilma, Flimkien għal Ambjent Aħjar u Direttorat għal Eko-Għawdex u Żvilupp Reġjonali (Ministru għal Għawdex).

L-iskop aħħari ta' din il-Konferenza kien li toffri opportunità lil min jipparteċipa ħalli flimkien (kull settur involut) jifhem x'inhu jżomm milli jsir użu aktar għaqli tal-ilma, tal-art u l-binjiet tal-gżejjer Maltin.

Il-Konferenza ġiet fi tmiemha nhar is-Sibt 17 ta' Diċembru ġewwa l-Kurja Djoċesana f' Għawdex. It-tema prinċipali għal din l-aħħar ġurnata kienet kif jista' jitwettaq u jitkattar il-ġid f'Għawdex b'rispett lejn r-riżorsi u l-wirt naturali tiegħu, biex bil-galbu wieħed jasal li jkollu biżżejjed u għal kulħadd. Il-Kummissjoni Ambjent tal-Knisja temmen li f'dan il-qafas jista' jkollna żvilupp sostenibbli anke f'Għawdex, jekk verament inpoġġu l-ġid komuni quddiem u nħallu l-valuri Nsara jiggwidaw l-għażliet li rridu nagħmlu.



Il-laqgħa tas-Sibt filgħodu nfetħet b'diskors mill- Isqof Mario Grech (ara paġni 6-7).

Fost is-suġġetti ewlenin li ġew diskussi kien hemm: Il-ġid f'Għawdex (żvilupp ekonomiku, investiment u xogħol); il-popolazzjoni f'Għawdex u r- riżorsi ambjentali u l-wirt Għawdxi. Fost oħrajn ħadu sehem, Anthony Zammit, Joseph G Grech, Prof Lino Briguglio, u Alfred Baldacchino. Attendew ukoll u indirizzaw il-Konferenza Giovanna Debono (Ministru għal Għawdex), Dr Anton Refalo (Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għal Għawdex) u Michael Bajada (Kelliemi tal-Alternattiva Demokratika għal Għawdex).

## *Suċċess għall-Kunċert 'Serata all'Operetta' minn Kantanti Taljani f'Għawdex*



*Waqt il-Kunċert Serata all'Operetta fil-lukanda Kempinski.*

Il-kantanti Taljani mil-*Laboratorio Lirico Europeo* ta' Milan, l-Italja, taw spettaklu ta' livell għoli fis-sala ewlenija tal-lukanda Kempinski f'San Lawrenz fuq stedina tal-Uffiċċju għall-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, bil-kollaborazzjoni ta' *Fiesole Artistic Productions*, nhar it-Tlieta 13 ta' Diċembru.

Il-kantanti mistednin kienu s-*soprano* u *soubrette* ferm popolari tal-operetta Tiziana Scaciga della Silva; it-tenur Andrea Bragiotto; il-komiku tradizzjonali tal-operetta Walter Rubboli; is-soprano Barbara Fasol u l-pjanista u direttriċi mużikali Mro Debora Mori mill-*Conservatorio Giuseppe Verdi* ta' Milan. Il-programm kien mibni fuq vjaġġ mal-operetti l-aktar popolari minn Vienna, Ungerija, Pariġi, Spanja u l-Italja bl-isbaħ għażliet fosthom mill-operetti *Die Fledermaus* ta' Johann Strauss; *Giuditta* u *The Merry Widow* ta' Franz Lehar; *La Perichole* ta' Jacques Offenbach; *La Principessa della Czarda* ta' Emmerich Kalman; *El Barbero de Sevilla* ta' Geronimo Gimenez; *La Danza delle Libellule* bil-popolari *Foxtrot delle Gigolettes*; *La Duchessa del Bal Tabarin* bid-*duet Ah! Come si sta ben*; , *Cin ci La'* bil-popolari *Bambola* u l-immortali *Oh Cin ci La'!*, *Il Paese dei Campanelli* ta' Carlo Lombardo u Virgilio Ranzato; fil-*gran finale* ġew esegwiti għażliet popolari oħra *Salome', una rondine non fa primavera*; *Al Cavallino Bianco* u s-silta vivaċi u brijuża *E'scabroso le donne studiar*, u fost ċapċip kontinwu mill-pubbliku preżenti: is-silta brijuża *Luna tu* minn *Il paese dei Campanelli.*

Il-jum ta' qabel, it-Tnejn 12 ta' Diċembru, l-istess kantanti Taljani taw spettaklu simili fit-Teatru Manoel, il-Belt Valletta, fejn kisbu diversi akklamazzjonijiet mill-udjenza li mliet kull post tat-teatru, xhieda wkoll ta' kemm dan il-ġeneru ta' mużika u kant vivaċi mill-aqwa kompożituri Ewropej għadu popolari u jappella kemm f'Malta u anki f'Għawdex.

## *'Carol Service' fil-Parroċċa tal-Għarb*



Nhar l-Erbgħa,14 ta' Diċembru, il-Leġjun ta' Marija f'Għawdex żamm l-appuntament ta' kull sena tiegħu bil-*Carol Service* tant mistenni, din id-darba fil-Parroċċa tal-Viżitazzjoni l-Għarb.

Il-Kanċellier tal-Kurja Monsinjur Salv Debrincat mexxa s-Servizz minflok l-Isqof Mario Grech li kien impenjat banda oħra, waqt li ħadu sehem ukoll l-Arċipriet tal-Għarb, Monsinjur Joseph Sultana u l-Kanonku Simon Godfrey tal-pro-Katidral Anglikan ta' San Pawl, Valletta. Dawn semmew kif l-Iben t'Alla Ġesù Kristu sar bniedem bħalna biex seta' jbati u jmut biex jagħtina eżempju u biex jifdina. It- tlieta taw l-awguri tagħhom għall-Milied Tajjeb u Qaddis u Sena Ġdida mimlija Ġid u Hena.

Inqraw 9 Lezzjonijiet mill-Iskrittura relatati mat-Twelid ta' Ġesù, minn qarrejja lokali u barranin, u tkantaw 9 Għanjiet tal-Milied bl-Ingliż u bil-Malti. Ħa sehem il-Kor tal-parroċċa tal-Għarb taħt it-tmexxija ta' Dun Mikiel Galea. Waqt il-qari kien hemm *pageant* mit-tfal bil-kostumi li wera episodji mit-Tħabbira tal-Anġlu sat-Twelid ta' Ġesù.

## *It-18-il Edizzjoni tal-'Gozo International Celebration' fil-Qala*



Fil-Knisja Arċipretali tal-Qala nhar il-Ħadd, 18 ta' Diċembru ttellgħet it-18-il edizzjoni tal-*Gozo International Celebration*, fejn is-Sopran Dame Ruth Sammut Casingena kienet il-mistiedna speċjali. Ħadu sehem il-*University of Malta Junior College Orchestra*, il-*Fourtissimo Brass* u l-Kor lokali *Magnificat*. It-tenur Joseph Buttigieg u s-Sopran Roxana Xuereb għamlu preżentazzjoni mill-isbaħ. F'din l-edizzjoni ngħata l-*Horace Mercieca Award* mill-Arċipriet tal-Qala u Ċermen tal-GIC, il-Kanonku Dr Joseph Zammit lil Mro Antoine Theuma min-Nadur li għal numru ta' edizzjonijiet tal-GIC saħħar l-udjenzi bil-mużika tal-grupp li mexxa, *Island Brass*.

Il-*Horace Mercieca Award* jingħata darba fis-sena kull Edizzjoni tal-Milied tal-GIC bħala memorja tal-ko-fundatur u patrun ta' dan l-avveniment li miet proprju fil-jum meta ttellgħa l-għaxar edizzjoni tal-GIC, f'Diċembru tas-sena 2008.

Dan l-unur ingħata lis-Sopran Ruth Portelli fl-2009; lill-Grupp tal-*Fund Raising* fl-2010 u din is-sena lil Mro Antoine Theuma. Il-Kumitat Organizzattiv huwa kompost mill-Arċipriet tal-Qala u Ċermen, il-Kan Dr Joseph Zammit; ko-fundaturi Dr Raymond Xerri u Dun Charles Buttigieg, Viċi-Parroku tal-Qala u Dr Franco Mercieca, iben il-mejjet ko-fundatur Horace Mercieca.

## *Il-Kunċert tal-Milied mill-'Chorus Urbanus' fil-Fontana*



Il-*Chorus Urbanus* żamm l-appuntament tiegħu mal-pubbliku Għawdxi u Malti għal żmien il-Milied billi organizza l-14-il Edizzjoni tal-Kunċert tal-Milied. Din is-sena saru żewġ kunċerti, wieħed fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru u l-ieħor fil-knisja parrokkjali tal-Fontana nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru.

Il-kunċert fetaħ bl-esekuzzjoni ta' *Gloria de Noel* ta' Oliver Sperling li reġgħet ġabet memorji sbieħ tal-mawra memorabbli li l-kor kien għamel fil-Belt ta' Strasbourg f'Diċembru 2006 u tal-kunċert grandjuż fil-Katidral tal-istess belt. Il-qofol tal-kunċert kien bla dubju, l-esekuzzjoni tal-quddiesa *Missa Fons Vitae* li Mro John Galea kkompona fuq kummissjoni tal-Kappillan tal-Fontana, għall-Festa Titulari tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana. Fil-fatt din il-quddiesa kienet iżżanżnet waqt il-Pontifikal ta' nhar il-Festa matul ix-xahar ta' Ġunju 2011. Ħadu sehem ukoll is-solisti Noel Galea (baxx) u Yvonne Galea (sopran). Il-kor kien akkumpanjat mill-*Urbanus Festive Orchestra* taħt id-direzzjoni tal-kompożitur innifsu.

It-tieni parti tal-kunċert kienet iddedikata kompletament għal għanjiet tradizzjonali u popolari tal-Milied. Din il-parti

fetħet bl-esekuzzjoni ta' *Hark the Herald Angels Sing* segwita minn verżjoni mhux tas-soltu imma interessanti ħafna tal-għanja *Little Drummer Boy* bis-sehem tas-soprani Hilda Galea u Ruth Portelli fejn spikka ħafna l-akkumpanjament tas-sezzjoni maskili tal-kor. Għanjiet oħra kienu jinkludu *While Shepherds Watched*, li tkantat *a capella* mill-kor, *O Little Town of Bethlehem, God Rest Ye Merry Gentlemen, The Lord's Prayer* kantata minn Mario Portelli (tenur) kif ukoll l-għanja tant popolari mal-udjenza li tassisti dawn il-kunċerti kull sena, *Ukrainian Bell Carol*.

Ta' min isemmi li f'dawn il-kunċerti ħadet sehem ukoll il-*Junior Section* tal-*Chorus Urbanus*. Stefan Scerri, membru tal-istess *Junior Section* esegwixxa *Caro Gesù Bambino* akkumpanjat mill-kumplament tal-kor tat-tfal u minn Jacob Portelli fuq l-arpa. Il-kor tat-tfal imbagħad ingħaqad mas-sezzjoni adulta tal-kor fejn esegwixxa forsi l-isbaħ għanja tal-Milied li għandna l-Maltin, *Ninni La Tibkix Iżjed*, fejn tispikka l-aktar is-sempliċità tal-melodija li flimkien mas-sempliċità tal-kant tat-tfal iġibu memorji sbieħ tal-Milied tat-tfulija meta din il-festa kienet aktar sempliċi u ġenwina.

Kien hemm ukoll intervent fuq l-arpa minn Jacob Portelli li esegwixxa *Nataliana*, biċċa mużika delikata u impenjattiva ferm fuq l-arpa. Il-kunċert għalaq b'*Adeste Fidelis* bis-sehem taż-żewġ korijiet kif ukoll bis-sehem tas-solisti Yvonne Galea (s) u Noel Galea (b). Fl-aħħar tal-kunċert, bħala *encore*, ġiet esegwita *Hallelujah* mill-Messiah ta' Handel, biex ġabet fi tmiemha din l-edizzjoni tal-Kunċert tal-Milied ta' din is-sena.

Matul iż-żewġ kunċerti nġabru donazzjoni għad-Dar tal-Providenza u għall-Fondazzjoni Arka rispettivament. Matul il-kunċert li sar fil-Fontana, nqrat ukoll poeżija, L-Isbaħ Rigal, li nkitbet apposta għal din l-okkażjoni mill-Kav. Joe M. Attard li kien ukoll il-*compere* ta' dan il-kunċert.

## *Kunċert tal-Milied mit-tfal tal-Iskola Primarja tar-Rabat*



L-Iskola Primarja tar-Rabat fi ħdan il-Kulleġġ ta' Għawdex organizzat il-Kunċert tal-Milied l-Erbgħa 21 ta' Diċembru. Il-Kunċert imtella' mit-tfal tal-*Kindergarten* u dawk tal-Year 1 sar fis-sala tal-Iskola. Fuq il-palk it-tfal kantaw għanjiet tal-Milied u kienet preżentata *photostory* dwar ħajjiet dawn l-istudenti fl-iskola.

Fl-istess ġurnata imma aktar tard, sar il-kunċert tal-Milied tat-tfal mill-Year 2 sa Year 6 fis-Sala tal-Oratorju Don Bosco. It-tfal kantaw, żifnu, irreċtaw u mima. Għaż-żewġ kunċerti l-attendenza tal-ġenituri tat-tfal kienet tajba ħafna. B'kollox kienu 306 itfal li ħadu sehem fil-Kunċert tal-Milied.

*Il-Kunċert tal-Milied li sar fl-Oratorju Don Bosco.*

## *Jinfetaħ 'Bethlehem f'Għajnsielem' għar-raba' sena*

Il-raba' edizzjoni ta' *Betlehem f'Għajnsielem*, fl-inħawi magħrufa bħala Ta' Passi, ġiet inawgurata mill-Viċi Prim Ministru Tonio Borg u tbierket mill-Isqof t'Għawdex Mario Grech, nhar il-Ħadd 11 ta' Diċembru.



L-animaturi li kienu ser jieħdu sehem f'dik il-lejla fil-presepju daħlu proċessjonalment fi stil ta' *pageant*. Wara l-Ministru Borg flimkien mal-Isqof Grech, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari Chris Said u mistiedna oħra ġew imdawra mal-villaġġ mill-Maniġer tal-Proġett Franco Ciangura. Il-villaġġ baqa' miftuħ sal-Ħadd 8 ta' Jannar.

## *Wirja Annwali tal-Għasafar fir-Rabat*



L-Għaqda Għawdxija ta' dawk li jrabbu l-għasafar organizzat il-wirja annwali tagħha fil-Kumpless Sportiv fir-Rabat, Għawdex, nhar il-Ħadd 4 ta' Diċembru. Fil-wirja mqassma f'sitt sezzjonijiet ħadu sehem 28 membru tal-Għaqda li flimkien esibew madwar 630 għasfur, fosthom diversi tipi ta' kanarini, sponsuni, summien u ħamiem.

B'mod ġenerali l-aħjar rebbieħa fid-diversi sezzjonijiet kienu Joe Micallef, Louis Grech, George Muscat, Peter Ray Said, James Muscat u Jean Paul Portelli.

## Jieħduh b'sorpriża fl-Oratorju Don Bosco



Wara l-quddiesa tal-10.30 ta' filgħodu, tal-Ħadd 18 ta' Diċembru, *birthday cake* sorpriża kien qed jistenna lil Fr. Effie Masini, Direttur tal-Oratorju Don Bosco.

Membri tal-Oratorju Don Bosco rringrazzjawh ta' dak kollu li għamel magħhom; awgurawlu għomor twil u pprezentawlu wkoll rigal fl-okkażjoni ta' għeluq il-54 sena tiegħu.

Preżenti kien hemm ukoll Mons Emanuel Curmi u l-psikjatra Dr Anton Grech.

## L-Awtur Dr Alfred Sant f'Għawdex



Alfred Sant, l-awtur tar-rumanz *Bħal f'Dizzjunarju*, nhar is-Sibt 10 ta' Diċembru, filgħodu, kien fil-ħanut *Swan Gallery*, fir-Rabat, Għawdex, fejn iffirma kopji tar-rumanz tiegħu lill-pubbliku. *Bħal f'Dizzjunarju* qed itellaq ġeneru ġdid fil-kitba narrattiva bil-Malti. B'disinn tal-qoxra spettakolari minn Pierre Portelli. Pubblikazzjoni tal-SKS u qed jinbiegħ 10 ewro.

Għalkemm dan mhux ktieb ippubblikat f'Għawdex u lanqas dwar Għawdex, aħna napprezzaw il-fatt li ġie mniedi f'Għawdex ukoll. Jixraq li awturi Maltin jimitaw dan l-eżempju meta joħorġu xi ktieb ġdid u jħeġġu lill-Għawdxin biex jaqraw aktar.

## Wirja ta' Pittura ta' Austin Camilleri



Serje ta' xogħlijiet interessanti tal-artist kontemporanju Austin Camilleri mir-Rabat, Għawdex kienu għall-wiri fil-Gallerija *art..e* fi Pjazza Tomba, ir-Rabat, bejn il-Ħadd 11 ta' Diċembru, 2011 u s-6 ta' Jannar, 2012. Għal Austin, din hi l-ewwel wirja f'Għawdex wara assenza ta' ħames snin.

Ix-xogħlijiet ġodda murija kienu jikkonsistu f'pittura fuq il-karta. Camilleri ikkompona dawn il-xogħlijiet permezz ta' strati li jikkontrastu ma' xulxin u li juru wkoll diversi 'pentimenti' li l-artist ħalla jidhru apposta biex min jara x-xogħol ikun jista' jifhem kif Camilleri wasal biex itemm kull biċċa xogħol. Fil-mixja tiegħu f'dawn il-kwadri, Camilleri uża diversi medja, bħal *carbonella*, *non-newtonian inks*, *acrylics*, lapes, *pastels*, kif ukoll *katran*.

## Ċelebrazzjonijiet tal-aħħar tas-sena 2011



L-attività ewlenija tal-aħħar tas-sena fil-gżira Għawdxija kienet *New Year's Eve in the City*, kunċert bil-parteċipazzjoni tal-*Winter Moods*, imtella' mill-Kunsill Lokali ta' Victoria fi Pjazza Indipendenza u fi Pjazza San Ġorġ f'Victoria. Iċ-ċelebrazzjonijiet bdew fl-10.00 ta' filgħaxija. Eluf ta' persuni ħonqu kemm Pjazza Indipendenza kif ukoll Pjazza San Ġorġ.

"Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kienu verament suċċess" stqarr magħna l-Avukat Samuel Azzopardi, Sindku tal-Belt Victoria u President tar-Reġjun Għawdex. "Din is-sena komplejna nibnu fuq is-suċċess ottenut is-sena l-oħra u tejjibna anke l-*management* tal-attività. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet servew ukoll biex jagħtu *boost* tajba lill-kummerċ lokali anke minħabba li bħala perjodu turistiku dan huwa kkunsidrat bħala *low season*," tenna Dr Azzopardi. Huwa awgura illi s-sena d-dieħla dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ikollhom impatt akbar u rringrazzja lill-i*sponsors* ewlenin, lill-Korp tal-Pulizija, lill-Gwardjani Lokali u lill-*Emergency Rescue Corps* tas-servizz li taw matul dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

*RIFLESSI* — ***Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard***

# Dixxernimenti fil-Bidu tas-Sena l-Ġdida 2012

Spiċċajna s sena 2011 u bdejna waħda ġdida. Ngħid għalija mill-ewwel ninduna b'dan il-fatt għalkemm minn mindu rtirajt mix-xogħol ta' kultant nitlef il-kalendarju. Iżda jien twelidt fl-1 tas-sena u allura kif qatt nista' ninsa dan il-jum! Anke jekk qatt ninsa, għadd ta' ħbieb iċempluli u oħrajn jiktbuli waqt li oħrajn jibagħtuli xi SMS u marti tagħmel ħilitha biex tixtrili xi rigal ċkejken! U allura wara l-festi tal-Milied ikun fadalli festa oħra – dik ta' għeluq snini! **Bla dubju ċert li bħali ħafna jagħmlu xi proponimenti fil-bidu tas-sena ġdida. U hekk għandu jkun. Importanti li nżommuhom u mhux inħalluhom biss fuq il-karta. Naturalment 'il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi.' Ħafna kienu dawk li bdew is-sena u ma spiċċawhiex. U allura wieħed mill-proponimenti jrid ikun li ngħixu ħajja tajba, dejjem bil-bagalji lesti, biex meta l-Imgħallem isejħilna, isibna lesti. Imma dment li għadna hawn irridu nagħtu sehemna; ma nistgħux noqogħdu b'idejna fuq żaqqna nistennew il-bajtra taqa' f'ħalqna.**



Ħafna jkunu qegħdin jippjanaw li matul din is-sena se jilħqu l-qofol ta' xi attività; ngħidu aħna jtemmu xi kors ta' studju u jibdew karriera; oħrajn jaħsbu biex jieħdu l-istat taż-żwieġ; imisshom jieħdu xi promozzjoni fuq ix-xogħol; jibdew kors l-Università jew fis-Seminarju; jilħqu saċerdoti. L-importanti li wieħed ikun għal qalbu għax fil-ħajja ma hemmx isbaħ mis-serħan tal-moħħ u l-kuntentizza. Bla dubju jrid ikun hemm tħejjija xierqa u bil-għaqal għal kwalunkwè triq li wieħed ikun ser jaqbad. Ikun żball kbir li wieħed jieqaf nofs triq ħtija ta' nuqqas ta' preparazzjoni adegwata. Dan narawh jiġri ta' spiss f'ħafna oqsma tal-ħajja.

*"Mighty things from small beginnings grow!"* jgħid l-awtur Dryden. U allura sewwa li fil-bidu tas-sena ġdida naħsbu u nirriflettu sew qabel ngħaddu għal xi deċiżjoni importanti fil-ħajja tagħna. **Palazz kbir u sabiħ jibda mit-tqegħid tal-ewwel ġebla. Irridu nkunu konsistenti u nafu dejjem x'aħna nagħmlu u fejn ma nafux, nirrikorru u għal parir m'għand min jista' jagħtihulna. Inħarsu lejn mudelli li jistgħu jgħallmuna u nitfgħu anke ħarsitna fuq l-imgħoddi għax bosta drabi il-passat huwa l-mera tal-futur. Irridu nieħdu l-affarijiet bis-serjetà; ma ngħaġlux, ma nfexfxux u ma nitfixklux.** Irridu naraw li nħaddnu ċerti valuri u ma naqalbuhomx ta' taħt fuq. *"Putting the cart before the horse!"* din il-frażi tismagħha ta' spiss u ħafna drabi tivverifika ruħha; imbagħad, *'we have to face the music!'*

Ejjew ħbieb meta matul dis-sena li għadha qed tibda ngħarblu sewwa minn xiex għaddejna s-sena li għaddiet u nitgħallmu mill-iżbalji tagħna stess u nieħdu azzjoni. **Ħafna drabi ħadd mhu ser jaħsillek wiċċek biex tkun isbaħ minnu! Nemmen li aħna maturi biżżejjed biex nitgħallmu mill-iżbalji u nfittxu l-għajnuna fejn ma nistgħux naslu waħidna.** *'Where there is a will there is a way'*, jgħidu l-Ingliżi u l-qwiel ta' missirijietna ta' min jixtarrhom u jagħti kashom għax fil-ħajja, xhemm isbaħ milli ssaqsi lill-imġarrab! L-esperjenza għallmitni li fil-ħajja mhemm xejn isbaħ milli tgħix il-ġurnata b'dak kollu li jibgħat l-Imgħallem li Hu biss jaf x'inhu l-ġid tagħna!

**Minn qalbi nawguralkom il-kumplament tas-Sena Ġdida mimlija risq u barka u jalla nibqgħu niltaqgħu flimkien permezz tal-kitba tiegħi li minn żmien għal żmien inperreċ fuq il-ġurnali u r-rivisti! Jiena nemmen li '*the pen is mightier than the sword*' u għalhekk se nkompli nikteb u ngħaddi kelma ta' ġid kull meta jiġini ċ-ċans!**


**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

## MILL-PARLAMENT

*Qasam Industrija tax-Xewkija - ismijiet tal-kumpaniji li joperaw*

**30205. L-Onorevoli ALFRED SANT staqsa lill-Onorevoli TONIO FENECH (Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment):** Jista' l-Ministru jagħti l-ismijiet tal-kumpaniji li hemm joperaw fil-qasam industrijali tax-Xewkija? Jista' jgħid x'inhu l-ġeneru tal-operat tagħhom? Jista' jgħid meta bdew joperaw f'dan il-qasam industrijali? *14/11/2011*

**Tweġiba:** Ninsab infurmat illi fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija hemm 33 kumpanija joperaw. Id-dettalji mitluba jinsabu fil-kuntratti kummerċjali li jsiru individwalment mal-kumpaniji u għalhekk mhux prudenti li jingħataw mingħajr il-permess tal-parti l-oħra tal-kuntratt. *21/11/2011*

*Awtorità tat-Turiżmu għal Għawdex*

**13519. Onorevoli MARIE LOUISE COLEIRO PRECA staqsiet lill-Onorevoli LAWRENCE GONZI (Prim Ministru):** Jikkonsidra l-Prim Ministru li għandha tinħoloq Awtorità tat-Turiżmu għal Għawdex komposta minn Għawdxin li joqogħdu f'Għawdex u li jkunu jafu bil-problemi tal-Gżira? *07/12/2011*

Tweġiba: Infurmat li l-Gvern qies diversi metodi ta' kif jaqdi bl-aħjar mod l-interessi tat-turiżmu f'Għawdex. Il-gvern jemmen li s-sistema preżenti, li permezz tagħha:

- Għawdex hu rappreżentat fuq il-bord tal-MTA;
- Hemm unit dedikata fl-Awtorità tat-Turiżmu li xogħolha hu li tippromovi lil Għawdex;
- Hemm Direttorat għat-Turiżmu u żvilupp ekonomiku fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex.

Hija l-aktar sistema effiċjenti biex tkabbar it-turiżmu f'Għawdex. *12/12/2011*

*Cruiseliners li daħlu Għawdex*

**28929. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli LAWRENCE GONZI (Prim Ministru): Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm daħlu *cruiseliners* f'Għawdex din is-sena sal-lum?** Jista' jgħid kemm minnhom rabtu mal-baga li tqiegħdet ix-Xlendi? Jista' jgħid kemm passiġġieri niżlu l-art f'Għawdex mill-*cruiseliners* li daħlu Għawdex? *11/10/2011*

**Tweġiba:** Ninsab infurmat li minn Jannar sat-13 t'Ottubru 2011 daħlu 4 *cruiseliners* f'Għawdex. L-ebda *cruise liner* m'għamel użu mill-baga tax-Xlendi. Ma tinżammx informazzjoni rigward kemm passiġġieri niżlu l-art f'Għawdex mill-*cruiseliners* li dahlu. *17/10/2011*

*Twaħħil ta' meters fuq boreholes*

**30850. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GEORGE PULLICINO (Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali):** Jista' l-Ministru jgħid kemm twaħħlu *meters* fuq *boreholes* sal-lum f'Malta u f'Għawdex? Kemm minn dawn il-*meters* twaħħlu fuq *boreholes* li jintużaw għal skop agrikolu? *02/12/2011*

**Tweġiba:** Kif kien komunikat diġà pubblikament, il-proċess



tal-installazzjoni fuq *boreholes* li jintużaw għal skop agrikolu inbeda dan l-aħħar. Fil-każ ta' *boreholes* użati għal skop agrikolu jinsabu fir-raba', għaddej eżerċizzju biex il-bdiewa jagħmlu l-preparamenti meħtieġa fuq is-sit qabel ma jkun jista' jitwaħħal dan il-*meter*. Uffiċjali qed ukoll jagħmlu spezzjonijiet fuq dawn is-siti biex jagħtu pariri lill-bdiewa dwar ix-xogħol preparattiv li jrid isir. Sal-lum diġà saru madwar tliet mitt spezzjoni. Għaldaqstant ħafna minn dan ix-xogħol diġà qed isir u l-bdiewa qed jingħataw dan iż-żmien neċessarju u meta jlestu, il-*meter* ikun jista' jitwaħħal. *12/12/2011*

*Appuntament għall-mammogram u test tal-bone density*

**30674. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli JOSEPH CASSAR (Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità):** Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 30503 u ċioe: Peress li l-persuna, li d-dettalji tagħha qed jintbagħtu separatament, ilha tipprova tagħmel appuntament l-Isptar Mater Dei sabiex tagħmel *mammogramm* u test tal-*bone density* u dan għaliex kull meta tmur l-isptar biex tagħmel appuntament qed ikollha tagħmel hemm ħin twil u minħabba impenji ta' xogħol ma tkunx tista' toqgħod hemm u qalulha li mhux possibbli tagħmel appuntament permezz tat-telefon, jista' l-Ministru jara li din il-persuna tingħata appuntament u fuq kollox jista' jara kif persuni li minħabba l-impenji tagħhom ma jkunux jistgħu jmorru l-isptar biex jagħmlu appuntament ikunu jistgħu jagħmluh permezz tat-telefon? *29/11/2011*

**Tweġiba:** Infurmat li l-appuntamenti ġewwa l-*Breast Clinic* isiru f'żewġ modi. Pazjenti huma mitluba jew iġibu r-referenza tat-tabib personalment jew inkella jibagħtu kopja tal-istess referenza. Meta jiġu pazjenti b'referenzi li huma meqjusa urġenti, dawn jinqdew qabel nies oħra li jkunu qed jistennew fil-*clinic*.

Rigward il-*bone density test*, il-prassi li tiġi segwita biex wieħed ikun jista' jagħmel it-test huwa dan.

Il-formola speċifika li titlob għall-*bone density* trid tkun mimlija kif suppost mill-ispeċjalista. Din tiġi mpustata lid-dipartiment tal-*bone density* u dawn tal-aħħar jieħdu ħsieb jagħmlu appuntament u jinfurmaw lill-klijent bil-miktub dwar il-ġurnata u l-ħin tal-appuntament. Taħt l-ebda ċirkostanza l-klijenta ma tiġi mitluba biex tiġi personalment id-dipartiment biex tagħmel appuntament. *02/12/2011*

*Kummentarju (2)*

# *L-Iżvilupp t'Għawdex: Sfidi u Opportunitajiet*



*messaġġ ta'* **JOSEPH G. GRECH**, CEO Kamra tal-Kummerċ Għawdxija

**M'hemm l-ebda dubju li, jekk wieħed iqabbel kif qegħdin ngħixu llum f'Għawdex ma' snin imgħoddija, nsibu li l-istil tal-ħajja tal-Għawdxin tbiddel sostanzjalment. F'Għawdex sar tibdil kbir speċjalment mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn.**

Hekk, per eżempju, kien fis-snin ta' wara l-gwerra li l-elettriku beda jinfirex m'Għawdex. Sa dak iż-żmien l-elettriku f'Għawdex kien jiddependi minn ġeneratur fi Triq Santa Dminka (illum Triq Sir Arturo Mercieca) wara s-Seminarju u li kien jaħdem biss għal xħin jidlam. Niftakar uħud mit-triqat tar-Rabat għadhom tat-torba u bil-fanali tal-pitrolju. Niftakar ukoll li mhux kullimkien kien hemm l-ilma tal-vit u ħafna kien ikollhom iġorru l-ilma mill-għejjun pubbliċi. L-istess nistgħu ngħidu għat-trasport bejn Malta u Għawdex fejn is-servizz kien ipprovdut minn vapuri ferm iżgħar minn tal-lum u n-numru ta' vjaġġi kien ta' tlieta (3) kuljum, bl-aħħar wieħed fl-4 ta' wara nofsinhar.

B'riżultat ta' din is-sitwazzjoni, l-iżvilupp f'Għawdex kien kajman għall-aħħar u dan kien ifisser nuqqas ta' xogħol għall-Għawdxin li kien ikollhom idabbru rashom lejn Malta jew isiefru lejn l-Awstralja, l-Amerika u l-Kanada biex isibu jaħdmu.

Dawn l-eżempji li tajt jgħoddu wkoll għall-oqsma l-oħra tal-ħajja, jiġifieri għas-servizzi tas-saħħa, tal-edukazzjoni, u l-kumplament.

Nistgħu ngħidu li dan l-andament baqa' sejjer sas-snin tal-ħamsinijiet u tas-sittinijiet. F'dawn is-snin ċerti affarijiet bdew jiċċaqalqu u sar bini ta' skejjel ġodda u nbniet iż-Żona Industrijali tax-Xewkija kif ukoll l-isptar il-ġdid. Dawn għenu ħafna biex Għawdex jibda jieħu nifs ġdid. Wara l-Indipendenza l-gvern Malti warrab l-ekonomija bbażata fuq l-infieq tas-Servizzi u beda jinvesti f'pajjiżna - investiment li ssarraf f'ħolqien ta' mpjiegi. Ġara wkoll li l-emigrazzjoni bdiet tonqos għax iktar nies bdew isibu xogħol f'pajjiżna. Dan kien ta' għajnuna kbira biex il-familji setgħu jaqilgħu biex jgħixu f'livell aħjar minn dak ta' qabel u fl-istess ħin waqqaf it-telf minn pajjiżna ta' mħuħ u riżorsi umani.

Dan li semmejt qed ngħidu biex nuri li l-iżvilupp tal-pajjiż – fil-każ tagħna, t'Għawdex – jiddependi mill-investiment u mir-riżorsi li l-pajjiż ikollu. U hawn nixtieq inpoġġi quddiemkom xi ideat dwar kif inħoss li għandna nħarsu lejn l-iżvilupp t'Għawdex għall-ġejjieni.

**Nibda biex ngħid li bil-kelma "żvilupp" tajjeb li nirriflettu u nifhmu li l-iżvilupp ma jfissirx biss il-bini ta' toroq, proġetti, fabbriki eċċ., imma wkoll żvilupp ta' dak kollu li jagħmel il-bniedem sħiħ mit-twelid sal-mewt. Bla ebda dubju, dan il-kunċett mhux faċli li jiġi esegwit daqs kemm wieħed jaħseb għax il-problemi li jistgħu jinħolqu huma kbar. Però, fl-istess ħin hija ħaġa ċerta li, jekk irridu u jekk naħdmu flimkien, soluzzjonijiet jistgħu jinstabu.**

Fil-ftit ħin li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi, ikun impossibbli li nsemmu kollox. Għalhekk se nsemmi biss xi ftit affarijiet li fl-opinjoni tiegħi jistgħu jiġu indirizzati biex ngħinu fl-iżvilupp t'Għawdex permezz tal-investiment.

Għawdex huwa gżira dipendenti minn gżira oħra. Din l-insularità doppja toħloq problemi żejda għal min irid jinvesti jew jgħix Għawdex. Naturalment l-ikbar problema hi l-konnettività. Fil-bidu diġà aċċennajt għall-progress li sar fil-mezzi ta' komunikazzjoni bil-baħar li fihom sar kambjament għall-aħjar. Kull darba li żdied dan is-servizz jew il-mezzi li jintużaw dejjem ħsibna li sibna s-soluzzjoni.





Però, iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar nindunaw li s-soluzzjoni dejjiema għadha ma waslitx. **Minkejja n-numru kbir ta' vjaġġi li jsiru kif ukoll il-vapuri kbar u tajbin li jintużaw, u minkejja li nużaw it-trasport privat tagħna, xorta waħda l-ħin li wieħed irid biex minn Għawdex jasal il-Belt hu ta' madwar sagħtejn bħalma kien sittin sena ilu. Hemm diversi raġunijiet.** Insaqsi, però, dan għaliex illum trid taħseb iktar kmieni biex issib post fuq il-vapur jekk tkun bil-karozza tiegħek għax hemm il-probabbiltà li ma jgħabbikx? Hi x'inhi r-raġuni, x'nistgħu nagħmlu? Fuq kollox, hemm bżonn li s-servizz ikun iktar effiċjenti? Inħalli lil kulħadd jaħseb hu. Però tajjeb insemmi li meta *Ernest & Young* ħarġu r-rapport dwar kemm Malta hi attraenti għall-investiment barrani sabu li dwar l-investiment barrani għal Għawdex 8% biss minn dawk li kellhom investiment barrani f'Malta u kienu intervistati, qalu li kkunsidraw li jinvestu f'Għawdex. L-iktar raġunijiet li taw kienu kollha jduru mal-aċċessibbiltà bħal kuntatt dirett bl-ajru mal-ajruport ta' Malta, iktar spejjeż ta' trasport, ħela ta' ħin, u oħrajn.

Mill-banda l-oħra, l-konnettività bl-ajru llum spiċċat u ma tantx donnu li hemm rieda li terġa' tingħata prijorità allavolja r-riżultati ta' meta kellna s-servizz tal-*helicopter* urew li sar użu tajjeb minn dan is-servizz.

**Issa qed insemmu l-mina minn taħt il-baħar. X'se jiġri? U fuq kollox, l-Għawdxin stess kif jaħsbuha? Minn naħa tal-membri tal-kummerċ dan il-proġett hu kkunsidrat bħala wieħed essenzjali. Kapaċi li qabel ngħidu 'iva' jew 'le' niżnu kollox biex naraw x'inhu l-aħjar għal Għawdex, u speċjalment għal dawk il-ħaddiema li jridu jterrqu lejn Malta regolarment mingħajr ma nkunu egoisti u naħsbu fina nfusna biss. Proġett bħal dan igħin biex jinħolqu iktar postijiet tax-xogħol f'Għawdex? Jista' jgħin biex inwaqqfu xi ftit mit-telf ta' mħuħ?**

Barra mill-konnettività, Għawdex għandu bżonn ta' investimenti oħra biex ikun hemm żvilupp. Dawn jinkludu bini u tiswija regolari tat-toroq; żoni industrijali, speċjalment għall-imprendituri ż-żgħar; politika ċara min-naħa tal-MEPA dwar proġetti minn naħa tal-privat; kif ukoll proġetti pubbliċi li jistgħu joħolqu xogħol f'Għawdex. Fuq kollox irridu ninkoraġġixxu bis-serjetà l-investiment barrani. F'risposta għall-mistoqsija parlamentari riċenti mill-Onor. Anton Refalo, il-Ministru tal-Finanzi, l-Onor. Tonio Fenech wieġeb li l-investiment barrani totali fl-aħħar tal-2010 kien ta' €12.4 biljuni minn kumpaniji bl-indirizz f'Malta u ta' €4.1 miljun f'Għawdex. Dan jipparaguna tajjeb? X'jistgħu jkunu l-kawżi? Forsi nuqqas ta' reklamar? Nuqqas ta' inkoraġġiment minn naħa tal-*Malta Enterprise*? Nuqqas ta' inċentivi biżżejjed lill-investituri biex jinvestu f'Għawdex flok f'Malta?

**Jekk wieħed jara l-aħħar figuri tal-NSO dwar dawk li jaħdmu bi qliegħ f'Għawdex, insibu li matul is-sena n-numru tela' minn 8983 għal 9147 li jfisser żieda ta' 64 u li fis-setturi kollha l-impjiegi baqgħu kważi l-istess numru f'kull settur. X'ifisser dan? Postijiet tax-xogħol statiċi, fejn ħaddiema li jilħqu ġodda jkollhom jfittxu biex jaħdmu f'Malta? Jew dan hu sinjal li mhemmx investiment ġdid?**

Kif diġà semmejt qabel, però, l-investiment hu bżonnjuż f'oqsma oħra wkoll. Fuq quddiem insibu r-riżorsi umani, xi ħaġa li Għawdex għandu. Dan jidher mill-fatt li numru kbir ta' Għawdxin taw u għadhom jagħtu kontribut lill-pajjiżna fil-karigi għolja nazzjonali li okkupaw u għadhom jokkupaw. Sfortunatament, ħafna drabi Għawdex ikun tilef dawn l-imħuħ, imma fl-istess ħin Għawdex ikun iggwadanja iktar għarfien u jkun jikkontribwixxi fl-iżvilupp nazzjonali.

Allura tajjeb li ninvestu fl-edukazzjoni fis-sens wiesgħa tagħha. Tajjeb li t-tagħlim fl-iskejjel jipprepara lit-tfal u żgħażagħ tagħna fil-lingwi, snajja, teknoloġija u l-kumplament. Però hemm bżonn ukoll li naħsbu li ma' dil-kwalità ta' tagħlim ikun hemm il-formazzjoni tal-karattru. Dan irid isir billi jkun hemm koordinazzjoni sħiħa bejn il-ġenituri, edukaturi, mexxejja fl-għaqdiet u fuq kollox, l-awtoritajiet ċivili u ekkleżjali. U meta nsemmu r-riżorsi umani, ma rridux ninsew li dawn jinkludu lit-tfal u liż-żgħażagħ kif ukoll lill-adulti u l-pensjonanti li lkoll għandhom esperjenzi li jistgħu jgħaddu lit-tfal u żgħażagħ.

**Niċċa oħra ta' investiment hi l-patrimonju kulturali u reliġjuż t'Għawdex. Kemm qegħdin nisfruttawhom? U jekk qegħdin nisfruttwahom, dan qed isir bl-aħjar mod possibbli li l-ewwelnett ikompli jeduka lilna l-Għawdxin u t-tieni li joħolqu x-xogħol? Qegħdin nagħmlu użu tajjeb mit-teatri, mużewijiet u t-tradizzjonijiet tagħna?**

Ta' spiss nisimgħu min igħid li Għawdex qed isir dar tax-xjuħ. Minn banda dan hu sinjal tajjeb għax ifisser li

llum l-Għawdxin qed igħixu iżjed. Però dan hu indikatur li nistgħu nisfruttawh. **Is-Segretarju Parlamentari Mario Galea għadu kif qal li sal-2050 se jkun hawn 151,000 anzjan f'Malta u Għawdex. Nistgħu ninvestu fi djar għall-anzjani? Nafu kemm ikollna bżonn tobba u infermiera biex jieħdu ħsiebhom? Investiment f'dan is-settur jista' jżid il-postijiet tax-xogħol f'Għawdex?**

Settur ieħor importanti hu t-turiżmu. Bħalissa t-turiżmu f'Għawdex ibati mill-istaġjonalità. Barra minn hekk, anki fl-aqwa tal-istaġun, id-differenza bejn Għawdex u Malta hi kbira. Jista' jsir iżjed biex niġbdu iktar turisti lejn Għawdex, speċjalment fix-xhur tax-xitwa? Mhux faċli. Għadu kif tħabbar mill-president tal-MHRA li għax-xitwa li ġejja qed jistennew 50,000 turist inqas minn qabel. Barra minn dan, irridu niftakru wkoll li dan is-settur hu fraġli u bi ftit maltemp politiku f'pajjiżi oħra jista' jaffettwa lilna wkoll.

Ma nixtieqx, u ma nistax intawwal iżjed. Però tajjeb wieħed jara x'jista jsir biex l-iżvilupp t'Għawdex jimxi 'l quddiem għall-ġid ta' kulħadd.

**Naħseb li hemm setturi oħra li jekk nisfruttawhom tajjeb iħallu l-frott. Dawn huma s-setturi tas-servizzi finanzjarji u tat-teknoloġija. Żewġ servizzi li jinħtieġu infrastruttura mill-inqas u li fl-istess ħin ma jħassrux il-karattru u l-ambjent Għawdxi. Naħseb ikun tajjeb jekk naħsbu biex ikollna nies kapaċi jaħdmu f'dawn is-setturi billi nagħfsu fuq taħriġ relatat għall-istudenti tagħna. Minn riżultati li għandha l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex permezz tal-proġett *ICT Gozo Malta*, li sar bħala parti mill-iskema *Eco Gozo*, hemm futur sabiħ u interess minn pajjiżi barranin.**

Hemm iktar wieħed x'igħid. Però nagħlaq billi nagħmel xi mistoqsijiet li jistgħu jwasslu għal diskussjoni.



- Huwa importanti li mpjanti bżonnjużi ġodda jkunu tal-aħjar teknoloġija anki jekk inizjalment jiswew iktar?
- L-atteġġament tal-MEPA għandu jinbidel?
- Għaliex il-prezzijiet f'Għawdex ħafna drabi huma għola minn dawk ta' Malta?
- Hemm bżonn li Għawdex ikun reklamat bħala post separat?
- Hemm bżonn ta' iktar skemi mill-ME u l-ETC li jkunu iktar immirati għall-Għawdxin?
- Il-partiti politiċi kif iħarsu lejn l-iżvilupp t'Għawdex?
- **L-Għawdxin huma kollha magħqudin biex isemmgħu vuċi waħda? Jew qed inħallu 'l min jifridna?**


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu biss: 8.30am - 12.30pm*





*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



*Magie de Beautè*

☆ Facials ☆ Makeup ☆ Manicure ☆ Pedicure ☆
☆ Nail Extensions ☆ Electrolysis ☆ Waxing ☆
☆ Massages ☆ Body Treatments ☆

**Irina Xerri**
*Beauty Therapist*
C.I.B.T.A.C. C.I.D.E.S.C.O.

Mgarr Road, Qala, Gozo • Tel: 2155 7771 • Mob: 9924 9568

*Kummentarju (3)*

# *Il-Kuraġġ li ninbidlu għall-aħjar...F'KOLLOX! Anke fid-demokrazija tagħna!*



*kitba ta'* **DR. ALFRED GRECH, LL.D.**

**Fl-ittra pastorali, tal-Avvent 2011, l-Isqfijiet tagħna għaddewlna messaġġ, li min ma jiġġeddidx jitqadded. L-eżempji ta' dan għandna kemm iridu, kemm fil-ħajja individwali, kif ukoll fil-ħajja ekkleżjali u soċjali. Jien ser nitkellem fuq il-kuraġġ tal-bidla mill-aspett soċjali, u nuri l-fehmiet tiegħi ankè mill-aspett politiku.**

### *Il-Bidla u l-Klassi Diriġenti*

Wieħed m'għandux għaliex jiddubita li, kemm ilha wieqfa d-dinja, kien hawn ħafna u ħafna bnedmin tad-demm u l-laħam li twebblu bis-setgħa u bil-poter mhux biex jaqdu lil ħaddieħor, lill-komunità jew dawk ta' taħthom. It-twebbila ġiet għal dawn mill-ambizzjoni tagħhom personali. Ir-raġuni mbagħad tgħidlek li darba dak li jkun ikun ħa f'idejh xi forma ta' riedni tas-setgħa, ikun għaqli li biex jiġbed in-nar għal xawwatu, irid jidher ma dawk ta' taħtu li s-setgħa qed jużaha għal ġid tagħhom. Imma, fil-maġġoranza tal-każi, min daħħal f'moħħu li jitla' skalluna jew aktar fis-sellum tas-setgħa dan għamlu l-ewwel u qabel kollox biex joqgħod tajjeb hu u għall-interessi purament personali. It-tajjeb li jagħmel jew jista' jagħmel jiġi wara, u bħala garanzija għalih innifsu biex jibqa' fis-setgħa. Għalhekk jitkellmu kemm jitkellmu l-politiċi tagħna li jridu jbiddlu u huma favur il-progress li kien mingħalihom ma jħarrku xejn, għax kif jgħidu t-Taljani, *"chi sta bene non si muove"* (min qiegħed sew ma jitħarrikx minn kif inhu), u min qiegħed fis-setgħa qiegħed sew u żgur ma jarax il-mument li jitħarrek minn fejn hu. Ftit kienu dawk l-istatisti ġenwini li ndunaw li kien għadda żmienhom u rħew ir-riedni tal-poter minn idejhom għax indunaw li kien wasal żmien il-bidla u kellhom jinbidlu huma wkoll billi l-ewwelnett iwarrbu.



Mhux tassew li kien hawn xi nies fis-setgħa li pereżempju fil-passat riċenti ta' pajjiżna telqu s-setgħa minn idejhom għax kienu konvinti li żmienhom kien għadda. Jekk dawn telqu r-riedni tas-setgħa kien għaliex kien ilhom jikkmandaw u f'sistema hekk imsejħa "demokratika" ta' pajjiżna l-alternanza hija mhux biss regola tal-istatistika imma wkoll fil-qalb tal-elettur li wara ċertu żmien jixba' u jkun irid ibiddel. Għalhekk dawn l-uħud ma kellhomx il-kuraġġ li jiffaċċjaw it-telfa u għaldaqstant irtiraw fil-mument tal-glorja – bħalma jgħidu bl-Ingliż – *resting on their laurels.*

**Wieħed mill-ftit statisti li reħa minn jeddu r-riedni tal-poter kien George Washington, l-ewwel president tal-Istati Uniti li, wara li ġie elett darbtejn, minn jeddu ma ppreżentax ruħu għal kandidatura t-tielet darba, għax irraġuna li mhux sewwa li f'pajjiż demokratiku, statista, popolari kemm hu popolari, jibqa' fis-setgħa għal aktar minn tmien snin wara xulxin.** Sadattant, hemm min jgħid li din kienet biss skuża, għaliex fil-fatt Washington kien għejja speċjalment wara l-gwerra tas-seċessjoni mill-Ingilterra u aktarx ukoll kien marid. Hi x'inhi tassew ir-raġuni, din il-wegħda ta' Washington saret drawwa u baqgħet tiġi segwita qisha regola kostituzzjonali sakemm wasal Franklin D. Roosevelt u kisirha. Imma malajr sab lil Kungress Amerikan jgħaddilu emenda għal kostituzzjoni li biha kandidat għall-presidenza Amerikana ma jistax jiġi elett aktar minn darbtejn wara xulxin. U hekk għandu jkun, għaliex bniedem, tajjeb kemm hu tajjeb qatt ma għandu jitħalla fis-setgħa għal aktar minn ċertu żmien – iż-żmien li kellu bżonn biex iwettaq il-programm politiku tiegħu. Inkella jekk ma tbiddilx tqadded.

F'Malta m'għandniex din ir-regola kostituzzjonali. U għalhekk inħalli fil-ħsieb tal-qarrej x'ikunu il-konsegwenzi ta' dan. Allaħares, xi darba fil-ġejjieni ta'



pajjiżna, jerġa' jasal iż-żmien li jiġri d-demm, imutu jew jiġu feruti n-nies biex isseħħ il-bidla, għaliex minn ikun fis-setgħa ma jarax li żmienu għamlu, ma jarax li tajjeb kemm jaħseb li hu tajjeb jinħtieġ il-bidla, għax il-bidla minnha nfisha hija terapewtika u tajba, u dawk li jkunu jappoġġjawh ikunu qed jidħqu bihom infushom għaliex ikunu qegħdin iħarsu biss lejn l-interessi personali tagħhom u xejn aktar.

Kull min ma jemminx fl-alternanza tal-poter ikun qed iħares biss lejn l-interess personali tiegħu, u mill-lenti dejqa ta' dak li jaqbel għalih jew ta' madwaru u xejn iktar. U nixtieq naf jien kemm hawn min imur jivvota fl-elezzjonijiet, kienu liema kienu u ma jqisx l-interess tiegħu personali l-ewwel u qabel kollox. L-hekk imsejjaħ "twemmin politiku" ta' dak li jkun, mhux ħlief twemmin ta' konvenjenza u biex iżomm li 'status quo', jew jibdel li 'status quo' imma mill-mira dejqa u personali tiegħu.

Imbagħad meta nitkellmu dwar twemmin politiku, dan ħafna drabi mhux ħlief il-kappestru biex ma tarax il-ħtieġa ta' alternattiva ghal dak li qed tara, biex ma tivvotax favur il-bidla jew tivvotax favur tagħha biex tgawdi ftit int għax ħaddieħor ilu jgawdi, u mhux sewwa li jkun hekk. Nixtieq naf kemm hawn ġo dal-pajjiż li verament fl-elezzjoni jivvutaw għal dak li jaħsbu li jaqbel lill-pajjiż jew lill-komunità li tkun, u mhux għaliex jaqbel lilhom għax jaf lil dan jew dak il-kandidat li jekk ikun fis-setgħa jkun jista' jaqlagħhom minn xi saram jew jiksbu dak li altrimenti lanqas biss ixommuh.

### *Il-Bidla Makkjaveljana*

**Kien l-istess filosofu politiku Nicolò Macchiavelli li wissa kontra li "l-prinċep" jew min jikkmanda jagħmel it-tibdiliet. Infatti f'kapitlu 6 tal-ktieb tiegħu "*Il Principe*" huwa jgħid ċar u tond li wieħed għandu dejjem iżomm f'moħħu li m'hemm xejn aktar diffiċli li jagħmel, imġiba aktar perikoluża, u b'inċertezzi li tista' ma tirnexxix, minn dik li tkun minn ta' quddiem u tintroduċi bidla, jew ordni ġdida ta' kif għandhom ikunu l-affarijiet.** Għaliex l-innovatur (dak li jintroduċi l-bidla) għandu bħala għedewwa dawk kollha li marru sew taħt il-kundizzjonijiet il-qodma, kif ukoll għaliex huma difensuri bierda dawk li jistgħu igawdu taħt il-kundizzjonijiet il-ġodda. Din il-bruda ġejja aktarx mill-biża' minn dawk ta' kontrihom, li sadanittant għandhom il-liġi favur tagħhom, kif ukoll minħabba li nies fil-maġġor parti tagħha hi aktarx bla fidi, u ma temminx fi ħwejjeġ ġodda qabel ma jkollhom esperjenza twila tagħhom. Għalhekk jiġri li dawk ta' kontra l-bidla għandhom l-opportunità li jattakkaw b'mod feroċi, jattakkaw qishom partiġġjani, filwaqt li dawk li jiddefendu l-ħtieġa tal-bidla aktarx li jagħmlu hekk b'mod biered u dgħajjef b'tali mod li dak il-mexxej li jrid iġib il-bidla jsib ruħu fil-periklu ma' dawn tal-aħħar. Dan l-iżbilanċ fl-atteġġament huwa perikoluż ħafna, u Macchiavelli fil-parir li kien qed jagħti lill-prinċpijiet u r-renjanti ta' żmienu kien qed jislet prinċipji mill-istorja u mill-esperjenza. **Macchiavelli kien realista politiku għall-aħħar.**

Hu kompla jwiddeb li wieħed għandu qabel xejn jinvestiga jekk dawk li jridu jagħmlu l-bidla għandhomx is-saħħa jagħmluha bil-mezzi tagħhom inkella jridu jistrieħu fuq oħrajn, għaliex in-nies tbiddel, u għalkemm huwa faċli li tipperswadi, ikun diffiċli li żżomm in-nies f'dik il-persważjoni. Proprju dak li kont qiegħed ngħid aktar 'il fuq. Wara ċertu żmien in-nies tixba' wkoll minn dak li jkollha. Macchiavelli kien qed jagħti parir lill-ħakkiema biex joqogħdu attenti kif jintroduċu l-bidla.

**U fl-aħħar mill-aħħar il-ħakkiema ta' kull żmien u ta' kull pajjiż lanqas għandhom bżonn dan il-parir. Iwettquh kontinwament!**

*Nota Editorjali: Dan l-artiklu nkiteb f'Diċembru 2011*

Alex Saliba
I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

Kummentarju (4)

# Ħarsa lejn it-Turiżmu f'Għawdex



*fl-okkażjoni tas-Serata IL-ĦADDIEM TAS-SENA FIT-TURIŻMU – GĦAWDEX 2011*

*siltiet mill-messaġġ ta'* **PAUL SCICLUNA,** President tal-Assoċjazzjoni Għawdxija għat-Turiżmu

Matul is-sena infakkru jiem speċjali bħal; Jum l-Omm, Jum il-Missier, Jum il-Ħaddiem, Jum iż-Żgħażagħ, Jum il-Mara u tant tifkiriet oħra li huma importanti li jiġu ċċelebrati, iżda llum qegħdin infakkru l-Ħaddiem tas-Sena fl-industrija tat-turiżmu biex jingħata għarfien mill-Assoċjazzjoni Għawdxija għat-Turiżmu lix-xogħol siewi mwettaq u jingħata ġieħ mistħoqq lill-uniku riżors li għandu l-pajjiż, jiġifieri, il-ħaddiem li huwa l-perm li fuqu hi bbażata l-industrija turistika, li hi b'saħħitha u ferm importanti fil-gżira Għawdxija.

Imma hemm min forsi jistaqsi, kien hemm bżonn li infakkru l-Ħaddiem f'dawn iċ-ċirkostanzi tant mqallba? Tassew, qegħdin ngħixu fi żmien diffiċli, fejn is-sistema ekonomika mondjali għaddejja minn kriżi wara l-oħra u riċessjonijiet li qed iħallu lill-industrija turistika u s-setturi kollha bla nifs, b'konsegwenza li l-ħaddiem hu l-aktar li qed jiġi affettwat negattivament.

Ma jgħaddix jum fejn ma nisimgħux b'xi kumpanija, li tħaddem mijiet u eluf ta' nies, għaddejja minn diffikultajiet, b'konsegwenza li ssensjat għadd kbir ta' ħaddiema. Għaldaqstant kumpaniji li nkunu niddependu minnhom jew noperaw magħhom, meta jfallu nispiċċaw insofru magħhom aħna wkoll. Tiġi f'moħħi l-linja nazzjonali, *Air Malta* li minħabba telf kbir finanzjarju ħtiġielha tagħmel eżerċizzju ta' ristrutturar, b'konsegwenza li mijiet ta' ħaddiema ser jitilfu l-impjieg. Nuri s-solidarjetà ma' dawn sħabna l-ħaddiema u nawguralhom li malajr kemm jistà jkun, isibu xogħol alternattiv.



Niftakru wkoll fil-ħaddiem Għawdxi li minħabba l-limitazzjonijiet u speċjalment konsegwenza tal-istaġjonalità u nuqqas ta' xogħol jispiċċa jitlef l-impjieg; niftakru f'dawk il-ħaddiema li korrew fuq il-post tax-xogħol u lil dawk li sfortunatament tilfu ħajjithom fuq il-lant tax-xogħol.

Intant, illum fostna għandna disa' persuni li ġew innominati għal dan l-unur prestiġjuż. Ħaddiema li ġejjin mis-settur tas-servizzi, jiġifieri mill-lukandi, ristoranti, akkomodazzjoni u trasport minn fejn dawn qegħdin jikkontribwixxu għas-suċċess ta' fejn jaħdmu, kemm permezz tal-irwol tagħhom u fil-qadi ta' dmirijiethom, kif ukoll permezz ta' parteċipazzjoni sħiħa u diretta, lejn l-objettiv tad-dipartimenti rispettivi u tal-post tax-xogħol. Min jaf kemm jagħmlu sagrifiċċji, u ħadd ma jagħti kas; hekk per eżempju, meta ħaddieħor ikun jiddeverti, huma jkunu xogħol biex iservu; m'hemmx festa tal-belt jew raħal tagħhom għax ikollhom jaħdmu, festi pubbliċi ma jeżistux, jaħdmu tard bil-lejl u 'l bogħod mill-familja u l-ħbieb u tant sagrifiċċji oħra.

Nieħu pjaċir ninnota li hemm min ġie nnominat minn klijenti li kienu servuti jew mgħejjuna mill-ħaddiem partikulari. Dan hu pożittiv għax ifisser li mhux biss l-imgħallem jew il-kollegi qed japprezzawh iżda wkoll min jirċievi s-servizz, li hu l-klijent. Klijent sodisfatt hu l-garanzija ta' prosperità għall-lant tax-xogħol.

Dejjem nisimgħu dwar kemm it-turiżmu huwa pilastru għall-ekonomija Għawdxija u għaldaqstant jirrikjedi investiment kontinwu. Importanti ħafna li jkollna toroq ġodda, u infrastruttura b'saħħitha, lukandi u stabbilimenti tajbin, ambjent nadif u attraenti, iżda s-suċċess u l-futur tagħna jiddependi l-aktar, mill-kwalità ta' servizz li noffru. Għalhekk it-tkabbir tal-industrija turistika tirrikjedi investiment kontinwu fir-riżorsi umani għax dawn huma l-kuntatt dirett li jiġbed u jkabbar is-settur.

Importanti li l-ħaddiem ikun ippreparat u mħejji sewwa biex jaħdem f'dan is-settur dinamiku u mimli sfidi. Nagħmel appell biex napprofittaw mis-servizz tal-Istitut għall-istudji turistiċi tal-Qala, fejn dan qiegħed, mhux għad-dispożizzjoni tal-istudenti biss, iżda rridu napprofittaw minnu biex nitħarrgu professjonalment aħna

lkoll. M'għadux biżżejjed iċ-ċertifikat tal-iskola jew ta' xi kors bażiku, iżda l-eżiġenzi ta' żminijietna jitolbu li għandna nkunu minn ta' quddiem biex inkomplu ntejbu l-għerf u l-ħiliet tagħna.

Nemmen ukoll li dan l-istitut għandu jservi ta' ħolqa li tgħaqqad l-istudju u l-esperjenza fix-xogħol, biex hekk inkunu nnovattivi u noħolqu forom ġodda ta' turiżmu. Importanti li naraw liema ħtiġijiet għandu s-settur u l-istitut għandu jkun aktar pro-attiv u jorganizza korsijiet speċjalizzati u meħtieġa għaż-żminijiet tal-lum.

L-industrija turistika għaddejja minn taqlib u sfidi kbar. Nistqarr li l-mod kif ħdimna matul is-sena mhux neċessarjament ser jibqa' effettiv fiż-żmien qarib. Dan it-taqlib u tiġdid kontinwu jaffettwa wkoll lill-ħaddiem u għaldaqstant importanti li nġeddu l-ħiliet tagħna. Dan l-aħħar qed nisimgħu aktar fuq il-kunċett ta' *life long learning* u kemm għandna nwessgħu t-tagħlim tagħna. Hawn irrid nirreferi għat-taħriġ speċjalizzat li sar f'Għawdex għall-mexxejja tal-ħaddiema permezz tal-programm *Advance Tourism*, proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea. Dan hu programm tajjeb ħafna, u tmexxa minn *lecturers* internazzjonali esperti fis-suġġetti rispettivi. Prosit u awguri lil dawk kollha li għadhom kif iggradwaw. Kors bħal dan ser jerġa' jibda fil-bidu ta' Jannar u dawk li huma interessati jistgħu jiġbru l-informazzjoni jew jikkuntattjaw l-uffiċċju ta' l-Assoċjazzjoni.

Intant, naqblu li f'pajjiżna għandna bżonn ħaddiema mħarrġa, infrastruttura b'saħħitha u aċċessibbiltà tajba, iżda s-suċċess tal-industrija turistika, tiddependi prinċipalment mir-reklamar li jsir għal pajjiżna, mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. Il-Gvern għamel tajjeb li żied il-baġit tiegħu lil din l-Awtorità u riżultat ta' hekk resqin lejn sena rekord fit-turiżmu.

Dan ir-riżultat irrifletta pożittivament ukoll fil-lukandi tagħna, għalkemm mhux b'persentaġġ daqs tal-lukandi f'Malta. Min-naħa l-oħra, is-suq domestiku, jiġifieri tal-Maltin, li hu ħafna importanti għalina, matul din is-sena wera tnaqqis, b'riżultat li t-total globali ta' ljieli okkupati fil-lukandi spiċċa biss, marġinalment aħjar mis-sena l-oħra. Mentri, is-settur tal-*farmhouses* u l-appartamenti, fejn f'Għawdex għandna l-aktar sodod, qed jerġà għal sena oħra jirrapporta livell ta' okkupanza li mhux daqstant sodisfaċenti.

Din is-sitwazzjoni fejn Għawdex ma jgawdix daqs Malta ma tistax tiġi injorata u hemm bżonn ħidma aktar iffokata biex l-industrija turistika f'Għawdex ma nħalluhiex tibqa' lura. Bħalma nafu, l-ispejjeż tal-operat qed dejjem jiżdiedu, il-kontijiet tad-dawl u l-ilma huma piż tqil u min-naħa l-oħra ma nistgħux ngħollu l-prezzijiet tagħna. Nisħaq li Għawdex m'għandux jibqa' jkun ittrattat bħal bqija ta' Malta, iżda għandu bżonn politika reġjonali. Sena wara sena, ir-riżultati jkunu differenti, u l-istatistika uffiċjali tikkonferma li qed ngħid.

Wara l-ewwel sena esperjenza tad-Direttorat għat-Turiżmu fil-Ministeru għal Għawdex ir-riżultati qed ikunu pożittivi. Ta' min jinnota s-sinerġija ġdida bejn is-settur privat u l-ministeru. Qed isir koordinament ferm aħjar u almenu hemm min hu ffukat prinċipalment fuq is-settur. Diġà tħabbar li għas-sena li ġejja ser jidħlu fil-portijiet tagħna mal-għoxrin *cruise liner* li għandhom iġibu eluf ta' passiġġieri li, għalkemm jiġu fostna għal ftit siegħat, għandna nagħmlu mill-aħjar li nagħtuhom esperjenza pożittiva, ħalli darb'oħra il-mawra tagħhom tkun aktar fit-tul.

Kien ukoll pass tajjeb li l-gvern fl-aħħar baġit reġa' għadda lid-direttorat nofs miljun ewro speċifikament għall-promozzjoni Għawdxija. Hemm bżonn ferm aktar promozzjoni għal Għawdex u għajnuna lill-Operaturi li jispeċjalizzaw f'niċeċ li Għawdex hu magħruf għalihom. Konvint mill-ħeġġa u l-entużjażmu tad-direttur, is-sur Manuel Tabone u b'koordinazzjoni mal-Assoċjazzjoni Għawdxija għat-turiżmu, għandna noħorġu skemi u inizjattivi li jissarrfu f'ġid akbar għall-industrija turistika f'Għawdex.

Sadanittant, ma nistax ninjora l-fatt li jista' jkun hawn minn fostna li għaddej minn żmien ta' inċertezza. Il-problema tal-istaġjonalità fi gżiritna u nuqqas ta' xogħol, joħolqu diffikultajiet u tensjoni. Ejja nkunu solidali u nfittxu l-aktar dak li jista' jgħaqqadna. L-appell tiegħi hu; li kulħadd għandu jagħmel l-almu tiegħu u jagħti l-ġurnata tax-xogħol b'kuxjenza u responsabbiltà. Fl-istess ħin il-ħaddiem għandu jiġi kkunsidrat bħala riżorsa u mhux piż fuq l-entità. Kull meta l-Assoċjazzjoni torganizza u ssejħilna għandna nagħtu l-appoġġ għax fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa.

BEAVER

**Whether** you are mother of the bride/groom or guest we want you to have the perfect dress for your special occasion.
**We** also carry evening dresses and formal wear, shoes, bags and also hiring of hats.

2, St George's Square, Victoria, Gozo, Malta - Tel: 2155 1287
*Left handside of St George's Basilica*

*Kummentarju (5)*

# *Summit Kruċjali tal-Unjoni Ewropea: 9-11 Diċembru 2011*



*kitba ta'* MICHAEL GRECH

**Qiegħed nikteb dan l-artiklu jumejn wara li ntemm *summit* importanti tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea; *summit* li fih rajna l-kapijiet tas-sebgħa u għoxrin pajjiż tal-UE jippruvaw isibu soluzzjoni biex isalvaw l-Ewro u anke l-istess Unjoni. Nixtieq nuża dan l-artiklu biex naraw mhux biss x'ġie miftiehem waqt dan is-*summit* iżda wkoll x'ma ġiex miftiehem. Huwa importanti li nsemmu li mis-sebgħa u għoxrin pajjiż kienet l-Ingilterra biss li m'aċċettatx il-ftehim il-ġdid ta' dan is-*summit.***

Ġie miftiehem illi l-UE twaqqaf fond (*European Stability Mechanism*) ta' 500 biljun ewro biex dan iservi bħala "*bail-out-fund*" għal dawk il-pajjiżi Ewropej li jsibu ruħhom f'xi diffikultajiet biex jonoraw id-dejn tagħhom. Dan il-fond sejjer jieħu post dak li qabel kien magħruf bħala *European Financial Stability Facility.* Kien maħsub li l-fond il-ġdid jidħol fis-sena 2013 iżda minħabba l-kriżi kurrenti dan issa jrid jidħol sa Lulju tal-2012.

Il-pajjiżi qablu wkoll li apparti l-flus li diġà qegħdin jikkontribwixxu għal Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) huma joħorġu madwar 200 biljun ewro *extra* biex il-fond ikun jista' jgħin iżjed pajjiżi li jsibu ruħhom f'xi sitwazzjoni finanzjarja prekarja. Hu maħsub li dan jista' jħajjar pajjiżi oħra emerġenti imma b'riżervi finanzjarji tajbin, bħalma huma ċ-Ċina, il-Brażil u oħrajn, biex dawn ukoll jikkontribwixxu iżjed lejn il-fond monetarju. Hawnhekk jista' jinqala' intopp għaliex din l-istess mossa tista' tmur kontra prinċipju kardinali tal-UE li fondi tal-Unjoni ma jistgħux jintużaw biex jissussidjaw pajjiż barra mill-Unjoni la b'mod dirett u lanqas b'mod indirett. Ġie miftiehem ukoll li *summits* bħal dan għandhom isiru kull xahar.

Sar qbil bejn is-sbatax-il pajjiż tal-munita Ewro biex ikun hemm iżjed għaqal fiskali, regoli iżjed riġidi fejn jidħol infieq, u brejkijiet qawwija biex jiġi kkontrollat id-dejn nazzjonali ta' dawn il-pajjiżi. Wara kollox din il-problema kollha hija minħabba d-dejn eċċessiv li għamlu dawn il-pajjiżi. Minbarra l-pajjiżi taż-żona Ewro dan japplika wkoll għall-pajjiżi l-oħra kollha minbarra l-Ingilterra kif semmejt fil-bidu ta' dan l-artiklu. Il-Kummissjoni Ewropea ngħatat setgħat kbar biex tkun tista' tara sew x'baġits qegħdin jipproponu dawn il-pajjiżi u jkollha kull dritt li twaqqaf kwalunkwe pajjiż milli jaqbeż dawn il-baġits li jkunu bi żbilanċ ta' iżjed minn 0.5% tal-Prodott Gross Domestiku (GDP). Il-famuż livell ta' 3% limitu ta' defiċit issa sejjer isir riġidu u sejrin japplikaw multi ħorox għal dawk il-pajjiżi li jiksru dan il-limitu. Il-kummissjoni tkun trid tara kwalunkwe baġit li jkun propost qabel dan jgħaddi għall-approvazzjoni mill-parlament nazzjonali.

Ħaġa li żgur mhix sejra tinbidel huwa t-trattat ta' Lisbona għaliex biex isir hekk ried ikun hemm qbil unanimu tas-sebgħa u għoxrin pajjiż. Ħaġa oħra li ma aħniex sejrin naraw hija li l-Bank Ċentrali Ewropew (ECB) joħroġ jipprintja flus bl-addoċċ. Il-Ġermaniżi huma mwerwrin li miżura bħal din tista' toħloq inflazzjoni qawwija fl-Ewropa. Min-naħa l-oħra tidher ċara li s-swieq iridu li l-ECB jagħmel "*Quantitative Easing*", jiġifieri li jipprintja iżjed flus u jippumpjahom fis-sistema. F'dawn l-aħħar ġranet rajna d-Dollaru Amerikan jissaħħaħ għal madwar 1.31 kontra l-Ewro.

Hemm fatturi oħra li sa issa ma għandniex risposta għalihom bħal per eżempju: sejra l-UE tiftiehem li jkun hemm metodu simili ta' tassazzjoni komuni fil-pajjiżi tal-Ewro? Qegħdin noqorbu iżjed lejn integrazzjoni fiskali fi ħdan il-UE? Sejrin il-Gvernijiet nazzjonali jċedu kompletament id-dritt għal miżuri fiskali indipendenti ġewwa pajjiżhom?

**It-test il-kbir għall-munita Ewro jasal fil-ftit xhur li ġejjin meta għandek Spanja u l-Italja li bejniethom sejjer ikollhom bżonn ta' iżjed minn triljun Ewro biex jiffinanzjaw dejn li sejjer jagħlaq. Għal min ma jafx triljun huwa elf biljun, filwaqt li biljun huwa elf miljun. Ara tabilħaqq li l-flus saru - kif kienu jgħidu x-xjuħ tagħna; żerriegħa tal-ħarrub!**

Café & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# *"Ħafna Nsara tal-Isem Biss" - ktieb ieħor ta' Mons. Anton Gauci*

**Stampat fl-A&M Printing, Qala, 2011, jinbiegħ €3 mil-'Lumen Christi Bookshop', Victoria.**

Naħseb li dan huwa t-28 ktieb li ħareġ mill-pinna ħabrieka tal-kittieb Għawdxi Monsinjur Anton Gauci u nifhem li wasal jiktbu wara li ra u fela r-riżultat tal-aħħar Referendum li sar f'pajjiżna li wera kif il-maġġoranza tal-votanti riedet li fostna jidħol id-Divorzju.

Jidher li l-Monsinjur segwa sewwa x'kien għaddej dwar dan is-suġġett fuq il-ġurnali lokali u x-xandir, u bħala saċerdot mhux darba u tnejn kiteb biex jikkoreġi ideat żbaljati u kitbiet ġejjin minn korrispondenti li minn għalihom huma esperti fis-suġġett. Huwa jsostni li jekk kellna nagħmlu xi riflessjonijiet u nagħmluhom bil-għaqal, min jaf x'kien ikun ir-riżultat? Min jaf x'joħroġ minn dawn ir-riflessjonijiet? Partikularment dwar l-imġiba u l-ħajja tagħna ta' nsara! Tgħid joħroġ li ħafna Maltin u Għawdxin mhumiex jgħixu ħajja tassew nisranija? Tgħid nikkonkludu li għandna nibżgħu, li fostna għandna numru kbir ta' ħutna li huma nsara tal-isem biss?

Dan il-ktieb inkiteb sabiex jgħinna nagħmlu riflessjoni ta' din ix-xorta. Għax fl-aħħar mill-aħħar, jekk għandna ħafna minn ħutna li huma nsara tal-isem biss, għandna tassew biex inħabblu moħħna. Mhux biss aħna s-saċerdoti, itenni l-awtur, iżda anki dawk li fortunatament huma tassew insara. Għaliex? U mhux għaliex dawk ħutna jinsabu fit-triq li ma togħġobx lil Alla?

Jien irrid ngħid li la darba d-"Divorzju Alla Jobogħdu", u dwar dan, Mons Gauci kien tana ktieb ieħor, kull min ivvota favur id-dħul tal-Liġi tad-Divorzju, huwa nisrani tal-isem, għax kif tista' tappoġġja xi ħaġa li Alla jobgħodha!

Intant ikompli jistqarr Mons Gauci: xi jfisser li wieħed ikun jinsab fit-triq li ma togħġobx lil Alla? Ma jfissirx jewwilla li dak l-istess ħuna jkun fit-triq tat-telfien ta' dejjem? Il-ftit snin tagħna fuq din l-art jgħaddu malajr, u nidhru quddiem Alla għall-ġudizzju! Imbagħad? Xi jsir minn dik il-ħafna ħidma tagħna kontra l-Liġi tal-istess Alla? X'jiġri minn dawk il-ħafna kumitati, ġurnali u intervisti jiġġieldu kontra xi Liġi Divina?




Mons. Anton Gauci jisħaq li matul il-kampanja referendarja kien hemm bosta stonaturi u żbalji fil-kliem. Kien hemm kitba fil-ġurnali kontra t-tagħlim ta' Alla u tal-Knisja. Kemm nuqqasijiet ta' din ix-xorta fil-mezzi l-oħra tax-Xandir! U kemm sforzi oħra biex nіżirgħu l-ħażen! Fost dawn isemmi:

- Diversi kittieba u xandara qalu li d-Divorzju mhux dnub,
- Li d-Divorzju huwa dritt uman,
- Inġabet l-iskuża ta' min irid jappoġġja d-Divorzju billi jgħid li jrid iħenn u jgħin lill-ħaddieħor,
- Ivvutaw favur id-Divorzju b'kuxjenza kwieta.
- Responsabbiltà li ma tispiċċa qatt,
- Għal veri nsara ferħa bla temma,
- Riedu li l-Knisja ma tindaħalx, u li
- Il-membri Parlamentari kellhom isostnu r-rieda tal-poplu u jivvutaw Iva.

L-awtur jitkellem dwar il-parti tal-Knisja li ġiet attakkata b'mod krudil. B'mod sfaċċat, bla mistħija ta' xejn minn individwi li suppost huma Kattoliċi, mgħammdin (Dun Ġiljan Cassar f'*Leħen is-Sewwa* 18 ta' Ġunju 2011). Mill-banda l-oħra jtenni Mons Gauci, il-Knisja setgħet imxiet b'mod aħjar u iktar effiċjenti. U hawn isemmi n-nuqqas ta' kapaċità, nuqqas ta' inizjattiva u ċertu biżà. L-awtur jistqarr li sa kiteb lill-Kardinal Segretarju tal-Istat tal-Papa dwar ir-Referendum billi kellu ċertu biża' dwar in-nuqqasijiet li għadna kemm semmejna, u fil-ktieb tiegħu tidher din il-korrispondenza twila.

Mons Gauci jagħlaq dan il-ktieb tiegħu, billi jagħti ħarsa madwaru u jistaqsi jekk il-Knisja f'Malta f'xi każi flok ġid, hix qed tagħmel ħsara lill-merħla ta' Kristu! Huwa iżda jfaħħar lill-Isqof t'Għawdex Mario Grech għall-Omelija kuraġġuża u miftuħa li kien għamel fil-Knisja ta' San Ġorġ Victoria, fil-15 ta' Mejju għax għamel tajjeb ħafna meta fetaħ għajnejn il-poplu.

***Kav. Joe M. Attard***

# "ĦTIEĠA TA' IMPENN AKBAR..."

## 1 IL-KELMA TAL-PAPA BENEDITTU XVI

*"Ħtieġa ta' impenn akbar għall-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida."*

"Hi l-imħabba ta' Kristu li tfawwar f'qalbna li ġġegħilna nevanġelizzaw.

**Illum, bħal fl-imgħoddi, Hu jibgħatna fit-triqat tad-dinja biex inxandru l-Vanġelu lill-ġnus kollha. (Mt. 28. 19)**

F'kull żmien Huwa jsejjaħ lill-Knisja, u jafdalha l-mandat dejjem ġdid biex ixxandar il-Vanġelu.

Illum ukoll tinħass il-ħtieġa għall-IMPENN AKBAR **għall-Evanġelizzazzjoni Ġdida da parti tal-Knisja biex tiskopri :**

- **il-FERĦ tat-TWEMMIN**
- **l-ENTUŻJAŻMU BIEX NIKKOMUNIKAW U NGĦADDU L-FIDI LILL-OĦRAJN...**

**Huwa meta nemmnu li l-Fidi tikber u tissaħħaħ.**

*(Motu Propju "PORTA FIDEI", para.7 maħruġa fil-11 ta' Ottubru 2011 dwar is-sena tal-Fidi)*

## 2 JIKKUMMENTA T-TEOLOGU L-ARĊISQOF BRUNO FORTE

*Xi tfisser "Evanġelizzazzjoni Ġdida"?*

- **Ma tfissirx li ser jinbidel il-messaġġ tal-Vanġelu.** Il-messaġġ tal-Vanġelu hu **dejjem l-istess**, għax Kristu hu dejjem l-istess, lbieraħ, illum u għada.
- **Ma jfissirx li dak li sar s'issa ma kienx tajjeb.**
- **Ma jfissirx li issa ser nibdew minn "zero"**, qisu x-xandir li sar s'issa ma kien jiswa għal xejn.

Imma l-Evanġelizzazzjoni Ġdida tfisser

- **mod ġdid ta' evanġelizazzjoni**
- **b'enerġija ġdida**
- **azzjoni missjunarja ġdida**
- **entużjażmu ġdid**
- **spirtu ġdid biex nittrażmettu b'mod kredibbli il-Messaġġ Nisrani.**

**It-tifsira tal-aġġettiv "Ġdida" hi**

- **li fl-evanġelizzazzjoni nagħmlu qabża ta' kwalità.**

*(mill-Osservatore Romano, 27 ta' Lulju 2011)*



## 3 L-ARĊISQOF RINO FISICHELLA

***Mill-Intervista mal-Arċisqof, President tal-Kunsill Pontifiċju inkarigat mill-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida***

*Mistoqsija :* Kif għandha ssir l-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida?

L-Arċisqof : Jien naħseb li l-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida trid tkun kapaċi turi **l-ħtieġa li nxandru l-Vanġelu b'lingwaġġ ġdid u wkoll b'mezzi u għodda ġodda.**

Iżda fl-istess ħin hemm ukoll

- il-ħtieġa tat-talb, sew it-**talb tradizzjonali** (u dan għandhom ikunu jafuh bl-amment, bħal "Il-Missierna", "ir-Rużarju", "l-Attijiet" u oħrajn) u sew t-**talb liturġiku,** fil-qofol hi l-Ewkaristija.
- Kif ukoll hemm il-ħtieġa ta' **xhieda koerenti**, tal-istil ta' ħajja tagħna l-Kattoliċi.Jekk aħna l-Kattoliċi ma jkollniex stil ta' ħajja koerenti ma nkunux kredibbli, u n-nies ma jemmnuniex.

*Mistoqsija :* X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar l-użu tal-mezzi moderni għall-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida?

*L-Arċisqof :* **Merħba bihom ilkoll! L-użu tal-Internet, tat-TV, tal-iPhones, tal-iPads ... Kollha huma apprezzati. Però rrid inżid li fl-istorja twila ta' elfejn sena Kristjaniżmu, it-trażmissjoni tal-fidi dejjem seħħet permezz tal-kuntatt personali.**

**Dawl għall-Ħajja** — *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# ...biex il-fidi terġa' tixxettel u tissawwar



## 4 MIN JEĦTIEĠ LI JKUN EVANĠELIZZAT?

*(silta mill-Omelija ta' Mons. Isqof Mario Grech fil-Qala, 7 ta' Awwissu 2011)*

**L-evanġelizzazzjoni l-ġdida titlob minna azzjoni pastorali lil dawk ħutna li nqatgħu mill-Komunità Nisranija u jinsabu "fil-bogħod"...**

Mhux qed nirriferi għal dawkli joqogħdu **fiżikament** 'il bogħod, iżda għal dawk li huma fil-bogħod **spiritwalment**.

Fost dawn insemmi :

- **lil dawk li tbegħdu mill-ħajja tas-sagramenti.**
- lil dawk li ħallew il-fjamma tal-fidi tagħhom titbaxxa u kważi ntfiet, għax kif ġralhom il-ħames xebbiet boloh tal-parabbola, ma kellhomx riżerva ta' żejt fil-musbieħ.
- **dawk li ddakkru mill-kultura lajċista ta' żminijietna.**
- dawk li kellhom il-fidi tagħhom dgħajfa għax mhix sostnuta mill-katekeżi tajba u ġralhom bħaż-żerriegħa li waqgħet fuq il-blat jew f'ħamrija baxxa u nibtet u mietet mill-ewwel.
- **dawk li ma jiddistingwux bejn fidi vera u kultura reliġjuża. Fil-fatt jistgħu jkunu jerfgħu l-vara u jkunu 'l bogħod.**
- dawk li l-mod kif jgħixu ma jaqbilx eżatt mal-Kanoni ta' ħajja nisranija ideali, u għalhekk ma jistgħux jieħdu sehem sħiħ fil-ħajja liturġika.
- **dawk li ma jistgħux jinsew xi inċident infeliċi li jkunu għaddew minnu fil-Knisja.**
- **dawk li nnamraw ma' xi setta.**
- fuq kollox dawk l-oħrajn li tbegħdu mill-Knisja għax ġew imbegħdin b'xi xhieda negattiva minn min fil-Knisja jkunu fdawlu l-fiduċja tagħhom.

*L-azzjoni pastorali ma' dawn il-kategoriji trid twassal biex tikkonvinċihom dwar il-ġmiel ta' Kristu.*



*Kif niftakar lill-Isqof Cauchi*

# *L-Isqof Emeritus Mons. Nikol Ġ. Cauchi u s-soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. f'Għawdex*



*kitba ta'* **BENNIE MERCIECA** Membru tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.

Hu fatt magħruf li l-Isqof Emeritus Mons. Nikol G. Cauchi kellu mħabba speċjali għat-Tagħlim. Dan urieh biċ-ċar tul l-episkopat twil tiegħu ta' 38 sena għax kiteb u tkellem fuq firxa wiesa' ħafna ta' suġġetti ta' xeħta reliġjuża, iżda mhux biss. Għalhekk, ma setax jonqos li hu jkollu rispett kbir u fiduċja speċjali lejn kull min kien iħobb it-Tagħlim u t-tixrid tiegħu. Bir-raġun, għalhekk, l-Isqof Emeritus Nikol Cauchi kellu ammirazzjoni partikulari lejn San Ġorġ Preca, kemm għall-qdusija tiegħu kif ukoll għall-appostolat vast li wettaq f'ħajtu, bil-kelma u bil-kitba. U allura, ma setax jonqos li l-Isqof Emeritus Cauchi jkollu, wkoll, ammirazzjoni misthoqqa lejn is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. mwaqqfa minn San Ġorġ Preca fl-1907, bil-għan ewlieni li l-membri tagħha l-ewwel jitgħallmu huma biex imbagħad iwasslu l-istess Tagħlim Nisrani lill-oħrajn.

L-ammirazzjoni u l-fiduċja tal-Isqof Emeritus Cauchi lejn is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. urihom bil-fatti tul l-episkopat tiegħu, għax sa mill-bidu huwa talab is-servizz ta' diversi membri tal-MUSEUM, irġiel u nisa, f'diversi Kummissjonijiet, Kumitati u Bordijiet, bħal: Kummissjoni Djoċesana għall-Appostolat tal-Lajċi, Kummissjoni Kateketika, Kummissjoni għall-Promozzjoni Umana, u oħrajn. Kien hemm preżenza attiva, wkoll, ta' Soċji Museumini f'Ċelebrazzjonijiet Djoċesani ġo Knejjes



Parrokkjali u fil-pubbliku, f'Kungressi Ewkaristiċi u Marjani, simpożji u seminars. Fl-ewwel żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Gżejjer Maltin fl-1990 huwa għażel lil superjur tal-Museum biex ikun l-animatur ewlieni tal-Konċelebrazzjoni Sollenni mmexxija mill-Papa Ġwann Pawlu II, f'Ta' Pinu.

Billi l-Isqof Cauchi kellu ħafna għal qalbu l-kelma miktuba huwa kien japprezza ferm li kien jiġi mogħti l-pubblikazzjonijiet kollha mid-Dar Ġenerali u li l-Oqsma f'Għawdex jibgħatulu l-pubblikazzjonijiet tagħhom, bħal *newsletters*, fuljetti jew kotba biex iżomm ruħu aġġornat b'dak li jkun qed isir mill-membri tal-MUSEUM. f'Għawdex. Per eżempju, hu kien japprezza ħafna li l-Qasam tan-Nadur jibgħatlu kull xahar il-fuljetti, 'Il-Ħbieb Isejħu' u 'Nimxu Id f'Id.' Mhux l-ewwel darba li kien jikkwota mill-materjal mibgħut lilu. Kien japprezza ħafna meta l-membri tal-Qasam tas-Subien tan-Nadur kienu jippreżentawlu xi volum mis-sensiela ta' kotba 'Il-Ħbieb Isejħu bl-Istejjer.'

L-hena tiegħu meta kien ikun mistieden f'xi Qasam Museumin għal xi okkażjoni bħal tberik u tqegħid tal-Ewwel Ġebla ta' xi Qasam ġdid, ftuħ uffiċjali u tberik ta' Ċentri museumini, anniversarji speċjali marbuta mal-Fundatur, mas-Soċjetà M.U.S.E.U.M., jew ma' xi Qasam partikulari. Ġie li ta korsijiet ta' aġġornament teoloġiku u kateketiku u irtiri spiritwali lill-membri mużewmini. Diversi drabi mexxa Konċelebrazzjonijiet f'Oqsma u ta konferenzi lil diversi kategoriji fosthom ġenituri, tfal, studenti u żgħażagħ. Ġie li attenda fl-Oqsma għal xi okkażjoni bħal Jum il-Ġenituri, Jum il-Premjazzjoni, Ġimgħa Museumina (fil-Qasam tas-Subien tax-Xewkija) u anke għal xi attività soċjali u kulturali, bħal drama u *musicals* (fil-Qasam tas-Subien tan-Nadur). U meta ma kienx ikun jista' jattendi kien jibgħat biljett ta' radd il-ħajr u inkoraġġiment.

Kemm kien iħossu mfarraġ u nkoraġġit meta kien iżur l-Oqsma u jara l-klassijiet mimlija bit-tfal, studenti u żgħażagħ. Ta' kull sena huwa kien jiltaqa' mat-tfal tal-Griżma fl-Oqsma Museumini rispettivi u jara b'għajnejh il-frott tal-organizzazzjoni kateketika. **'Dak li tieħdu minn hawn, ibqgħu ċerti li diffiċli teħduh minn x'imkien ieħor!'** kien iħobb jirrepetilhom. Fi żmien il-Milied ġie li żar xi Oqsma Museumini, bħal fil-Qasam tas-subien tan-Nadur, u arah juri viżibilment l-apprezzament ġenwin tiegħu għall-isforzi li jsiru mill-



membri biex isir it-tiżjin hekk sabiħ, fosthom il-Presepju, u biex jitlestew mijiet ta' rigali tal-Milied għal kull min jattendi d-Duttrina. Kelma ta' inkoraġġiment minnu qatt ma kienet tonqos!

Iżda, ma nistgħux nitkellmu dwar l-Isqof Emeritus Mons Nikol Ġ. Cauchi u nħallu barra l-għajnuna materjali kbira li huwa, bil-pjaċir kollu, għogbu jagħti lis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. f'Għawdex liż-żewġ sezzjonijiet. Għax jekk f'Għawdex iċ-ċentri tad-Duttrina Museumini huma hekk spazjużi, attraenti u mgħammra mill-aħjar għall-iskop hekk nobbli tal-formazzjoni nisranija tat-tfal, studenti, żgħażagħ u kbar, dan kollu hu dovut, fil-parti l-kbira, għall-interventi diretti tal-Isqof Cauchi fl-għoti ta' art għall-bini u anke għajnuna finanzjarja. Fost l-ewwel Oqsma Museumini li gawdew kien il-Qasam tas-Subien tan-Nadur, fejn l-Isqof Cauchi stinka ħafna biex art imdaqqsa tal-Knisja tan-Nadur tgħaddi f'idejn il-Museum tas-Subien. Mingħajr l-intervent tiegħu l-Qasam tan-Nadur tas-Subien ma kienx ikollu l-grawnd hekk spazjuż li għandu llum. Mhux ta' b'xejn li l-Qasam tas-Subien tan-Nadur iqis lill-Isqof Cauchi bħala benefattur kbir tiegħu.

Fix-Xewkija, wkoll, kien l-Isqof Cauchi li fl-1972, wara talba mill-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca u l-Membri Museumini, għogbu jalloka, bla ebda ħlas, biċċa art kbira fejn seta' jinbena Museum spazjuż u modern li jkun jista' jiġi attrezzat bil-mezzi kollha li jitolbu ż-żminijiet għall-edukazzjoni nisranija u Kappella mill-isbaħ (li hu stess inawgura f'Settembru 2005 qabel ma temm il-missjoni tiegħu ta' Isqof tad-Djoċesi Għawdxija), kif ukoll spazju mdaqqas għal grawnd. Barra dan, bl-intervent dirett tal-Isqof Cauchi, ġiet mogħtija għajnuna finanzjarja, bla ebda imgħax, biex setgħu jitħallsu ċerti spejjeż tal-bidu, u liema flus ġew ritornati kollha fi ftit snin. Bir-raġun li l-membri tas-Subien fix-Xewkija jqisu lill-Isqof Emeritus Cauchi bħala l-akbar benefattur tal-Qasam tagħhom.

L-istess gawdew, b'mod ġeneruż, mill-għajnuna tal-Isqof Cauchi l-Oqsma tas-Subien fix-Xagħra, l-Għarb, Għajnsielem u Ta' Sannat.

Anke' is-Sezzjoni tal-Bniet tas-Soċjetà M.U.S.E.U.M. f'Għawdex gawdiet mill-għajnuna ġeneruża tal-Isqof Nikol Cauchi. Huwa tħabat ħafna biex tiġi akkwistata biċċa art kbira fix-Xewkija li fuqha seta' jinbena Museum tassew sabiħ u modern. Fin-Nadur, huwa ta l-permess biex is-Soċjetà takkwista biċċa art fi Triq it-Tiġrija, li għaliha huma mistennija l-permessi sabiex tinbena d-Dar. F'Għajnsielem, ukoll, il-Museum tal-bniet akkwista biċċa art in-naħa tal-Gudja, u frott it-tħabrik tiegħu, s-Soċjetà tal-Museum tal-Bniet għadha tagħmel użu minn parti mill-binja ta' Dar San Ġużepp.

Għaldaqstant bir-raġun li isem l-Isqof Emeritus Mons Nikol Ġ. Cauchi jibqa' mnaqqax b'ittri tad-deheb fl-istorja tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. f'Għawdex bħala l-akbar benefattur tagħha u li d-dejn kbir tagħha lejh jiġi b'xi mod mħallas lura bit-talb ta' kuljum biex Alla l-Imbierek jagħtih il-premju tal-Ġenna.


**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED

A member of the KDM Group

- Ġiti...
- *Cruises...*
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- *Lukandi... u akkomodazzjoni oħra*
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Is-Sitta u Erbgħin Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAN-NAR FIL-FESTI TAGĦNA (1)*

Il-qawl Malti jgħid li "Festa bla nar mhix festa." U hekk hu. Minkejja li l-eżaġerazzjonijiet mhumiex xi ħaġa sabiħa, imma biex attività tkun liema tkun tingħata importanza, fiha jrid ikun hemm għamla ta' ħoss. Ħaġa li ma tagħmel ebda ħoss tkun bħal ħaġa mejta. U mbagħad ma ninsewx li n-nar barra l-ħoss għandu wkoll il-viżiv tiegħu, dak li jidher. Viżiv piroteknìku, maħdum bis-sengħa, sabiħ u li jgħaxxaq.

Sa mill-antik fil-festa tagħna kienu jsiru l-ħsejjes. Qabel il-**murtali** dawn il-ħsejjes kienu jsiru bil-**kanuni** u bil-**maskli**. F'festi antiki u ta' portata nazzjonali bħalma kienu Santa Marija, il-Vitorja, San Ġwann, l-Imnarja, San Girgor, il-Milied, il-Għid il-Kbir, kienu jisparaw il-**kanuni** u l-**maskli** bi spejjeż tal-Gvern jew tal-*Universitas* ta' Għawdex u fil-festi titulari tal-bliet u tal-irħula, kienu jisparaw sempliċement il-**maskli**.

F'bosta festi kienet issir ukoll il-**ħuġġieġa**, l-aktar f'San Ġwann, f'Santa Marija u fil-festi ta' diversi niċeċ li jinsabu mxerrdin f'bosta mkejjen tal-gżejjer tagħna. Il-**ħuġġieġa** kienet l-aktar forma primittiva tan-nar fil-festi tagħna.

Dari, fl-ewwel nofs tas-seklu 19, kienu jinħarqu wkoll xi **suffarelli** u **fxiefex** li għalihom kien isir il-ħlas mill-knisja.

### *Jaħraq il-Qatet tas-Silla!*

Biex nuru kif il-festi u n-nar imorru flimkien għandna għalikom dan l-aneddotu:

Pietru Grima (miet fl-1840), li kien sagristan ta' San Ġorġ, lejlet il-festa ta' San Ġorġ (22 ta' April) wara tal-Imwiet kien jitla' fuq il-bejt tal-knisja b'ċorma tfal miegħu bil-lasta tal-istuta, b'żewġ qattiet tiben, bil-lixka, biż-żnied u bl-azzar, u kien iqabbad waħda miż-żewġ qattiet tiben, idaħħalha fil-lasta tal-istuta, jgħolliha 'l fuq, u biha jibda jaqbeż u jiġri tul il-bejt tal-korsija u jiżher bħal żiemel sfrattat, filwaqt li t-tfal, wara kull pawsa, b'leħen wieħed igħajtu: Viva ż-żiemel ta' San Ġorġ! Viva ż-żiemel ta' San Ġorġ!

Imbagħad jerġa' jagħmel l-istess bil-qatta l-oħra.

Din kienet wirja primittiva ferm ta' bniedem li ried jiċċelebra l-festa ta' San Ġorġ bin-nar u billi jirreċta ta' żiemel maħrub, bniedem li kien hekk iħobb lil San Ġorġ li jingħad li kien imur quddiem il-kwadru titulari u jsellimlu l-ewwel ħaġa qabel ma jibda x-xogħol u l-aħħar ħaġa meta jispiċċa.

### *Il-Maskli*

Qabel ma bdew isiru l-murtali tal-karti li jitilgħu fl-ajru, l-isparar kien isir bil-**maskli**, xorta ta' faqqaturi kkargati bil-porvli li, meta jiġu sparati, jagħmlu ħoss qawwi bħal ta' bomba.

Masklu jkun bħal bott oħxon tal-ħadid jew tal-bronż, il-qiegħ usa' mill-wiċċ, b'widna minfejn jintrefa'. Il-porvli kien jiġi ppressat fil-masklu b'virga tal-bronż. Ma kinitx tintuża virga tal-ħadid biex jiġi evitat li jtir xi xrar u l-masklu jispara b'periklu kbir għal min ikun qiegħed jikkargah. Fil-ġenb tiegħu kien ikun hemm toqba żgħira minfejn tidħol il-niċċa, inkella l-*fgum*. Il-fgum kien ikun porvli iswed imxarrab u li jiddaħħal minn din it-toqba żgħira u jitħalla jinxef.

Wara li l-masklu kien jiġi mimli bil-porvli u ppressat sewwa, kienu jippressaw fuqu ġebla mfarrka jew karti. L-ippressar kien isir b'mazza żgħira jew mazzola tal-injam. Imbagħad, jitqiegħed fuq ċint biex jiġi sparat. F'Għawdex il-maskli kienu jiġu sparati għall-festi ta' San Girgor, il-Għid il-Kbir, Santa Marija, il-Vittorja, Sant'Orsla, u kien iħallas għalihom il-Gvern. Dawn kienu jiġu sparati minn fuq iċ-ċint ta' xi bastjun tal-Gran Kastell, l-aktar dak ta' San Mikiel, fejn illum hemm l-arloġġ, mill-fjank tal-lvant.



Ta' min igħid li kien hemm żewġ tipi ta' maskli, il-kbar u ż-żgħar. Sett ta' maskli antiki jinsabu għall-wiri fil-Mużew tal-Folklor taċ-Ċittadella.

### *In-Nar tal-Art*

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, u l-pajjiż beda ġej 'il quddiem, allura beda jsir u jinħadem kull xorta ta' nar b'munizzjon li mhux biss jaqbad imma wkoll li jagħmel splużjoni u allura ħoss. Il-Maltin u l-Għawdxin din it-teknika tal-logħob tan-nar aktarx tgħallmuha mill-Isqallin fejn hemm ukoll tradizzjoni qawwija ta' logħob tan-nar ta' kull xorta.

Il-logħob tan-nar (il-piroteknika) jista' jinqasam f'żewġ tipi: **nar tal-art** u **nar tal-ajru**. It-teknika ta' kif jinħadem hija kważi l-istess, imma dak tal-art jinħaraq fl-art, u dak tal-ajru, jinħaraq fl-ajru, wara li jitla' mill-art.

Liema huwa l-logħob tan-nar tal-art? Għandna qabel xejn il-**ġiġġifogu** (*guoco di fuoco* jew logħob tan-nar), li jfisser kull xorta ta' **rdieden**, **disinni jixegħlu** u oħrajn **mekkanizzati** li jduru bis-saħħa ta' funtani tal-kulur, b'tifqigħ ta' bombi żgħar fit-truf tagħhom. Fost l-irdieden tal-ġiġġifogu nsibu **l-irdieden tat-temp** li jinħarqu waħda waħda bit-temp, **il-miġnuna**, li tinqala' u ttir fl-ajru u li ġieli spiċċat ukoll fl-art! Insibu wkoll kull xorta ta' **funtani**, **fxiefex**, **stoppini**, **trikki-trakki** u t-**tapit** fl-aħħar. Kull xorta ta' nar ieħor bħal *flares*, li jiġu sparati fl-ajru, **fjammi** u **toroċ** li jinżammu fl-idejn, u **rdieden** żgħar ta' b'waħda. Hemm ukoll il-**gassijiet** li jarmu ħafna dawl u oħrajn li meta jinħarqu jtajru ħafna stilel u jagħmlu sabiħ ħafna waqt id-dħul tal-istatwa fil-knisja.

Illum il-ġurnata qegħdin ukoll naraw bċejjeċ ta' ġiġġifogu li jinkludu fihom disinji ġodda b'mekkaniżmi oriġinali u b'materjal ġdid.

Mal-ġiġġifogu, insibu wkoll dilettanti li jagħmlu xi **vapur** jiġri fuq ħabel tal-*wire* min-naħa għal oħra tal-pjazza li ħafna minnhom dawn il-vapuri, ma nafx għaliex, jehlu fin-nofs!

Ir-Rabat, Għawdex, nhar id-dimostrazzjoni, l-istatwa kienet titla' fost il-ħruq tal-ġiġġifogu fi Triq ir-Repubblika (It-Tiġrija), drawwa sabiħa li dawk li jħobbu jivvandalizzaw l-istituzzjonijiet tradizzjonali jidher li sabulha tarfha wkoll. F'lejlet il-festi jsir ħruq tal-ġiġġifogu fi Pjazza Savina, jew fi Pjazza San Franġisk, jew anki fi Triq it-Tiġrija quddiem il-Għassa tal-Pulizija, post li reġa' beda jintuża għal hekk fis-sena 2011. Ġieli jinħaraq ukoll nar tal-art fi granet oħra tal-festi.

Fl-irħula ta' Għawdex in-nar ta' l-art aktarx li jinħaraq fil-pjazza tar-raħal.

Man-nar tal-art tagħmel ukoll il-**musketterija**, li dari aktar mil-lum, kienet tiġi sparata minn fuq il-bjut fil-bidu ta' xi funzjoni, marċ jew attività oħra ta' matul il-festa.

**Is-sfafar tan-nar** dari kienu joħolqu wkoll atmosfera ta' briju qawwi. Dari kienu popolari ħafna, mbagħad inqatgħu minħabba xi abbużi u kienu reġgħu ġew introdotti, imma ma damux wisq, kif għidna, minħabba xi abbużi, bħalmeta tispara xi waħda f'id xi ħadd, inkella tintelaq fl-art tiġri qalb in-nies, avolja mhux dejjem apposta.

Hawnhekk, ma ninsewx xi jgħid il-qawl Malti: "In-nar jagħmlu l-bniedem u jaħarqu x-xitan." F'xi postijiet f'dawn il-gżejjer, infatti, insibu d-drawwa li qabel ma tinħaraq kull raddiena jindaqq **tokk bil-qanpiena** l-kbira biex igerrxu lil hemm **ix-xitan** li ma jiġix jaħraqha hu r-raddiena u tispiċċa tinħaraq ħażin!

*(jissokta)*



*Ftit fatti u kummenti*

# 2013... jew 2020!



*kitba ta'* Dr. MARIO SALIBA MD MSc MMCFD

**Le, dan mhux żball tal-istampatur! Ninsabu resqin għall-bidu tas-sena 2013. Dakinhar żgur li ser naraw ħafna affarijiet ġodda f'Għawdex. Mill-kliem inkunu għaddejna għall-fatti. Ir-riżultati jkunu hemm biex jarahom u jmisshom kulħadd. Issa żgur li rridu niġġudikaw fuq dak li sar u mhux dak li kien intqal jew imwiegħed.**

L-ewwel u qabel kollox il-fiżjonomija t'Għawdex inbiddlet u bdiet tieħu d-dehra ta' gżira ekoloġika. Tlieta fil-mija tal-elettriku kollu f'Għawdex (tlett darbiet aktar mis-sena l-oħra) ġa qed ikun iġġenerat minn sistemi alternattivi ta' pannelli fotovoltajiċi u turbini tar-riħ. Il-widien huma mimlija bl-ilma u mdawrin b'ħitan sbieħ biex jilqgħu l-ilma u ma jkunx hemm periklu għan-nies li joħorġu xi passiġġata fil-kampanja. Il-ħitan tas-sejjieħ ukoll ġew kollha mibnijin mill-ġdid u l-passaġġi qalb il-kampanja kienu mnaddfin mill-iskart u l-imbarazz li nġema' matul is-snin.

Għawdex sar il-mira ta' eluf ta' turisti li jħobbu l-kampanja u jippreferu jgħaddu l-vaganzi tagħhom billi jmorru passiġġati għat-tul u jiskopru n-natura, l-flora u u l-fawna tal-gżira tagħna. Dawn ser isibu l-kampanja nadifa, passaġġi mnaddfa u l-widien b'ilma ġieri u safi.



Il-bajjiet tagħna saru aċċessibbli permezz ta' toroq sbieħ li jikkumplimentaw it-toroq prinċipali li ġew mibnija mill-ġdid bil-għajnuna tal-Unjoni Ewropea. Kull turist li jżur Għawdex ser issa jista' jmur f'dawn il-bajjiet mingħajr taħbit permezz tal-*Arriva* jew bil-karozza li jikri peress li jkollu d-direzzjonijiet kollha biex iwassluh. Tant iħossu komdu li jistħajlu qiegħed f'pajjiżu bid-differenza li fi ftit ħin jista' jiskopri ħafna affarijiet ta' sbuħija naturali, kultura, arti, arkeoloġija u storja. It-turist jista' wkoll igawdi iktar il-kosta ta' madwar Għawdex għax din ukoll għaddiet minn pjanijiet maħsuba apposta.

Mawra sal-port tal-Mġarr illum hija differenti għax tista' tgawdi passiġġata fiż-Żewwieqa fejn tara dawk il-jottijiet sbieħ li hemm sorġuti. Wieħed jista' jara ukoll esebita dik li hi l-unika dgħajsa tal-Latini li għad fadal f'Għawdex. Fl-aħħar din id-dgħajsa tipika Għawdxija sibnielha post permanenti biex tibqa' titgawda mill-ġenerazzjonijiet tal-futur.

It-turist mhux talli jsib toroq ġodda mingħajr ħofor imma talli meta jasal iċ-Ċirkewwa biex jaqbad il-vapur isib *terminal* ġdid fjamant bil-kumditajiet kollha u l-vapuri ġejjin u sejrin mingħajr ma joqgħod xi siegħa jistenna. Dan ikun l-ewwel ħjiel ta' x'ser isib meta jasal f'Għawdex. Meta mbagħad ikollu dik l-esperjenza pożittiva f'Għawdex tant ikun kuntent li dak il-ħin stess jiddeċiedi li l-ewwel darba li jkun jista' jiġi vaganza f'Għawdex direttament mhux għal ġurnata biss, kif għamel issa, u jirrikkmanda wkoll lill-ħbiebu biex jagħmlu l-istess għax veru ħa gost u ħa lura l-valur tal-flus li nefaq.

**Imma Għawdex mhux għat-turisti biss qiegħed. L-isptar tagħna kien ingħata *face lift* u tnaddaf mill-ħmieġ li kont issib u l-kurituri inksew bl-irħam. Barra l-magni ġodda tal-*X-rays*, l-isptar issa għamlu wkoll teatri ġodda tal-operazzjonijiet biex dawk li jkollhom bżonn operazzjoni jkollhom moħħhom mistrieħ li tista' ssirilhom f'Għawdex u mhux jispiċċaw Malta bogħod mill-għeżież tagħhom. It-tobba u professuri tal-isptar ikollhom il-mezzi kollha biex iwettqu xogħolhom mingħajr ħafna nuqqasijiet. Ikollhom il-faċilità biex jikkomunikaw ma' kollegi oħra f'Malta u barra minn Malta biex il-pazjent jingħata l-aħjar kura possibbli f'Għawdex stess. Min huwa marid bil-marda tal-kanċer ikun jista' jingħata l-kura f'Għawdex u mhux irid imur Malta meta saħħtu hija dgħajfa ħafna.**

Iż-żgħażagħ Għawdxin jistgħu jsibu xogħol f'Għawdex għax f'Għawdex issa nġieb investiment tal-IT, tant



li l-qgħad naqas iktar mir-rata medja ta' Malta. Numru ta' żgħażagħ Maltin qed jitħajru jiġu jaħdmu f'Għawdex minflok ma' jsiefru barra minn Malta. Dan għaliex f'Għawdex jistgħu jsibu impjieg *full-time* u b'kundizzjonijiet u pagi tajbin. Il-*businessmen* Għawdxin għandhom moħħhom mistrieħ li jistgħu jinvestu flushom hawnhekk stess permezz ta' '*micro-enterprise park*'. Is-sajjied Għawdxi mhux ser ikollu problemi bil-ħut li jaqbad għax ser ikollu pixkerija ġdida u moderna. Hekk ukoll igawdi l-konsumatur Għawdxi.

L-istudenti universitarji bdew jagħmlu l-eżamijiet tagħhom fil-kampus tal-università f'Għawdex. Bdew isiru diversi korsijiet tal-baċellerat u diplomi fosthom diploma fl-Agrikoltura peress li issa hemm *video conferencing* mal-univeristà f'tal-Qroqq. Iktar adulti qed jitħajru jerġgħu jaqbdu l-istudju billi jsegwu kors tal-*Masters* mill-kampus f'Għawdex.

It-tfal u ż-żgħażagħ Għawdxin qed igħixu iktar f'saħħithom u naqset fosthom il-ħxuna żejda għax bdew jagħmlu iktar eżerċizzju billi għandhom faċilitajiet sportivi madwar l-irħula kollha, '*open air studios*', pixxina f'Ta' Xħajma, kumpless sportiv rinnovat u modernizzat li jħabbata ma' dawk ta' barra. Il-korsa taż-żwiemel f'Ta' Xħajma bdew jorganizzaw tiġrijiet kull ġimgħa u l-familja kollha issa tista' tgawdi għax hawn sar park nazzjonali bil-faċilitajiet ta' rikreazzjoni għall-familja kollha, b'ħafna faċilitajiet sportivi u rikreattivi.

Min jiġi Għawdex isib fejn jipparkja speċjalment fir-Rabat fejn sar parkeġġ taħt l-art. Bdejna ngawdu arja nadifa u inqas konġestjoni tat-traffiku speċjalment fir-Rabat, għax issa trakkijiet kbar m'għadhomx jitħallew igħaddu minn Triq ir-Repubblika. Ġa bdew jitħaddmu wkoll l-ewwel karozzi bl-elettriku madwar u ġol-belt.

Żjara fiċ-Ċittadella hija ferm pjaċevoli u tħallilek memorji sbieħ. Il-pjazza flimkien mal-bini storiku li hemm, ġew restawrati. Tieħu gost iżżur iċ-ċentru ta' informazzjoni li hemm b'mezzi moderni tal-*media* biex jispjegaw lill-pubbliku dak li ser jaraw. Id-dwal ġodda taw dehra iktar nadifa u t-toroq irranġati flimkien mad-djar li nbew mill-ġdid fiċ-ċentru tal-belt l-antika tieħu gost tgħaddi minnhom, għax qisek qed tgħix f'dak iż-żmien. Il-ġibjun huwa biċċa xogħol arkitettonika unika u tajjeb li tmur tarah.

Min ikollu bżonn imur il-qorti mhux ser isib iktar tbatija għax dan inbena ġdid f'post fejn tista' tipparkja u mingħajr dik l-inkonvenjenza kollha. Ovvjament hemm iktar kumditá u ċerti kawżi tal-appell bdew ukoll jinstemgħu f'Għawdex b'mod regolari, għax issa għandna mħallef residenti f'Għawdex...

F'daqqa waħda stenbaħt u qomt b'uġigħ ta' ras, u rrealizzjat li kont irqadt fuq is-sufan quddiem it-televixin, waqt li kont qed nara programm ta' diskussjoni dwar Għawdex! Kont qed noħlom!

*Nota Editorjali: Dan l-artiklu nkiteb f'Diċembru 2011*


**Xerri l-Bukkett**



**Bar**

**Restaurant Pizzeria**

*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*

Triq iż-Żewwieqa Qala

**Tel. 21553500**

*Esperjenza*

# *Djalogu Wiesa' bejn Żgħażagħ Ewropej u Ċiniżi*



*kitba ta'* RYAN MERCIECA

**2011 immarkat mhux biss is-Sena Ewropea tal-Volontarjat, iżda wkoll is-Sena UE-Ċina taż-Żgħażagħ li kelli l-opportunità li niġi magħżul biex bħala ambaxxatur taż-żgħażagħ nirrappreżenta l-Ewropa u Malta għal din is-sena importanti.**

Kienet ċertament esperjenza rikka, li jien se ngħożż matul il-ħajja tiegħi. Li kelli l-opportunità biex nesperjenza l-kobor taċ-Ċina mhux biss għall-poter ekonomiku tagħha, iżda wkoll għall-kapital uniku tal-kultura u l-valuri li għandha, mhix opportunità ta' kuljum.

Matul is-sena l-għanijiet prinċipali tas-Sena taż-Żgħażagħ kienu li jippromwovi djalogu interkulturali u ssaħħaħ ftehim reċiproku u l-ħbiberija bejn iż-żgħażagħ Ewropej u Ċiniżi, tħeġġeġ liż-żgħażagħ dwar il-kura u tappoġġja l-iżvilupp ta' relazzjonijiet UE-Ċina, jiksbu l-impatt estensiv u pożittiv u jgħinu sabiex jiżguraw li l-kooperazzjoni bejn deċiżjonijiet politiċi kif ukoll bejn organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ huma sostenibbli wara l-2011.




L-importanza tal-avvenimenti kien evidenti b'mod ċar mill-preżenza qawwija tal-midja Ewropej u Ċiniżi. Iċ-ċerimonja tal-ftuħ fi Brussell f'Jannar laħaq il-quċċata tagħha meta dikjarazzjoni konġunta kienet iffirmata minn Androulla Vassiliou, Kummissarju Ewropew għall-Edukazzjoni, Kultura, Multilingwiżmu u Żgħażagħ, u Wang Xiao, President tal-Federazzjoni taż-Żgħażagħ taċ-Ċina.

F'Beijing fi Frar, il- Prim Ministru Wen Jiabao attenda għall-ftuħ taċ-ċerimonja waqt li għadda l-messaġġ tiegħu lill-parteċipanti u ltaqa' mad-delegazzjoni tal-UE għaż-żgħażagħ. Matul din iċ-ċerimonja, anke l-UE-President Jose Manuel Barroso wassal il-messaġġ tiegħu b'*video conferencing*. Huwa ddikjara li s-sena taż-żgħażagħ toffri bażi (*platform*) interattiva għal nies Ewropej u Ċiniżi żgħażagħ biex itejbu l-fehim reċiproku u l-ħbiberija u kif ukoll biex iġibu vitalità fir-relazzjonijiet bejn iċ-Ċina u l-UE. Matul dawn iċ-ċerimonji, iż-żewġ naħat għarfu l-importanza ta' investiment fiż-żgħażagħ u li rrikonoxxew l-irwoli ewlenin taż-żgħażagħ fis-soċjetà. Barra minn hekk, u nemmen bis-sħiħ f'dan, li ttejjeb il-kooperazzjoni u djalogu fil-qasam taż-żgħażagħ hija essenzjali għal għarfien reċiproku u biex titneħħa kull preġudizzju li jistgħu jeżistu bejn ir-reġjun Ewropej u ċ-Ċina. Għal din iċ-ċerimonja aħna wkoll kellna laqgħat u diskussjonijiet fi Guiyang, belt kapitali tal-provinċja ta' Guizhou.

Ukoll f'dan l-avvent, jien kelli l-possibbiltà li nagħmel żjara ta' korteżija lil Dr Joseph Cassar, Ambaxxatur ta' Malta għar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Matul din il-laqgħa aħna ddiskutejna l-irwol kruċjali taċ-Ċina fil-preżent u fil-ġejjieni flimkien mar-relazzjonijiet bilaterali bejn Malta u ċ-Ċina.

F'Lulju komplejna bil-konferenzi u laqgħat f'Beijing u Xi'an fejn aħna ddiskutejna ż-Żgħażagħ u l-Iżvilupp Sostenibbli, inkluż enfasi fuq: *green volunteering*; *green transportation*; *green consumption*; u *green creativity*. Din l-esperjenza tagħtni aktar għarfien dwar kif aħna għandna nippjanaw u nimplimentaw il-viżjoni ta' Eko-Għawdex.

Xahar wara erġajna, ltqajna f'Shenzhen u Guangzhou, fejn bħala żgħażagħ kemm mill-Ewropa u ċ-Ċina esplorajna parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, kontribuzzjoni għad-dibattitu dwar temi bħal: servizzi ta' volontarjat;






servizz u żvilupp tal-komunità; il-ġenerazzjoni ġdida u l-integrazzjoni soċjali; parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-*policy making* fiċ-Ċina u l-Ewropa.

F'Settembru aħna erġajna ltqajna fi Brussell, għal *China-Europe Symposium* dwar l-Iżvilupp tax-Xogħol taż-Żgħażagħ. Din il-laqgħa ġiet fi ħdan il-qafas tal-Konvenzjoni Ewropea taż-Żgħażagħ dwar il-Volontarjat.

L-għeluq ta' din iċ-ċerimonja seħħet f'Ottubru fejn kellna *summit* taż-żgħażagħ li kkonsista minn taħlita ta' sessjonijiet plenarji u diskussjonijiet fi gruppi tematiċi ta' ħidma li ffukaw fuq iż-żgħażagħ f'soċjetà li qed tixjieħ; Dinja multi-polarità u l-irwol ta' organizzazzjonijiet reġjonali; il-bidla fil-klima u l-Iżvilupp Sostenibbli. L-avvenimenti kienu miżmuma f'Beijing u Tianjin.

**Dawn l-esperjenzi kienu rikki mhux biss bl-għarfien relatati mas-Sena UE-Ċina taż-Żgħażagħ 2011 iżda wkoll bl-esperjenzi mill- aqwa ta' ħbiberiji, il-kooperazzjoni u l-edukazzjoni informali. Madankollu ferm kuntent li kelli x-xorti ta' esperjenzi sbieħ u mill-aqwa taċ-Ċina reali, li huwa b'xi mod differenti minn dak li huwa spiss jiġi ppreżentat mill-midja. Ftehim bħal dan jista' jiġi mnissel mill-inizjattivi li jibnu pontijiet bejn iż-żgħażagħ taż-żewġ reġjuni u li mbagħad ikun jista' jiġi żviluppat f'kooperazzjoni aħjar.**

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

The Liqueur Shop
THE LEADING WINES, SPIRITS, & TOBACCO MERCHANTS IN GOZO
14, ST. GEORGE'S SQR., VICTORIA, GOZO.
TEL: 21 556 531
FAX: 21 555 809
Prop. J.C. Mejlak Zammit
FREE HOME DELIVERY

Rapport

# Il-Moviment Azzjoni Soċjali (MAS) għandna bżonnu llum aktar minn qatt qabel



kitba ta' ALFRED GRECH

**Mons. Fortunato Mizzi, illum mimli bl-għomor waqqaf il-Moviment Azzjoni Soċjali f'Malta fl-1955. Il-ħsieb prinċipali kien li jintegra l-valuri tal-Vanġelu fil-ħajja ta' kuljum tal-Insara – fil-ħajja tal-familja, fil-ħajja privata, fid-dinja tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali, fil-politika u fil-mistrieħ u d-divertiment. Dan għaliex fid-dinja l-ġdida ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija kien dejjem qed jikber id-distakk bejn dak li wieħed jemmen u l-mod ta' ħajja li bih jgħix. Donnu r-reliġjon u l-valuri tagħha kienu validi biss għal dawk il-mumenti qosra li wieħed jgħaddi fil-knisja.**

M'għandi l-ebda diffikultà ngħid li Mons. Fortunat hu bniedem viżjonarju – b'viżjoni kbira għall-bniedem. Il-proġetti l-kbar li ħolom u li wettaq fil-ħajja twila tiegħu huma xhieda ħajja ta' dan – il-Koperattiva tal-Bdiewa u Koperattivi oħra, il-ġurnal *il-Qawmien*, ir-Radju tal-MAS, il-Kumpless tal-MAS ġewwa Għajnsielem. Il-MAS ħadem bis-sħiħ biex isaħħaħ it-tradeunioniżmu independenti. Kellu żewġ *trade unions*, waħda l-*Workers and Family Union* (WFU) u oħra għall-ħaddiema nisa, Organizzazzjoni Impjegati Nisa (OIN). Flimkien kellhom 'il fuq minn 4000 membru. Meta nħass il-bżonn, il-MAS ittrasferiet il-membri tagħha lil *union* independenti li saret l-UHM, minkejja li dan kien ifisser sagrifiċċju finanzjarju kbir. Dan hu xi ftit mill-frott ta' Mons. Mizzi.



**U jekk il-MAS f'Malta nbeda minn bniedem ta' din l-istatura, xejn inqas nistgħu ngħidu għal Għawdex fejn il-MAS daħal fl-1957 grazzi għall-isforzi tal-mibki l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi, dakinhar Kappillan ta' Fontana. Anke Dun Nikol, f'dak iż-żmien hekk bikri meta Għawdex kien għadu jxidd il-libsa rurali tiegħu, fehem li s-soċjetà ta' madwaru kienet qed tinbidel u għalhekk, jekk it-tagħlim tal-Vanġelu kellu jibqa' relevanti għall-familji tagħna kien hemm bżonn li jiġi nkarnat fil-ħajja ta' kuljum b'mod iktar sistematiku.**

Naturalment dan il-Moviment ġabar madwaru għadd ta' segwaċi li matul il-mogħdija taż-żmien taw il-kontribut tagħhom għat-tisħiħ ta' din l-għaqda kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. F'Għawdex il-Moviment Azzjoni Soċjali dejjem kien attiv. Il-dar tal-Moviment tinsab fi Triq Pompej ir-Rabat fejn isiru l-laqgħat u l-korsijiet diversi li jsiru minn żmien għal żmien. Fost dawn il-korsijiet li wħud minnhom saru bil-kollaborazzjoni mal-Fergħa t'Għawdex tal-Università ta' Malta, ta' min isemmi dawk għan-*nurses* fl-isptar, għall-*carers* tal-familjari morda jew anzjani tal-*leadership*, tal-*public speaking*, tat-tagħlim soċjali tal-Knisja u dan l-aħħar tat-*Time Management* u ieħor tal-*Parental Skills*. Dawn il-korsijiet dejjem ġibdu attendenza tajba u ġew apprezzati ferm.

Bla dubju l-attività l-iktar sinonima mal-MAS f'Għawdex hija l-Ġimgħa Soċjali. Mit-twaqqif tiegħu fil-gżira tat-tliet għoljiet, il-MAS dejjem ħabrek biex ixerred it-tagħlim soċjali tal-Knisja; misjub l-iktar fid-dokumenti tal-Konċilji, partikularment Vatikan II, u fl-enċiklići tal-Papiet ibda mill-famuża *Rerum Novarum* tal-Ljun XIII sa dawk tal-Beatu Ġwanni Pawlu II u ta' Beneditu XVI. Żgur li l-parroċċi f'Għawdex kellhom il-grazzja ta' Ġimgħa Soċjali; ħafna minnhom iktar minn waħda. Kif jixhed l-isem stess ta' din l-inizjattiva, Ġimgħa Soċjali tkun tikkonsisti f'konċentrazzjoni ta' tagħlim fuq medda ta' ġimgħa jew ħmistax f'parroċċa partikulari dejjem bil-permess tal-Arċipriet jew Kappillan u bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Parrokkjali. Jiġi ppreperat programm minn xhur qabel li jkun jinkludi laqgħat għall-kategoriji – tfal, żgħażagħ, għarajjes, ġenituri, anzjani, studenti universitarji, professjonisti u ħaddiema, żjajjar fl-iskejjel, programmi tar-Radju, seminars u diskussjonijiet. Ħafna drabi jkunu mistiedna kelliema esperti fil-qasam tagħhom, kemm Għawdxin kif ukoll Maltin.




Fis-Sena 2000, il-MAS vara l-Proġett tal-Millennju bil-ħsieb li jagħmel is-soċjetà Għawdxija iktar konxja mill-problemi li kienu qed jolqtu t-tessuti soċjali tal-gżira. F'dan l-isfond ġew avviċinati diversi persuni kkwalifikati li preparaw studju rigward oqsma speċifiċi bħalma huma l-edukazzjoni, is-saħħa, ix-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali, l-ambjent, il-ġustizzja soċjali, l-ekonomija, il-wirt storiku, il-*media* u t-trasport. Dawn ġew ippreżentati waqt *seminars* li saru apposta matul is-sena millenarja bil-ħsieb li 'l quddiem jinġabru u jiġu ppubblikati. Dan ix-xogħol issa wasal fl-aħħar fażi tiegħu u b'din il-pubblikazzjoni, il-MAS ikun qed jagħti l-kontribut tiegħu lis-soċjetà Għawdxija billi jitfa' dawl fuq is-sitwazzjoni preżenti u joffri soluzzjonijiet.

U jekk qed insemmu l-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb tal-Millennju, ta min jgħid li din mhix xi eċċezzjoni ta' darba. Il-MAS hu magħruf ukoll għal diversi pubblikazzjonijiet ta' kotba u fuljetti, l-iktar dwar aspetti soċjali. Ta' min isemmi li għal diversi snin il-MAS kien jippubblika l-ġurnal 'il-Qawmien', b'diversi artikli ta' interess. Fl-aħħar deċennju tas-seklu għoxrin il-MAS f'Għawdex daħal għall-Proġett kbir, il-Kumpless t'Għajnsielem li oriġinarjament kien immirat biex iservi ta' Ċentru għall-Anzjani. Il-flus li kienu involuti fil-bini ta' dan il-Proġett bi sħab mal-Knisja Għawdxija li tat l-art għal somma nominali u l-Gvern kienu jlaħħqu mal-kwart ta' miljun lira Maltin. Matul is-snin inbidlu diversi ċirkostanzi u għalhekk riċentement sar ftehim mal-Kurja t'Għawdex biex issa l-parti amministrattiva tal-bini li tinkludi sala, kċina, uffiċċju, *lift*, *restaurant* u kmamar oħra qed tintuża mill-MAS l-iktar bħala *Day Centre* għall-Anzjani u attivitajiet oħra bħal konferenzi, *seminars* u irtiri, filwaqt li l-*block* ta' 12-il *flat* ser jiġi amministrat mill-Kurja t'Għawdex.

Il-MAS jorganizza wkoll attivitajiet ta' ġbir ta' fondi bħal *Bar-B-Qs* u *Bazaars* biex ikun jista' jlaħħaq mal-ispejjeż kurrenti u l-manutenzjoni tal-Post Ċentrali fir-Rabat. Barra minn hekk il-MAS għandu diversi sostenituri u benefatturi li jagħtu l-kontribut tagħhom ukoll. Il-Kumitat tat-tmexxija f'Għawdex jiltaqa' regolarment darba fix-xahar taħt il-presidenza tal-Kan. Ġużeppi Sacco li issa ilu għal snin twal involut fil-Moviment. Il-Kumitat iżomm ruħu aġġornat bis-sitwazzjoni soċjali u politika fil-pajjiż u joħroġ *media releases* biex isemma leħnu fuq diversi kwistjonijiet li jkunu qed jiġu diskussi fil-pajjiż; dejjem skont il-valuri u l-prinċipji tiegħu. Naturalment il-preżenza ta' iktar membri tgħin biex dan il-Moviment jibqa' ħaj u rilevanti u għalhekk minn dawn il-paġni nagħmel appell lil dawk li għandhom għal qalbhom il-progress veru t'Għawdex biex ma joqogħdux lura.

**RAYMOND CEFAI**
***TAL-KELBA LTD.***
- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

Passiġġata Biblika - 69

"Mela dak li Alla għaqqad, ma jħollux il-bniedem." (Mt 19:6)

# Iż-Żwieġ Kattoliku u d-Divorzju: Ħarsa Biblika

minn Fr. Charles Buttigieg

*Żwieġ Kattoliku u żwieġ Ċivili*

**Bi żwieġ kanoniku nifhmu żwieġ li jsir skont il-liġi tal-Knisja Kattolika. Il-Kattoliku hu obbligat li jidħol fiż-żwieġ skont ir-riti tal-Knisja u l-forma kanonika, li titlob preżenza tas-saċerdot jew tad-djaknu u żewġ xhieda. Żwieġ ċivili huwa żwieġ li huwa ċċelebrat skont il-liġijiet tal-Istat u l-forma mitluba minn dawn l-istess liġijiet ċivili. Il-Knisja tgħallem li ż-żwieġ ta' kull Kattoliku jrid isir skont il-liġijiet u l-formalitajiet stabbiliti u mitluba minnha. Għalhekk f'każ li xi Kattoliku jagħżel żwieġ ċivili, f'għajnejn il-Knisja dan iż-żwieġ ma jgħoddx bħala sagrament.**

*Ġesù, iż-Żwieġ u d-Divorzju*

Fid-Dewteronomju (24:1) insibu li jekk raġel isib fil-mara nuqqas ta' xi ħaġa, jiktbilha l-kitba tal-ħall u jibgħatha minn daru. Ir-raġel biss seta' jħoll iż-żwieġ. Però skont interpretazzjoni tar-rabbini tannaitiċi (*Tannaim*) il-mara setgħet iġġiegħel lir-raġel sabiex jibgħatha, imma huwa jibqa' dejjem l-aġent tal-ħall taż-żwieġ. Ankè il-Koran jitkellem mis-setgħa assoluta tar-raġel li jtemm iż-żwieġ tiegħu u jibgħat 'il barra lil martu mingħajr ma hu marbut li jagħti raġuni għaliex keċċieha (ripudju). Ir-Rabbini Lhud kienu jaqblu bejniethom li r-raġel ma jistax jibqa' ma' mara jekk issir adultera. L-iskola stretta tax-Xammaj kienet taqbel ma' dan meta kien ikun hemm każ ta' adulterju, waqt li l-iskola ta' Hillel kienet tapplika d-divorzju għal kull nuqqas anke jekk ikun żgħir; per eżempju r-Rabbi Akiba (c.135 a.d.) jgħid li anke ikel misjur



ħażin mill-mara jiġġustifika l-fatt li titkeċċa mir-raġel. Dan kollu kien minħabba l-ebusija tal-bniedem imma fil-bidu ma kienx hekk. Alla ma jridx id-divorzju.

Ġesù mistoqsi dwar din il-kontroversja ta' dawn iż-żewġ skejjel tax-Xammaj u tal-Hillel, wieġeb b'mod ċar u anke radikali għal dak iż-żmien, **"Ma qrajtux li min ħalaq sa mill-bidu ħalaqhom raġel u mara u qal: 'Għalhekk iħalli raġel 'il missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u jsiru t-tnejn ġisem wieħed?' Għalhekk mhumiex aktar tnejn, imma wieħed. Mela dak li Alla għaqqad, ma jħollux il-bniedem."** (Mt 19, 4-6) Kristu għallem li ż-żwieġ hu indirizzat għall-għaqda bejn Alla u l-bniedem u jtenni żwieġ monogamiku u jagħti iktar awtonomija lill-mara. Huwa jipprojbixxi espliċitament iż-żwieġ wara l-ħall, hu jsejjaħlu adulterju: raġel li jibgħat lil martu u jiżżewweġ oħra jagħmel adulterju; u mara li tibgħat lil żewġha u tiżżewweġ ieħor tagħmel adulterju. **"Min jitlaq 'il martu u jiżżewweġ oħra, jiżni minħabba l-oħra, u jekk hi titlaq 'il żewġha u tiżżewweġ ieħor, tiżni."** (Mk 10, 11-12, kif ukoll Luqa) Fil-diskors tal-Muntanja nsibu lil Ġesù jgħid, "Intqal ukoll: Kull min jitlaq 'il martu, jagħtiha l-kitba tad-divorzju. **Imma jien ngħidlkom: Kull min jitlaq 'il martu, barra mill-każ ta' rabta ħażina, iġegħilha tiżni, u kull min jiżżewweġ il-mitluqa jiżni"** (Mt. 5, 31-32) San Pawl ikompli fuq din il-linja ta' Kristu u għalhekk jagħti tifsira kristoloġika liż-żwieġ.

*Il-Pastorali tal-Knisja*

Mela huwa ċar mill-Iskrittura u mill-liġi t'Alla li l-Kattoliku ma jistax jaċċetta d-divorzju. Issa li hawn f'Malta daħlet din il-liġi tad-divorzju, x'ser tkun il-pastorali tal-Knisja? Żgur li rridu nkomplu nsaħħu ż-żwieġ nisrani permezz ta' preparazzjoni tajba u formazzjoni sħiħa, kemm qabel iż-żwieġ u kemm wara. **L-ewwelnett nerġgħu nfakkru li jekk tnejn miżżewġa validament bil-Knisja u jġibu d-divorzju miċ-ċivil u waħda jew it-tnejn li huma tidħol f'unjoni oħra ċivili, mil-liġi divina t'Alla qegħdin jikkommettu adulterju.** Ħafna jidhrilhom li l-Knisja għandha ssib xi tip ta' kompromess u ħniena ma' dawk li huma ddivorzjati u qegħdin fit-tieni żwieġ. Imma...

Fil-*Gaudium et Spes* n.16 insibu; **"fil-fond tal-kuxjenza tiegħu l-bniedem jagħraf liġi li ma jagħtihiex hu lilu nnifsu, imma li huwa għandu jobdi, u l-leħen tagħha, li dejjem jgħidlu biex iħobb u jagħmel it-tajjeb u jaħrab il-ħażin...Il-bniedem għandu tassew liġi miktuba minn Alla f'qalbu...Imma dan ma nistgħux ngħiduh**

**meta l-bniedem ftit ikun jimpurtah li jfittex il-verità u t-tajjeb, u meta l-kuxjenza ssir bil-mod il-mod kważi għamja ħtija tad-drawwa tad-dnub."** Għalhekk kull ħidma pastorali għandha tikkonċentra sabiex il-Kelma ta' Kristu li hu, "it-triq, il-verità u l-ħajja" tinżel fil-qlub u tifforma kuxjenza tajba u responsabbli.

Is-saċerdot huwa mogħbbi b'responsabbiltà u qatt ma għandu jsolvi problemi matrimonjali permezz ta' kompromess żbaljat li jmur direttament kontra l-istess rieda t'Alla. Huwa għandu jaħdem sabiex jgħin lill-persuna tħares lejha nfisha u tagħraf il-verità għall-ġid tagħha.

Fl-Omelija f'għeluq is-Sinodu ta' Novembru 1980 fin-numru 7 tal-Beatu l-Papa Ġwanni Pawlu II, jgħidilna li l-Knisja ma tistax titlaq għal rashom lil dawk li wara li kienu ntrabtu biż-żwieġ sagrament, marru jfittxu żwieġ ieħor. Ir-rgħajja tal-erwieħ għandhom ikunu jafu f'ġieħ il-verità, jagħżlu sewwa bejn qagħda u oħra. **Hemm differenza bejn dawk li bis-sinċerità kollha għamlu minn kollox biex isalvaw l-ewwel żwieġ u sabu ruħhom abbandunati għal kollox inġustament u dawk li bi ħtija kbira tagħhom farrku żwieġ validu skont il-liġi tal-Knisja. Huma mħeġġin jisimgħu l-Kelma t'Alla, imorru għall-quddies, u jipperseveraw fit-talb. Il-Knisja titlob għalihom bħala Omm, turihom ħniena u ssaħħaħhom fil-fidi u t-tama.**

**Minn naħa l-oħra l-pastorali tas-saċerdot qatt ma għandha sservi bħala risposta għas-sentimentaliżmu u utilitarjaniżmu. Il-pastorali speċjalment dik konfessjonali ma tfissirx "kif jaqbel tqabbel" imma għandha tqabbel mal-messaġġ u mat-tagħlim ta' Kristu afdat lill-Knisja li waqqaf huwa stess. Huwa għandu jaħdem għall-konverżjoni tal-persuna u mhux għall-kumdità tal-persuna. Dan kien il-ministeru ta' Kristu fuq l-art fejn kull fejn mexa u għallem ġab bidla fil-qalb f'dawk kollha li laqgħuh.**

***Biblijografija***


BAJADA JOSEPH, *L-Għażla fiż-Żwieġ*, Media Centre Malta 1995.

MACKIN THEODORE, *Marriage in the Catholic Church, Divorce and Remarriage*, New Jersey, 1984.

McDONALD JOHN F., *The sacraments in the Christian life*, Slough 1983.

ROBINSON GEOFFREY, *Marriage, Divorce and Nullity*, London 1984.


***Nifirħu lill-Assistent Editur tagħna***

Mons Anton Sultana huwa fil-preżent Assistent Editur u Pubblikatur ta' din ir-rivista, *"Il-Ħajja f'Għawdex"*. Huwa għandu esperjenza twila ta' ħamsin sena fil-ġurnaliżmu kattoliku f'pajjiżna billi kkollabora mhux ftit matul is-snin fid-direzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' dan il-ġurnal djoċesan ma' tliet edituri differenti. Il-kitba tiegħu permezz ta' artikli b'temi reliġjużi u kulturali dehret ukoll f'diversi ġurnali oħra. Għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena, Mons Anton Sultana kien direttur u pubblikatur tal-*Lumen Christi Publications*, li matul dan iż-żmien ħarġet aktar minn 200 pubblikazzjoni.

Fid-Digriet tal-Ħatra ta' Monsinjur Onorarju tal-Kapitlu Katidrali, Mons Isqof Mario Grech ixebbaħ il-ministeru presbiterali ta' Mons. Anton Sultana ma' "djamant jilma bid-diversi lwien sbieħ tiegħu". Xhieda ta' dan huwa "d-dinamiżmu spiritwali u apostoliku" ta' Mons Anton Sultana – fit-tħejjija li għamel hekk kif sar saċerdot fl-Istitut *Ignatium* f'Messina u fl-iskola tad-Diretturi Spiritwali mal-komunità tal-Benedittini f'Pecos, New Mexico, U.S.A. fis-servizz ta' direzzjoni spiritwali fis-*Sixth Form* tal-Iskola Sir Mikelanġ Refalo u fis-Seminarju Maġġuri, kif ukoll fil-ħila ta' ragħaj f'diversi mandati li ngħata f'parroċċi differenti barra minn Malta u bħala Arċipriet tal-Qala, raħal twelidu.



Minbarra l-ħidma *ex ufficio* ta' saċerdot, ħidma ordinarja imma delikata, biex jgħin fil-formazzjoni tal-kuxjenza u jakkumpanja lill-insara fil-pellegrinaġġ spiritwali, Mons Anton Sultana għadu jservi b'dedikazzjoni u b'abbiltà amministrattiva l-istampa kattolika fil-gżira tagħna. Għaldaqstant għan-nom tad-Direzzjoni ta' din ir-Rivista u tal-qarrejja tagħha, nifirħu lil Mons Anton Sultana u nixtiequlu ***Ad Multos Annos***! *L-Editur*

***Għoti ta' l-Onoreficenza – "Ġieħ il-Belt Victoria" lil Rev. Mons. Alfred Xuereb, Segretarju Personali tal-Q.T. il-Papa***

Nhar is-7 ta' Diċembru 2011 il-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex organiżża serata fiċ-*Cittadella Centre for Arts and Culture*, li matulha ngħatat l-Onorificenza – "Ġieħ il-Belt Vicotria" lil Rev. Mons.Alfred Xuereb .

Fil-preżent Mons Alfred Xuereb qed jaħdem fis-Segreterija Personali tal-Qdusija Tiegħu, il-Papa Benedittu XVI, fejn qed jiżvolġi r-rwol importanti tat-tieni segretarju tal-Papa.

Matul din is-serata ttella' kunċert bl-isem *'Spanish Charms'* mill-kitarrista Spanjol Armando Orbon.



*Għawdex Qabel ir-Ritratti (41)* *minn* JOHN CREMONA

# *Tfajla Għarbija mix-Xewkija?*

Fdalijiet tal-ħakma Għarbija kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex ftit li xejn għandna, madanakollu, fil-Mużew tal-Arkeoloġija ta' Għawdex għandna waħda mill-isbaħ fdalijiet ta' dan il-perijodu importanti imma li ftit wisq għadna nafu fuqu.

Ħafna minnkom xi darba jew oħra raw jew semgħu dwar il-ħaġra ta' Majmuna. Din hija ħaġra jew aħjar irħama li kienet saret għal fuq qabar ta' tfajla jisimha Majmuna. Din il-ħaġra hija importanti għal diversi aspetti. L-ewwelnett l-iskrizzjoni ġiet imnaqqxa fuq irħama ta' żmien ir-Rumani. Fil-fatt, fuq wara tal-ħaġra wieħed għadu jista' jara motiv klassiku mnaqqax b'sengħa u reqqa kbira. Naturalment l-importanza ta' din il-ħaġra tinstab fl-iskrizzjoni artistika li tinsab imnaqqxa fuqha. L-iskrizzjoni hija miktuba bil-Għarbi, aktar preċiż bil-Kufiku, li kien speċi ta' ktiba artistika bil-Għarbi li kienet tintuża bħala dekorazzjoni artistika fiha nnifisha peress li r-reliġjon Islamika ma tippermettix ir-rappreżentazzjoni tal-bniedem jew ta' annimali.

Nafu eżattament meta saret l-iskrizzjoni ta' fuq l-irħama għaliex il-kittieb jgħid li Majmuna mietet nhar il-Ħamis tax-xahar Xahban il-Kbir tas-sena 569.Tajjeb wieħed ikun jaf li l-Misilmin jibdew jgħoddu ż-żmien mill-20 ta' Ġunju 622, il-jum li fih Muħammed ħarab mill-Mekka. Allura fi żmien tagħna, Majmuna mietet nhar il-21 ta' Marzu tas-sena 1174. Issa dan iż-żmien jikkorrispondi ma' żmien il-ħakma tan-Normanni fuq pajjiżna u nafu li għalkemm l-Għarab baqgħu jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom liberament wara l-miġja tal-Konti Ruġġieru fil-1090, nafu li dawn ġew imkeċċija minn Ruġġieru t-Tieni fil-1127. Għal din ir-raġuni hemm min jitfa' d-dubji dwar il-provenjenza ta'din il-lapida u hemm min jgħid li saħansitra ġiet minn barra minn pajjiżna. Mhux hekk imma jgħid Sir Temi Zammit li kiteb dwar din l-iskrizzjoni f'*Il-Malti* maħruġ mill-Għaqda Kittieba tal-Malti f'Ġunju 1926 li jgħid bħala stat ta' fatt li din il-lapida nstabet f'Għawdex.

Peress li bejn ix-Xewkija u Ta' Sannat hemm post imsejjaħ ta' Majmuna, isem li żgur li ġej mill-medjuevu, it-tradizzjoni dejjem kienet li din l-irħama instabet f'dan il-post li għadu magħruf bħala ta' Majmuna sal-lum. Ma nafux fiċ-ċert fejn instabet din il-lapida. L-ewwel darba li tissemma kienet fil-propjetà tal-familja nobbli Sciara u kienet imwaħħla mal-faċċata ta' dar fi Strada Stretta u Strada Brittanica fil-Belt Valletta. Fis-sena 1845 ġiet mogħtija mill-Markiż DePiro lill-kollezzjoni tal-Biblioteka.


MALTA PENNY MAGAZINE.

No. 6 Saturday, Oct. 19. 1839.

*Arabic Inscription, written in Cufic characters, and found in the island of Malta.*

L-inċiżjoni li qiegħed nippubblika ma' dan l-artiklu dehret fuq il-qoxra tal-*Malta Penny Magazine* tas-Sibt 19 ta' Ottubru 1839. Hija proċess ta' *woodcut* jew inċiżjoni permezz ta' blokka tal-injam li kienet mezz popolari kif jiġu stampati stampi u disinni f'ġurnali u gazzetti tal-epoka. Nista' ngħid kważi b'ċertezza li din l-istampa hija replika eżatta tal-inċiżjoni li dehret fil-*Malta Illustrata* tal-Konti Giovanni Antonio Ciantar u li dwarha nikteb darb'oħra.

Dwar xi tgħid l-iskrizzjoni nikteb ukoll darb'oħra. Għalissa ngħidilkom biss li apparti xi versi mill-Koran fiha speċi ta' twissija forma ta' poeżija mill-isbaħ minn Majmuna nnifisha.

L-inċiżjoni għandha qisien ta' 160 x 154 mm.

Għawdex 400 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 199



Riċerka ta' Joseph Bezzina

© 2012

Għall-WIEĦED U GĦOXRIN sena konsekuttiva qegħdin noffru lill-qarrejja ta' *Il-Ħajja f'Għawdex* ir-rubrika dwar Għawdex fil-qedem. Tul l-ewwel tmien snin (1992-1999) ippubblikajna dokumenti ta' 400 sena ilu, mid-disa' sad-dsatax-il sena (2000-2010) ġibna dokumenti ta' 300 sena ilu, għax ta' 400 sena ilu nqerdu. Mis-sena 2011 bdejna mill-ġdid b'dokumenti ta' 400 sena ilu. Id-dokumenti, bħas-snin ta'qabel, huma meħudin mill-Acta ta' l-Universitas, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Dawn jinsabu miġbura fl-Arkivju Nazzjonali, sezzjoni ta' Għawdex. Hu ttamat li 'l quddiem dawn il-paġni storiċi jiġu stampati fi ktieb.

# L-irkant tas-sisa fuq l-inbid jerġa' jsir

**Id-dokument numru mija u disgħa u disgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu rapport dwar l-irkant tas-sisa fuq l-inbid li sar nhar l-1 ta' Jannar 1612 – erba' mit sena ilu. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798) folju 57r (NAG, UG, *Acta*, 3/1611–1612, 57r)**

Din hi t-traskrizzjoni tal-*Bandu*:

*Per ordine delli supradicti Magnifici Iurati fuq mesa a candela un altra volta la gabella della scisa del vino; fu bandiata per Iacobo Pulicii publico serviente di essa Università, per la somma che li piaceva; dice tanto che altre volte fu bandiata per Scudi tre cento conforme essa. In gabellata, in tempo passato, et si havendo comparso nesciuno, fu tanto per ordine delli Signori supradicti Iurati si bandisce ammonendo a tutti quelli che vorranno dire in essa scisa. Compariscano et dicano et offerisca a loro piacere reservando di dare parte al Molto Illustrissimo di tal offerta et, conforme il per mandato di Sua Signoria Illustrissima, non comandando che sia per l'Università sarra per quello che più offerirà.*



Dan hu rapport ta' interess kbir għax wieħed jista' jislet minnu ħafna tagħrif dwar l-importazzjoni tal-inbid. Ir-rapport ikompli mal-aħbar ippubblikata fl-aħħar dokument. Konna ktibna li Ġakbu Pulicii kien ħabbar b'*Bandu* li wara l-Vespri tal-Milied fil-Matriċi ta' Għawdex kien sejjer isir l-irkant fuq il-monopolju tal-importazzjoni tal-inbid minn Sqallija. L-irkant kien jingħata lil min joffri l-ikbar sisa.

L-irkant fil-fatt kien sar, kif hemm imniżżel f'dokument ieħor, iżda ħadd ma ppreżenta ruħu għalih. Ir-raġuni kienet li l-Università kienet sejra tibda l-irkant bis-somma ta' tliet mit skut.

Kienet somma kbira ħafna, iżda, kif ktibna, id-dħul ewlieni tal-Università ta' Għawdex kien mis-sisa fuq l-inbid. Biex tkun żgura mill-ġbir ta' din is-sisa, l-Università kienet titfa' l-piż tal-ġbir fuq l-importatur. Dan kellu jagħti somma globali. L-importatur ried għalhekk ikun jaf bejn wieħed u ieħor kemm l-Għawdxin kienu jixtru inbid matul is-sena. Hekk meta jitfa' l-offerta fuq il-monopolju kien ikun ċert li mhux sejjer imur minn taħt. Jekk, naturalment, matul is-sena l-Għawdxin kienu jixorbu iktar mis-soltu, l-importazzjoni kienet tikber, u kien imur tajjeb ħafna. Għax is-sisa ma kinitx titħallas fuq il-kwantità impurtatata, iżda skont kemm miftiehem fl-irkant.

Ir-rapport jagħti t-tagħrifa li, fiż-żminijiet ta' qabel, meta ħadd ma kien jersaq biex jagħti s-somma mitluba, kienu jinfurmaw lill-Granmastru tal-Ordni. Dan imbagħad kien jagħti l-permess lill-Università biex tagħti l-monopolju lil minn joffri l-iktar, anki jekk is-somma tkun iktar baxxa minn dik mixtieqa.

Skont id-dokument, il-permess ma baqax jintalab fl-aħħar snin. L-Università kienet dlonk tagħmel irkant ieħor. L-irkant tħabbar b'*Bandu* ieħor għal nhar l-1 ta' Jannar 1612.

## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# *Dun Ġwann Meilaq (1920-1999)*

Ġanni twieled fir-raħal tan-Nadur nhar it-12 ta' Ottubru 1920 bin Franġisku Meilaq u Karmela mwielda Mizzi. Tgħammed mill-Kanoniku Anton Camilleri, li aktar tard kellu jsir Arċipriet tal-parroċċa tan-Nadur, fil-15 ta' Ottubru 1920 u ngħata l-ismijiet ta' Ġanni, Rożario u Mikieli.

Irċieva l-ewwel edukazzjoni għand is-Sorijiet Franġiskani u wara fl-Iskola Primarja tal-Gvern fl-istess raħal. Fl-1933 daħal fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù fejn għamel erbatax-il sena. L-Isqof ta' Għawdex ta' dakinhar Mons. Ġużeppi Pace ordnah saċerdot fil-31 ta' Mejju 1947 fil-Kolleġġjata tan-Nadur. Dun Ġwann iċċelebra l-ewwel quddiesa sollenni tiegħu fil-15 ta' Ġunju 1947. Immedjatament wara, l-istess isqof ħatru bħala prefett u għalliem tal-istess seminarju. Għal xi żmien, huwa kien ukoll għalliem fil-Kulleġġ San Lwiġi ta' Birkirkara f'Malta. Huwa wettaq dan ix-xogħol bi mħabba u serjetà kbira.

Fl-1953 Dun Ġwann mar iżur lil ħutu li kienu emigraw fl-Istati Uniti tal-Amerika u tħajjar biex jibqa' jservi lil Alla hemm. Esperjenza din il-bidla kulturali iżda żamm sod quddiem il-materjaliżmu u l-konsumiżmu ta' dan il-pajjiż. F'ittra li kiteb lil saċerdot Għawdxi qallu li l-materjaliżmu li jiċħad kull spirtu ta' mortifikazzjoni jkisser il-ħajja ta' ħafna nsara. Lill-istess saċerdot jinnotalu li fl-Istati Uniti l-qassis ikollu ħafna x'jagħmel iżda din l-attività tista' tisraq il-ħin tat-talb. Imma huwa għeleb dan il-periklu u għex ħajja intensa ta' talb.

L-ewwel xogħol tiegħu kien fost l-emigranti Taljani *St. Mary Star of Sea* ta' California. Wara, għal żmien itwal u impenjattiv, Dun Ġwann ħadem fit-tribunal taż-Żwieġ, tal-Arċidjocesi ta' Los Angeles, waqt li kien iservi bħala kappillan f'żewġ parroċċi oħra, dik ta' Long Beach u St. Anthony.

Kull sfida ġġib magħha s-sodisfazzjon u għalhekk fl-1987 Dun Ġwann kiteb dan fuq l-esperjenza tiegħu fl-Istati Uniti: "Il-qagħda kkulurita tiegħi fil-USA kienet mixja tal-għageb li fiha ltqajt ma' kull xorta ta' nies, minn miljunarji għall-foqra fit-toroq ... il-qassis hawnhekk huwa miżmum fuq wiċċ l-idejn minn kulħadd. Ġarrabt ferħ spiritwali meta ltqajt mal-ispirtu Amerikan ta' ġenerożità kbira .. u s-sempliċità bla limiti tal-poplu Amerikan .. u l-ispirtu ta' ġenerożità li bih jgħinu meta jkun hemm il-bżonn ... kemm f'diżastri lokali u anki f'xi pajjiż imbiegħed. Jien ċert li l-ispirtu Amerikan, li huwa magħruf mad-dinja kollha, ipatti għad-dgħufijiet umani f'dan il-pajjiż, li huwa mbierek minn Alla. Jien ferħan ħafna bid-deċiżjoni tiegħi li għamilt f'Novembru 1953 li nibda naħdem hawnhekk minflok fis-Seminarju." Dam jaħdem fl-Amerika għal aktar minn 40 sena u fl-aħħar ta' ħajtu rtira f'raħal twelidu.

F'għeluq il-50 anniversarju tas-saċerdozju tiegħu, il-Kardinal Roger Mahony, Arċisqof ta' Los Angeles kitiblu ittra tassew sabiħa u li parti minnha tgħid hekk: "Int kont barka għall-Knisja kollha, u l-Arċidjoċesi ta' Los Angeles hija mbierka b'mod speċjali talli kont preżenti fostna għal dawn is-snin isservi lill-poplu b'dedikazzjoni u impenn. Alla biss jista' jgħid eżatt dwar ix-xogħol siewi li int għamilt fostna matul dawn is-snin, u fis-Saltna tas-Smewwiet biss tkun tista' tara u tifhem il-frott spiritwali tal-ħidma saċerdotali tiegħek."

Fit-18 ta' April 1997, l-Isqof ta' Għawdex ta' dakinhar Mons. Nikol Ġ. Cauchi fuq talba tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tan-Nadur, ħatru bħala Kanoniku Onorarju, għalkemm kważi qatt ma deher flimkien ma' sħabu fil-pubbliku liebes il-muzzetta.

Dun Ġwann kien jemmen ħafna fil-qari ta' kotba ta' natura reliġjuża biex ikun jista' jaġġorna ruħu. Mill-Amerika kien jabbona lis-Seminarju ta' Għawdex f'xi rivisti u kien jibgħat ħafna kotba għal-librerija, wara li jkun qrahom, biex is-seminaristi jkunu jistgħu jaġġornaw ruħhom. Kellu għal qalbu ħafna l-formazzjoni kontinwata tas-saċerdoti biex ikunu jistgħu jservu lil Alla aħjar u jagħmlu l-ġid fid-dinja sekularizzata tal-lum. Anki lil xi kollegi tiegħu kien jibgħatilhom xi ktieb jew jabbonahom f'xi rivista. Mhux ta' min jinsa wkoll li Dun Ġwann kien qassis li kien iħobb ħafna l-Ewkaristija. Kien bil-ħidma tiegħu, li fi ħdan il-parroċċa tan-Nadur, twaqqfet il-"Fergħa Ewkaristika". Kien qassis mimli bl-ispirtu ta' Alla u kien kontra kull medjokrità fejn jidħlu l-ħwejjeġ ta' Alla.

Dun Ġwann daħal fil-ħajja ta' dejjem fil-15 ta' Jannar 1999 fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex wara marda li huwa sofra b'rassenjazzjoni kbira.

*(Nixtieq nirringrazzja lil oħtu Roża Meilaq li tatni l-materjal li fuqu dan il-profil huwa bbażat).*

**Angelo Xuereb**

*Għawdex Online (35)*



# Filmati dwar Għawdex



*riċerka u kitba ta'* SALVU FELICE PACE, sfelicep@go.net.mt

Is-sabiħ tal-internet hu li dejjem issib xi ħaġa ġdida. Jista' jkun li dak li ssib ikun ilu hemm ħafna, jew għadu kif tpoġġa hemm. Hekk kif bdejt infittex biex nikteb din il-paġna sibt riferenza għal *video* dwar Għawdex fuq il-*You Tube*. L-indirizz huwa dan: **http://www.youtube.com/watch?v=jSqkhsTCHIw.**

Il-filmat dwar Għawdex huwa proprjetà tal-websajt uffiċjali li tippromovi t-turiżmu għal dawn il-gżejjer **www.visitmalta.com**. Dan il-*video* jiġbor fih dak kollu li jagħmel din il-gżira dik li hi. Skont statistika li tidher taħt il-filmat kien hemm 39,585 hits, numru impressjonanti. Nirrakkomandah.

Meta tkun fuq din il-paġna, fuq il-lemin, issib filmati oħrajn li tpoġġew fuq *YouTube* minn diversi persuni. Ser nagħti lista sabiex nagħtikhom idea tal-varjetà ta' filmati dwar Għawdex li tistgħu tgawduhom mill-kumdità ta' djarkhom: It-Tempji tal-Ġgantija, *Gozo*; *Island of Joy*, *Gozo Ferry Easter Sunday*, *Tour of the Island of Gozo*, *Gozo Bus*, *Stormy Azure Window*, *Gozo Island* Għawdex Malta, *Gozo the Island of Peace and Tranquillity*, *Malta Gozo and Comino from the air*, Malta (Gozo), *Xlendi Gozo Malta*, *Gozo Malta, Malta Gozo – Għajnsielem – Ġgantija*, *Gareth Davis' Guide to Gozo*, Malta/Gozo Dwejra – Ħondoq ir-Rummien, *Gozo the Wonderful*, Gozo/Ħondoq Bay, *Nadur Carnival Gozo 2008*, Malta: *Gozo – Xagħra – Orange Orchard, Malta 2007* – St Julian – Gozo – Comino, *Grand Hotel Gozo* u *Diving in Gozo*.

Dawn huma parti żgħira ħafna mill-mijiet ta' filmati *online* dwar Għawdex. Jekk tfittex bil-kliem *youtube gozo videos* issib sittin paġna b'riferenzi li l-maġġoranza tagħhom huma ġenwini. **Hemm varjetà kbira ta' suġġetti**



**relatati ma' Għawdex, bħal festi, arkitettura, drawwiet, xenarji, tempji, knejjes u ħafna aktar.** L-istess jekk tidħlu f'xi waħda mill-magni tat-tfittix bħal *Google*. Bil-kliem *gozo videos* issib numru kbir ta' riferenzi.

Hawn nagħmel daqsxejn ta' twissija. Il-ġenituri jridu joqgħodu attenti meta jħallu t-tfal ifittxu f'dawn il-magni *online*, għax fost dawn il-filmati ġenwini jitpoġġew filmati li mhumiex għal għajnejn it-tfal. Naħseb li niftehmu.

Il-filmati dwar Għawdex ħafna drabi huma xogħol ta' turisti li jkunu ġew iżuruna u jkunu jridu jaqsmu l-esperjenzi tagħhom ma' ħaddieħor. Ħaġa sabiħa, li tgħin ukoll biex Għawdex isir dejjem aktar magħruf.


Peter's Butcher Shop

*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*

St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

MARIO DISPENSING OPTICIANS

57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

*Irqaqat mill-Imgħoddi*

# L-Iskola Primarja tax-Xewkija (1861-1888)



*minn* **WINSTON L. ZAMMIT,** B.A. (Hons), PGCE, M.A.

L-Iskola Primarja tax-Xewkija, din is-sena qed tfakkar il-150 Anniversarju, meta f'dan ir-raħal infetħu għall-ewwel darba l-iskejjel primarji tal-bniet u tas-subien.

Dawn kienu skejjel li nfetħu meta kien Direttur tal-Iskejjel Primarji l-Kanonku Dun Pawl Pullicino, li kien imexxi l-iskejjel primarji bejn 1850 u 1880. Il-Kan. Pullicino ħadem bla heda fil-qasam tal-Edukazzjoni u bis-saħħa tiegħu meta rtira fl-1880, kien hemm skola primarja kważi f'kull belt jew raħal ta' Malta.

Meta Dun Pawl beda jmexxi l-iskejjel primarji fl-1850, f'Għawdex kien hemm biss żewġ skejjel primarji tal-Gvern, dik tar-Rabat,[1] u dik tan-Nadur li nfetħet fl-1842.[2] Matul it-tmexxija ta' Dun Pawl Pullicino fl-1851 infetħet Skola Sekondarja jew Liceo tas-subien fir-Rabat,[3] u fl-1853 beda l-bini tal-iskola primarja fir-Rabat fil-Vajringa, bini li tlesta kważi minn kollox f'Ġunju 1855.[4] Fl-1859 infetħet l-iskola primarja fir- raħal tal-Għarb.[5]



### *Il-ftuħ tal-iskejjel tax-Xewkija*

Fis-17 ta' Diċembru 1861, il-Kanonku Dun Pawl Pullicino, kiteb lis-Segretarju Prinċipali tal Gvern u nfurmah li fit 2 ta' Diċembru 1861, kienu nfetħu żewġ skejjel f'Għawdex, it-tnejn tas-subien, waħda fix-Xewkija u l-oħra fix-Xagħra. Infurmah ukoll li fl-iskola tax-Xewkija kienu daħlu 47 tifel.[6]

Xahar wara, fis-17 ta' Jannar 1862, il-Kan. Pullicino, reġa' kiteb lil Sir Victor Houlton u infurmah li fis-7 ta' Jannar 1862, f'Għawdex kienu nfetħu żewġ skejjel tal-bniet, waħda fix-Xewkija u l-oħra tax-Xagħra. Fl-iskola tax-Xewkija daħlu 70 tifla.[7] Mela b'kollox fiż-żewġ skejjel tax-Xewkija kienu qegħdin jattendu 117-il tifel u tifla.

### *Ir-rapport tal-1874*

Minn rapport tal-Kan Pullicino dwar l-attendenza fl-iskejjel primarji ta' Malta u Għawdex, insibu din l-informazzjoni dwar l-iskejjel primarji tax-Xewkija. Fl-iskola tas- subien kienu qegħdin jattendu 24 tifel u f'dik

---

1 Din l-iskola, kienet diġa qed tiffunzjona fl-1 ta' Diċembru 1832, meta Dr Edoardo Mallia ġie maħru *School Master of Rabato, Gozo*, ara A(Arkivju) N(Nazzjonali) M(Malta) CSG/01/Le Marchant Vol 8 (1858) no1092.

2 A.N.M Petitions O'Ferrall, Vol10, petition Dr. Giuseppe Xuereb, li fiha jgħid li kien *il Maestro della Scuola Primaria stabilita nel Nadur del Gozo insin dal 1842.*

3 A.N.M CSG/O1/Reid Vol 27 No 3943 li fiha jingħad li din l-iskola nfetħet f'Settembru 1851.

4 A.N.M. CSG/01/Reid Vol 53 No 7899. *Monthly report of the progress made in civil works and repairs, June 1855*, fejn insibu dan it-tagħrif

| | |
|---|---|
| *Description of work* | *Constructing a Building for Primary Schools in Gozo* |
| *When commenced* | *November 1853* |
| *Amount Voted* | *£1160* |
| *Expended* | *£1153* |
| *Degree of Progress of work* | *Completed with the exception of the plumber's work which is in progress. Probable times of completion August* |

5 A.N.M CSG/V01/ Le Marchant Vol 15 No 2110 fejn jingħad li l-iskola infetħet fi Frar 1859

6 A.N.M CSG/01/ Le Marchant Vol 52, No 7718

7 A.N.M CSG/01/ Le Marchant, Vol 53 No 7890


Office of the Schools
of Primary Education
17th December 1861

Sir

I beg to report for the information of His Excellency the Governor the opening of the following new Primary Schools;

On the 2nd instant -
The Male School of Sciuchia, Gozo
admitted 47 boys
The Male School of Xaghra, Gozo
admitted 86 boys
On the 9th instant
The Male School of [illegible]
admitted 83 boys
The Male School of Crendi
admitted 55 boys
On the 10th instant
The Female School of [illegible]
admitted 96 girls

The Honorable
Sir Victor Houlton
Chief Secᵗ to Govᵗ

tal-bniet kien hemm 26 tifla li kienu mqassmin hekk.[8]

| | Class IV | Class III | Class II | Class I | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Subien | 0 | 0 | 6 | 18 | 24 |
| Bniet | 0 | 0 | 6 | 20 | 26 |

Jekk tqabbel dawn il-figuri ma' dawk tal-bidu nsibu li n-numru ta' studenti kien naqas b'aktar minn nofs, għax filwaqt li fl-1861/1862 fiż-żewġ skejjel kellek b'kollox 117 student, fl-1874 kien hemm biss 50 student. Mill-istatistika tal-1874, wieħed jinnota ukoll li fiż-żewġ skejjel l-istudenti kienu qegħdin jaslu biss sat-tieni klassi. Wieħed irid jiftakar ukoll li dak iż-żmien l-Edukazzjoni ma kinitx obbligatorja.

### *Ir-rapport tal-1877*

B' rapport ieħor tal-Kan. Pullicino bid-data tal-24 ta' Diċembru 1877, jagħtina tagħrif dwar il-qagħda tal-iskejjel primarji f'Novembru 1877. Dan ir-rapport ma jagħmilx distinzjoni bejn skejjel tas-subien u bniet u jiġbor l-istatistika f'daqqa.

Mir-rapport nafu li fix-Xewkija kien hemmm 98 tifel u 106 tifla, bejn il-ħames u t-tnax - il sena. Minnhom fuq ir-reġistri tal-iskejjel kien hemm 32 tifel u 35 tifla. L-*average attendance* kienet ta' 28 fost is-subien u 30 fost il-bniet.[9]

Ħarsa lejn dawn iċ-ċifri turina li 32% tas-subien kienu qegħdin jattendu l-iskola u dwar il-bniet il-persentaġġ kien ta' 33%. In-numru ta' studenti fl-iskejjel fl-1874, kien ta' 50, iżda tliet snin wara fl-1877, kien tela' għal 67.

### *Ir-rapport tal-1888*

Insibu rapport ieħor dwar l-iskejjel primarji bid-data tal-15 ta' Ottubru 1888, bil-firma ta' Achille Ferris *Inspector of the Primary Schools.*

Minn dan ir-rapport nafu li fir-reġistru tal-iskola tas-subien (Xewkija) kien hemm 48 tifel u l-*average attendance* kienet ta' 37. Dwar il-bniet, kien hemm 40 fuq ir-reġistru u l-*average attendance* kienet ta' 30. Jekk tqabbel dawn il-figuri ma' dawk tal-1877, issib li n-numru ta' studenti fiż-żewġ skejjel kien żdied għax tela' għal 88.

L-istudenti kienu mqassmin hekk:[10]

| Class | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| Subien | 34 | 4 | 10 | | |
| Bniet | 26 | 8 | 6 | | |

Jekk tqabbel dawn il-figuri ma' dawk ta' 1874 tinduna li filwaqt li fl-1874 l-istudenti kienu jieqfu jattendu wara t-tieni klassi, issa kien hemm min kien qiegħed jattendi fit- tielet klassi.

[8] A.N.M CSG/01/STRAUBENZEE, Vol 49 (1875) No 7298

[9] IBID. STRAUBENZEE, Vol 96 (1877) No 14370

[10] A.N.M CSG/01/ TORRENS, Vol 4 (1888) No 453






TIEQA FUQ L-AMBJENT (34)

# IR-RAMLA



*(Dan huwa t-tielet artiklu minn sensiela dwar siti ta' importanza ekoloġika f'Għawdex)*

*kitba ta'* JOE SULTANA

Ir-**Ramla** (magħrufa mill-Maltin bħala r-**Ramla l-Ħamra**) toffri pajsaġġ mill-isbaħ fil-kampanja ta' Għawdex. Hija wkoll post storiku bi fdalijiet ta' Villa Rumana u ta' strutturi ta' fortifikazzjoni, kif ukoll b'ħajt ta' taħt il-baħar u fogazza mħaffra fi blata kbira. Iżda, l-iskop ta' dan l-artiklu hu li nagħti tagħrif dwar l-importanza ekoloġika ta' dan is-sit uniku, fejn tinstab medda ta' għaram tar-ramel, li ma tinstab mkien iżjed f'Għawdex.



*Għaram tar-Ramel fir-Ramla (ritratt J. Sultana)*

L-**għaram tar-ramel**, magħrufin bl-Ingliż bħala *sand dunes*, huma braġ kbar ta' ramel li permezz tar-riħ u tal-baħar, kif ukoll bl-għajnuna ta' pjanti li jikbru fir-ramel, jiġu ffurmati u jogħlew fuq in-naħa ta' wara tal-bajja. Dan l-għaram tar-ramel jitqies bħala s-sinsla tal-bajja, għax iservi ta' lqugħ, u iżjed ma jogħlew iżjed ikun hemm ramel fil-bajja. Fil-gżejjer Maltin dan it-tip ta' ħabitat għadu jinstab kważi fir-**Ramla** t'Għawdex biss. Minħabba li l-għaram tar-ramel huwa ħabitat rari ħafna f'pajjiżna, jirriżulta li dawk l-ispeċi ta' flora u fawna li jgħixu f'dan it-tip t'ambjent huma rari wkoll. Madwar 14-il speċi ta' flora jikbru biss fl-għaram tar-ramel u 'l biċċa l-kbira tagħhom huma rari ħafna.



*Xewk tar-Ramel (ritratt j. Sultana)*

F'Għawdex dawn l-ispeċi ta' flora jikbru biss fl-għaram tar-ramel fir-Ramla. Fost dawn insibu x-**Xewk tar-Ramel** (*Eryngium maritimum*, Sea Holly) li hija pjanta perenni, għax għalkemm tmut kull sena, l-għeruq tagħha jibqgħu ħajjin u terġa' tikber. Togħla madwar 60 ċm, b'ħafna friegħi ġo xulxin u b'weraq bajdani, ixewwek ħafna. Tipproduċi rjus tal-fjuri bajdanin fis-sajf u fil-bidu tal-ħarifa. It-**Tengħud tar-Ramel** (*Euphorbia paralias*, Sea Spurge) ukoll għandu għeruq perenni li jtellgħu pjanta kull sena, bi zkuk dritti li jogħlew sa 60ċm. L-irjus tal-fjuri ħadranin fl-isfar jidhru fir-rebbiegħa u s-sajf. Pjanta li fil-Gżejjer Maltin issa x'aktarx li tinstab biss fl-għaram tar-ramel fir-Ramla, hija n-**Nefel tar-Ramel** (*Medicago marina*, Sea Medick). Tikber ċatta mal-art u twarrad fir-rebbiegħa, bukketti żgħar bi fjuri sofor.



*Tengħud tar-Ramel (ritratt A. Casha)*

L-iżjed pjanta tar-ramel li tolqot l-għajn, u li f'Għawdex tikber biss fir-Ramla, hija l-**Pankrazju** (*Pancratium maritimum*, Sea Daffodil). Din magħrufa wkoll bħala **Ġilju tar-Ramel** jew **Narċis il-Baħar**. Għandha l-weraq kaħlani u jikber f'għamla spirali. Twarrad fis-sajf u l-ħarifa f'ġilju jfuħ, abjad silġ. Hija perenni bħan-narċis, għax bil-basla, li ġieli tkun fil-fond ħafna fir-ramel.

Numru ta' speċi tal-fawna wkoll jinstabu jgħixu biss



Nefel tar-Ramel (ritratt A. Casha)



Il-fjura tal-Pankrazju (ritratt J. Sultana)



Grillu tar-Ramel (ritratt A. Casha)

fl-għaram tar-ramel. Wieħed minn dawn huwa l-**Grillu tar-Ramel** (*Brachytrupes megacephalus*, Sand Cricket). Dan huwa rari ħafna u f'Għawdex jinstab biss fl-għaram tar-ramel tar-Ramla. Jgħix f'toqob li jħaffer hu stess u joħroġ bil-lejl. Kuluru kannella ċar safrani u għandu relattivament ras kbira.

It-topografija, l-istorja u n-natura tar-**Ramla**, jagħmlu dan il-post uniku. L-għaram tar-ramel li jinstab hemm, joffri mhux biss ħabitat tajjeb għal diversi speċi speċjali tal-flora u l-fawna, iżda wkoll jipproteġi l-bajja, li hija popolari ħafna speċjalment fis-sajf bħala post ta' rikreazzjoni. Mingħajr il-flora speċjali ta' dan il-ħabitat, li tgħin ħafna biex torbot ir-ramel, ma jinħoloqx l-għaram tar-ramel, u mingħajr dan l-għaram, il-bajja nfisha ma tkunx sostnuta u protetta. Tassew katina naturali. Imma qed nibżgħu biżżejjed għal din il-bajja?



Ir-Ramla (ritratt J. Sultana)

**PICTURE STORY** **minn SEQER**

# It-Tribulazzjonijiet tal-Povru Monument













## SMUGGLER'S CAVE
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



*Mix-Xena Sportiva F'GĦAWDEX* *minn* **Joe Bajada**



# Clifford Debattista magħżul bħala Rugby League Player tas-Sena, f'Malta

Il-plajer Għawdxi tar-*Rugby League* Malti, Clifford Debattista rebaħ il-medalja Ray Morris bħala r-rebbieħ tal-Aqwa *Player* tas-Sena Malti tar-*Rugby*. Clifford Debattista li għandu 25 sena huwa wkoll l-viċi-*captain* tat-tim Nazzjonali Malti. Bħal kważi kull żagħżugħ ieħor Għawdxi huwa beda jilgħab il-futbol mat-tim ta' raħal twelidu Għajnsielem. Imbagħad huwa ħass li kellu sfidi oħra li seta jsibhom fi sport ieħor. Fil-fatt wara kuntatti li huwa kellu mal-kowċ nazzjonali Malti tar-*Rugby Union* Damien Neil, dan issuġġerilu li jibda l-isport tar-Rugby. Fil-fatt Clifford hekk għamel għax ħass ġibda għal dan l-isport u peress li r-*Rugby* mhux ipprattikat f'Għawdex, huwa ġieħ iċ-ċans li ħames snin ilu jingħaqad mat-tim il-ġdid ta' *Valletta Lions*. Wara sena ta' taħriġ, dan it-tim ġdid beda jieħu sehem fil-Kampjonat Nazzjonali fejn sa mill-ewwel stadji tiegħu f'dan l-isport, Clifford Debattista mall-ewwel wera li jipprometti. Wara tliet snin jieħu sehem fir-*Rugby Union* fejn kiseb bosta esperjenza, huwa beda jieħu sehem ukoll fir-*Rugby League* li fl-opinjoni tiegħu dan joffri iktar sfidi u sagrifiċċji biex iżżomm il-livell ta' logħob tiegħek. Kien ftit wara li huwa beda jissejjaħ mat-tim Nazzjonali Malti fejn s'issa lagħab diversi logħbiet, bid-debutt tiegħu jkun fil-logħba kontra n-Norveġja madwar sena u nofs ilu. Fl-2010 huwa rebaħ ukoll l-unur tal-Aqwa *Forward* tal-*Valletta Rugby Football Union*. Kien f'dan il-perjodu wkoll li Clifford kien offrut mill-Kumitat tar-*Rugby League* li jagħmel il-*level 2 coaching course* li kien maqsum fi tliet fażijiet barra minn xtutna li fih Debattista għadda b'suċċess. B'dan kollu, Clifford Debattista issa wera x-xewqa li jibda jgħaddi dak li kkwalifika minnu lill-oħrajn u ma damx wisq ma sab dilettanti oħra Għawdxin għal dan l-isport fejn bdew it-taħriġ tagħhom fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra. Wara ftit huma sabu anke l-appoġġ tal-*Gozo Football Assoctation* fejn din offritilhom l-użu tal-faċilitajiet tal-*Gozo Stadium*. Fil-fatt bħalissa l-grupp jikkonsisti f'madwar 25 persuna fejn ġa ġie ffurmat it-tim rappreżentattiv Għawdxi.

Meta Clifford Debattista ngħata l-aħbar tal-unur li kiseb bħala l-Plajer tas-Sena Malti, huwa kien sorpriż u dan għal fatt li skont hu jikkunsidra li hemm plajers oħra ta' livell li anke jilgħabu mat-tim Nazzjonali Malti. Madankollu huwa xtaq irodd ħajr lill-familja u lit-tfajla tiegħu għas-sapport u s-sagrifiċċji li jagħmlu miegħu biex seta' jilħaq dan il-livell. Huwa stqarr magħna li jixtieq li jara iktar żgħażagħ Għawdxin li jersqu lejn dan l-isport li minkejja li jidher forsi li huwa xi sport aggressiv, huwa biss sport iktar fiżiku fejn dan m'għandux jaqta' qalb dawk kollha li jixtiequ jibdew jipprattikaw għax skont l-istess Debattista dan huwa sport affaxxinanti u li jagħtik sodisfazzjon. Għalhekk dawk kollha li huma interessati



li jibdew jipprattikaw dan l-isport, kull m'għandhom jagħmlu huwa li jċemplu fuq 99256440 u jingħataw id-dettalji kollha biex ikunu jistgħu jagħmlu dan.

Fuq dan is-suċċess ta' Clifford Debattista, esprima ruħu anke l-*captain* tat-tim Nazzjonali Malti Chris Parker li qal li Debattista huwa ta' eżempju ċar ta' kif ir-*rugby league* jiżviluppa lill-plajers tiegħu. Dan għal fatt li Clifford ftit li xejn kien jaf xejn fil-bidu dwar din il-logħba u f'inqas minn sentejn Clifford mhux biss stabbilixxa ruħu bħala wieħed mill-plajers ewlenin tat-tim Nazzjonali, iżda wkoll li kkwalifika bħala *Level 2 coach*, u dan ser jgħin bil-bosta biex anke r-*rugby* ikun stabbilit f'Għawdex. Parker żied jgħid ukoll li plajers oħra bbażati f'Malta għandhom iħarsu lejn il-passi li għamel Clifford fejn dan għandu jkun ta' ispirazzjoni għalihom biex ikomplu jgħollu u javanzaw fil-karriera tagħhom, għax bid-dedikazzjoni u l-impenn qawwi li wera Clifford spiċċa biex intgħażel bħala l-Aqwa *Player* tas-Sena f'Malta tar-*Rugby*.




*Versi ta'* **ANTON F. ATTARD**

# 1. PJAZZA INDIPENDENZA

## *(Misraħ it-Tokk)*





*F'Għawdex għandna post ewlieni,*
*Misraħ bl-akbar prominenza,*
*Pjazza t-Tokk dari kien jismu,*
*Illum Pjazza Indipendenza.*

*Dari kellu l-balavostri,*
*B'żewġ siġriet tal-awrikarja,*
*Wara tħawlu wkoll tal-ficus[1]*
*Jagħmlu d-dell u jsaffu l-arja.*

*Fih il-Banka tal-Ġurati,*
*Ħwienet sbieħ mad-dawra kollha,*
*Hawn isiru l-akbar festi*
*Hawn in-nies tiġi u tiffolla.*

*Fih il-knisja ta' San Ġakbu,*
*Fejn hemm statwa tad-Duluri,*
*Wisq devota din l-istatwa,*
*Lejha n-nies kull qima turi.*

*Monument sabiħ tal-Gwerra*
*Hawn ukoll bħala tifkira,*
*Tal-Għawdxin li raw ma' wiċċhom*
*Il-mewt fl-Aħħar Gwerra l-Kbira.*

*X'misraħ dan! Xi pjazza dina!*
*Kemm rat festi u tifkiriet,*
*Hawn kull roqgħa tgħid xi storja,*
*Hawnhekk mamma tal-ġrajjiet!*





---
[1] *Ficus nitida*

# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Richard Grech*

## IL-FANAL FUQ L-GĦOLJA TAL-ĠORDAN





il-Kummissjoni Djoċesana Familja qed torganizza

# Konferenza Djoċesana 2012

bis-suġġett:



## familja soda, soċjetà b'saħħitha

### nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Jannar 2012
### mill-5pm sat-8pm

### fis-Sala Villa Fiorita

limiti ta' Marsalforn

jitkellem Don Carlo Bresciani,
psikologu, moralista u konsultur tas-Santa Sede
traduzzjoni mit-Taljan għall-Malti waqt is-serata

### kulħadd huwa mistieden

ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal